DJOĊESI TA' GĦAWDEX

# "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?"

(Mk 10,17)

2014

Sussidju Pastorali għar-Randan

# “Mgħallem tajjeb, x’għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta’ dejjem?”
## (Mk 10,17)

**Sussidju Pastorali għar-Randan**

**Segreterija Pastorali**
**Djoċesi ta’ Għawdex**
**2014**

## DAĦLA

It-tema għal dan is-Sussidju Pastorali hi marbuta ma' żewġ dimensjonijiet tal-ħajja pastorali tal-Knisja f'Għawdex.

L-ewwel, il-Pjan Pastorali Djoċesan għas-snin 2013-2016 huwa mibni fuq il-ġrajja tar-raġel għani li mar jiġri wara Ġesù. Ir-raġel, jew iż-żagħżugħ għani – kif spiss nirreferu għalih - , jistqarr li Ġesù hu l-Imgħallem it-Tajjeb. It-tieni, bħalissa qed issir il-Viżta Pastorali fid-Djoċesi, li wkoll għandha bħala tema ċentrali t-tjubija ta' Alla: "Niltaqgħu mal-imħabba ta' Alla". Hekk, l-azzjoni kollha tal-Knisja hi marbuta mat-tjieba ta' Alla, kif qed jenfasizza bil-qawwa Papa Franġisku. Għalhekk l-enfasi, fl-ewwel parti tas-sussidju – dik bibblika - , fuq l-imħabba ta' Kristu li tmexxi l-ħajja tal-Knisja.

Mill-banda l-oħra, l-imħabba mhix esperjenza diżinkarnata, imma tmiss il-ħajja ta' kuljum tal-bniedem u tar-relazzjonijiet bejnietna. F'dan id-dawl naraw l-enfasi tal-Kmandamenti, proposti bħala suġġett għall-Eżerċizzi tar-Randan. Il-Pjan Pastorali jistqarr: «Quddiem tant skandli li seħħew fid-dinja f'dawn l-aħħar snin – skandli fl-ekonomija, fil-politika, fl-ekoloġija, fix-xogħol, fit-traffikar ta' persuni, fil-Knisja... – ħafna kienu dawk li għamlu appelli biex is-soċjetà terġa' tirkupra d-dimensjoni etika u morali tagħha. L-etika mhix marbuta ma' reliġjon partikulari, imma hi marbuta mal-verità tal-bniedem stess. Il-Knisja ma tivvintax veritajiet imma ddawwal il-ħajja morali tal-bniedem għax tpoġġiha f'relazzjoni wkoll ma' Alla. Hi meħtieġa, għalhekk, kuxjenza etika fil-ħajja privata, fil-ħajja soċjali, fil-ħajja professjonali, fil-ħajja politika, fil-qasam finanzjarju... F'kelma waħda, b'sens ta' libertà u responsabbiltà, jeħtieġ li kull bniedem jgħix etikament tajjeb kemm fil-ħajja privata u kemm fil-ħajja pubblika tiegħu.» (n.40)

Minbarra l-parti bibblika, is-Sussidju joffri wkoll għajnuna għat-talb personali jew fi grupp. F'din il-parti, qed noffru Meditazzjonijiet marbuta mal-enċiklika *Evangelii Gaudium*, u Via Sagra b'kitbiet ta' Madre Margerita De Brincat, li Papa Franġisku ddikjaraha Venerabbli ftit taż-żmien ilu. Wieħed isisb ukoll għajnuna għall-omelija u għall-kateżi, u ċelebrazzjoni penitenzjali.

Xtaqna offrejna aktar materjal, imma ma kienx possibbli.

Nixtieq irrodd ħajr lil dawk li kkontribwew għal dan is-Sussidju, kif ukoll lil Francesco Pio Attard u lil Noel Formosa li ħadu paċenzja jduru partijiet mis-Sussidju għall-ortografija.

**Dun Giovanni Curmi**
*Segretarju Pastorali*

## 1. MESSAĠĠ TAL-Q.T. FRANĠISKU GĦAR-RANDAN 2014

***Ftaqar hu biex bil-faqar tiegħu nistagħnu aħna*** *(ara 2 Kor 8:9)*

*Għeżież ħuti,*

Fl-okkażjoni tar-Randan, qed noffrilkom xi riflessjonijiet, biex jistgħu jservu ta' għajnuna fil-mixja personali u komunitarja ta' konverżjoni. Nieħu spunt mill-espressjoni ta' San Pawl: "Intom tafu l-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad li kien għani, ftaqar minħabba fikom, sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu" (2 Kor 8:9). L-Appostlu jdur fuq l-Insara ta' Korintu biex jagħmlilhom il-qalb ħa jkunu ġenerużi fl-għajnuna tagħhom lill-fidili ta' Ġerusalemm li kienu jinsabu fil-bżonn. Xi jridu jgħidulna, lilna l-Insara tal-lum, dawn il-kelmiet ta' San Pawl? X'qed tgħidilna l-lum lilna l-istedina għall-faqar, għal ħajja fqira fis-sens evanġeliku?

*Il-grazzja ta' Kristu*

Qabel xejn jgħidulna liema hu l-istil ta' Alla. Alla ma jinqediex bil-mezzi tal-qawwa u tal-għana tad-dinja biex juri ruħu, imma b'dawk tad-dgħufija u tal-faqar: *"Għad li kien għani, ftaqar minħabba fikom…"*. Kristu, l-Iben etern ta' Alla, ħaġa waħda mal-Missier fil-qawwa u l-glorja, ftaqar; niżel fostna, ġie qrib ta' kull wieħed u waħda minna; tneżża', "tbattal", biex f'kollox ikun bħalna (ara Fil 2:7; Lhud 4:15). X'misteru kbir hi l-inkarnazzjoni ta' Alla! Imma r-raġuni wara dan kollu hi l-imħabba divina, imħabba li hi grazzja, ġenerożità, xewqa li tkun qrib tagħna, u ma tehda qatt tingħata u tissagrifika ruħha għall-ħlejjaq li hi tħobb. Il-karità, l-imħabba tfisser li f'kollox taqsam fix-xorti ta' min tħobb. L-imħabba tagħmilna simili għal xulxin, toħloq ugwaljanza, iġġarraf il-ħitan u d-distanzi. U dan li għamel Alla magħna. Ġesù, fil-fatt, "ħadem b'idejn ta' bniedem, ħaseb b'moħħ ta' bniedem, aġixxa b'rieda ta' bniedem, ħabb b'qalb ta' bniedem. Imwieled mill-Verġni Marija, sar tassew wieħed minna, jixbahna f'kollox barra mid-dnub" (Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes*, 22).

L-iskop għaliex Ġesù sar fqir m'hux il-faqar fih innifsu, imma – jgħid San Pawl – *"…biex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu"*. Dan m'hux logħob bil-kliem, xi espressjoni li tiġbed l-għajn! Imma hi sintesi tal-loġika ta' Alla, il-loġika tal-imħabba, il-loġika tal-Inkarnazzjoni u tas-Salib. Alla ma qabadx u xeħet fuqna s-salvazzjoni mill-għoli, bħall-karità ta' min jagħti miż-żejjed tiegħu bi pjetiżmu filantropiku. M'hijiex din l-imħabba ta' Kristu! Meta Ġesù jinżel fl-ilmijiet tal-Ġordan u jitgħammed minn Ġwanni l-Battista, dan ma jagħmlux għax għandu bżonn tal-penitenza, tal-konverżjoni; jagħmlu biex jidħol qalb in-nies, li għandha bżonn tal-maħfra, fostna l-midinbin, biex jerfa' fuqu t-toqol ta' dnubietna. Din hi t-triq li għażel biex ifarraġna, jifdina, jeħlisna mill-miżerja tagħna. Jolqotna dak li jgħid l-Appostlu li aħna ġejna meħlusa mhux permezz tal-għana ta' Kristu, imma *permezz tal-faqar tiegħu*. Madankollu, San Pawl jaf sewwa "l-għana li ebda moħħ ma jista' jifhmu" (Efes 3:8) ta' Kristu, "werriet ta' kollox" (Lhud 1:2).

Mela x'inhu dan il-faqar li bih Ġesù jeħlisna u jagħmilna għonja? Hu sewwa sew il-mod tiegħu ta' kif iħobbna, ta' kif isir proxxmu tagħna bħas-Samaritan it-Tajjeb li jersaq lejn dak ir-raġel li ħallew għal mejjet fuq il-ġenb tat-triq (ara Lq 10:25ss). Dak li jagħtina l-veru ħelsien, il-vera salvazzjoni u l-veru ferħ hu l-imħabba tiegħu kollha ħniena u ħlewwa, dejjem lesta li taqasam ma' l-oħrajn. Il-faqar ta' Kristu li bih nistagħnew hu li sar ġisem, li ħa fuqu d-dgħufijiet tagħna, id-dnubiet tagħna, u hekk uriena l-ħniena bla tarf ta' Alla. Il-faqar ta' Kristu hu l-akbar għana: Ġesù hu għani fil-fiduċja bla qies tiegħu f'Alla l-Missier, għax jafda fiH il-ħin kollu, u jfittex dejjem u biss ir-rieda tiegħu u l-glorja tiegħu. Hu għani bħalma hu tfajjel li jħossu maħbub u

jħobb lill-ġenituri tiegħu u lanqas għal waqt wieħed biss ma jiġih dubju minn imħabbithom u tjubithom għalih. L-għana ta' Ġesù qiegħed fil-fatt li hu *l-Iben*, ir-relazzjoni unika tiegħu mal-Missier hi l-prerogattiva sovrana ta' dan il-Messija fqir. Meta Ġesù jistedinna biex nieħdu fuqna l-"madmad ħelu" tiegħu, hu qed jistedinna nistagħnew b'dan il-"faqar għani" u "għana fqir", biex naqsmu miegħU l-Ispirtu filjali u fratern tiegħu, biex insiru wlied fl-Iben, aħwa fil-Kbir fost ħafna aħwa (ara Rum 8:29).

Intqal li l-uniku veru swied il-qalb hu li ma nkunux qaddisin (L. Bloy); nistgħu ngħidu wkoll li hemm biss miżerja waħda vera: li ma ngħixux ta' wlied Alla u ta' aħwa ta' Kristu.

*Ix-xhieda tagħna*

Nistgħu naħsbu li din it-"triq" tal-faqar kienet dik ta' Ġesù, filwaqt li aħna, li ġejna warajH, kapaċi nsalvaw id-dinja b'mezzi umani adegwati. M'huwiex hekk. F'kull epoka u f'kull post, Alla jissokta jsalva lill-bnedmin u d-dinja *permezz tal-faqar ta' Kristu*, li jsir fqir fis-Sagramenti, fil-Kelma u fil-Knisja tiegħu, li hi poplu tal-foqra. L-għana ta' Alla ma jistax jgħaddi minn ġo l-għana tagħna, imma dejjem u biss minn ġol-faqar tagħna, personali u komunitarju, animat mill-Ispirtu ta' Kristu.

Fuq il-passi tal-Imgħallem tagħna, aħna l-Insara msejħin biex inħarsu lejn il-miżerji ta' ħutna, biex immissuhom, biex inħossuna responsabbli għalihom u nħabirku b'mod konkret biex intaffuhomlhom. Il-*miżerja* ma tmurx mal-*faqar*; il-miżerja hi l-faqar mingħajr fiduċja, mingħajr solidarjetà, mingħajr tama. Nistgħu nagħżlu bejn tliet tipi ta' miżerja: il-miżerja materjali, il-miżerja morali u l-miżerja spiritwali. Il-*miżerja materjali* hi dik li normalment insejħulha faqar u tmiss lil dawk kollha li qed jgħixu f'kundizzjoni li ma tixraqx lill-persuna umana: imċaħħda mid-drittijiet fundamentali u mill-ġid l-iżjed meħtieġ, jiġifieri l-ikel, l-ilma, il-kundizzjonijiet ta' ndafa, ix-xogħol, il-possibbiltà ta' żvilupp u tkabbir kulturali. Quddiem din il-miżerja l-Knisja toffri s-servizz tagħha, id-*diakonia* tagħha, biex toħroġ tiltaqa' mal-ħtiġijiet u tfejjaq dawn il-ġrieħi li qed jisfiguraw il-wiċċ tal-umanità. Fil-foqra u fl-imwarrbin aħna nilmħu wiċċ Kristu; meta nħobbu u ngħinu lill-foqra, inkunu nħobbu u naqdu lil Kristu. L-impenn tagħna norjentawh ukoll biex nagħmlu mod li jieqfu fid-dinja l-vjolazzjonijiet tad-dinjità umana, id-diskriminazzjonijiet u l-abbużi tal-poter, li, f'tant każi, huma l-għeruq tal-miżerja. Meta l-poter, il-lussu u l-flus isiru idoli, inkunu qegħdin inpoġġuhom qabel il-ħtieġa li l-ġid jitqassam indaqs bejn kulħadd. Għalhekk, hu meħtieġ li l-kuxjenzi jikkonvertu lejn il-ġustizzja, l-ugwaljanza, is-sempliċità u l-qsim.

Mhux inqas ta' tħassib hi l-*miżerja morali*, jiġifieri meta nsiru lsiera tal-vizzju u tad-dnub. Kemm familji huma mifnija għax xi ħadd mill-membri – spiss żagħżugħ – waqa' fil-vizzju tax-xorb, tad-droga, tal-logħob, tal-pornografija! Kemm persuni tilfu s-sens ta' ħajjithom, tonqoshom viżjoni għall-futur u huma bla tama! U kemm persuni spiċċaw bil-fors f'din il-miżerja minħabba kundizzjonijiet soċjali inġusti, minħabba n-nuqqas ta' rispett lejn id-drittijiet għall-edukazzjoni u għas-saħħa. F'dawn il-każijiet il-miżerja morali nistgħu saħanistra nsejħulha l-bidu ta' suwiċidju. Din l-għamla ta' miżerja, li hi anki kawża tar-rovina ekonomika, dejjem hi marbuta mal-*miżerja spiritwali*, li tmissna meta nitbiegħdu minn Alla u nirrifjutaw imħabbtu. Jekk naħsbu li m'għandniex bżonn ta' Alla, li fi Kristu jżommilna jdejna, għax jidhrilna li nistgħu ngħaddu waħidna, inkunu qed nimxu fit-triq tal-falliment. Alla hu l-uniku li jista' tabilħaqq isalva u jeħles.

Il-Vanġelu hu d-duwa vera kontra l-miżerja spiritwali: in-Nisrani hu msejjaħ jieħu miegħu f'kull ambjent it-tħabbira ħelliesa li tassew teżisti l-maħfra mill-ħażen imwettaq, li Alla hu akbar mid-dnub tagħna u jħobbna b'xejn, dejjem, u li aħna ġejna maħluqin għall-komunjoni u għall-ħajja ta' dejjem. Il-Mulej jistedinna nkunu ħabbâra hienja ta' dan il-messaġġ ta' ħniena u ta' tama! Kemm hi ħaġa sabiħa li nduqu dan il-ferħ li nxerrdu din il-bxara tajba, li naqsmu ma' l-oħrajn it-teżor fdat lilna, li nfarrġu l-qlub maqsuma u nagħtu t-tama lil tant aħwa rġiel u nisa maħfuna mid-dlam. Dan nagħmluh billi nimxu wara Ġesù u nixbhuh, hu li mar għand il-foqra u l-midinbin bħalma

ragħaj joħroġ ifittex in-nagħġa l-mitlufa, u dan għamlu mimli bl-imħabba. Magħqudin miegħU nistgħu bil-kuraġġ kollu niftħu toroq ġodda ta' evanġelizzazzjoni u promozzjoni umana.

Għeżież ħuti, dan iż-żmien tar-Randan lill-Knisja kollha jsibha disposta u mħeġġa biex, quddiem dawk kollha li qed jgħixu fil-miżerja materjali, morali u spiritwali, tagħti xhieda tal-messaġġ tal-Vanġelu, li nistgħu niġbruh fit-tħabbira tal-imħabba tal-Missier il-ħanin, lest biex fi Kristu jgħannaq miegħu lil kull bniedem. Dan nistgħu nagħmluh daqskemm inkunu ħaġa waħda ma' Kristu, li ftaqar biex bil-faqar tiegħu stajna nistagħnu aħna. Ir-Randan hu ż-żmien it-tajjeb biex nitneżżgħu; u jagħmlilna tajjeb jekk nistaqsu lilna nfusna minn liema ħwejjeġ nistgħu niċċaħħdu biex nistgħu ngħinu u bil-faqar tagħna nagħnu lil oħrajn. Ma ninsewx li l-faqar veru jweġġa': l-ebda ċaħda ma tkun tiswa mingħajr din id-dimensjoni penitenzjali. Ma nemminx f'għamla ta' karità li m'għandhiex prezz u li ma tweġġax.

L-Ispirtu s-Santu, li bih "[aħna] bħal nies foqra, għad li nagħmlu għonja lil ħafna; bħal nies li ma għandhom xejn, għad li kollox huwa tagħna" (2 Kor 6:10), iwieżen dawn l-intenzjonijiet tagħna u jsaħħaħ fina l-attenzjoni u r-responsabbiltà fil-konfront tal-miżerja umana, biex nikbru fil-ħniena u nsiru operaturi tal-ħniena. B'dan l-awgurju, niżgurakom mit-talb tiegħi biex kull min jemmen u kull komunità fil-Knisja twettaq bi frott din il-mixja tar-Randan, u nitlobkom titolbu għalija. Il-Mulej iberikkom u l-Madonna tħariskom.

*Mill-Vatikan, 26 ta' Diċembru 2013*
*Festa ta' San Stiefnu, djaknu u protomartri*

**FRANĠISKU**

*miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

## 2. IL-KMANDAMENT TAL-IMĦABBA FIL-ĠDID TESTMENT

**Dun Charles Buttigieg**

*"Wieħed mill-kittieba ... staqsieh: "Liema wieħed fost il-kmandamenti kollha huwa l-ewwel?"*
*(Mark 12:28)*

### Liġijiet tal-Bnedmin jew Kmandamenti ta' Alla?

Il-Lhud kienu preokupati li jagħmlu r-rieda t'Alla u riedu jkunu żguri li kull nitfa tal-ħajja ta' kuljum u kull sitwazzjoni jkun hemm liġi li tirregolahom. Hekk il-bniedem kien ikun jaf bi preċiżjoni kif għandu jġib ruħu fiċ-ċirkustanzi kollha. Kellhom 613 preċett (bl-ebrajk: 'mitzvot'), il-biċċa l-kbira negattivi: 365 (daqs kemm hemm ġranet fis-sena) kienu projbizzjonijiet, u 248 (daqs kemm kienu jaħsbu li fih partijiet il-ġisem tal-bniedem) kienu mpożizzjonijiet. Dawn il-'mitzvot' jinsabu fl-ewwel ħames kotba tal-Bibbja, it-'Torah'. Il-kelma 'Torah' tfisser 'tagħlim' jew aħjar 'it-triq', b'rabta mal-kelma ebrajka 'derekh' li tfisser 'triq'. Hawhekk wieħed jista' wkoll jara r-rabta tal-kelma maltija semitika 'triq' mal-kelma ebrajka. Il-preċetti jinsabu wkoll fil-'Mixnah' li għandha sitt taqsimiet: Zerajim, Moed, Naxim, Neziqin, Kodaxim u Tohorot. L-ewwel kmand huwa dak li nsibu f'Ġenesi 1:28: "Iżżewweġ u nissel l-ulied". Il-fariżej li kienu jintilfu f'dawn l-irqaqat tal-liġi sabu ruħhom f'dawk iċ-ċertu legaliżmu li jintilef f'elf liġi u jispiċċa biex ma jibqax jara r-rieda ta' Alla u l-Kmandamenti tiegħu. Ta' min isemmi li l-Kodiċi ta' Hammurabi bil-lingwa Akkadika fis-sena 1772 Q.K. li jinkludi 282 liġi magħmula mis-sitt re ta' Babilonja Hammurabi (kien jgħix fl-Iran) kien iħaddan il-liġi ta' għajn għal għajn u sinna għal sinna (lex talionis) li kienet tagħmel parti mill-vendetta tad-demm (bil-ġermaniż: 'Blutrache'). Insibu wkoll kodiċijiet ta' liġijiet oħrajn bħal Kodiċi ta' Ur-Nammu re ta' Ur tal-2050 Q.K., il-liġijiet ta' Eshnunna (1930 Q.K.) u l-kodiċi ta' Lipit-ishtar ta' Isin tal-1870 Q.K. Meta Alla rrivela lilu nnifsu lil Mosè fuq il-Ħoreb huwa tah l-għaxar kmandamenti fuq il-muntanja Sinaj. Dawn l-għaxar kmandamenti huma għaxar toroq ta' gwida għall-poplu Lhudi u għall-Insara.

### L-ikbar kmandament hu tnejn

Iċ-ċentru tal-għaxar kmandamenti huwa l-kmandament tal-imħabba u tal-karità li jiġbor fih l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Kristu indirizzat bħala Rabbi (Mgħallem) irrisponda lill-'nomikos' (il-leġiżlatur jew l-avukat) billi semma' l-ikbar kmandament huwa tnejn: hekk wera lit-tnejn jinsabu fuq l-istess pjan u jiffurmaw ħaġa waħda. Flimkien, jiffurmaw il-kmandament il-kbir. L-ikbar kmandament ma hux biss l-aktar importanti fis-sens li hu fuq l-oħrajn. Hu dak li jagħti sens lill-oħrajn kollha. Il-preċetti kollha huma bla tifsira u bla valur jekk tneħħi minnhom l-imħabba. "Il-Mulej Alla tagħna, huwa biss il-Mulej". Hu Alla uniku li jeskludi kull idolu. Alla jitlob minna imħabba totali. Id-dipendenza fuq Alla hi għajn ta' libertà (ara wkoll Matt 22:35-40 u Mark 12:28-34, Luqa 10:25-28; Deut 6:4-5; Lev 19:18 u t-Targum Onkelos).
"Ħobb lil għajrek bħalek innifsek". Dan jissuġġerixxi l-possibilità u saħansitra d-dmir li nħobbu lilna nfusna - dan hu ovvjament divers milli nkunu egoisti. Hemm imħabba sana tagħna nfusna li hi l-bażi tal-vera mħabba lejn il-proxxmu. Hemm rapport tajjeb magħna nfusna li hu l-fundament tar-rapporti awtentiċi mal-oħrajn. Ħafna nsara huma inkapaċi li jaċċettaw u jħobbu verament lill-oħrajn għax fil-fond huma inkapaċi li jħobbu u jaċċettaw lilhom infushom. "L-ewwel

tgħallem ħobb lilek innifsek ... Għax jekk int ma tafx kif tħobb lilek innifsek, kif ħa tkun kapaċi tħobb lil għajrek verament?" (S. Wistin).

Dwar l-imħabba fraterna, Alla ta lil kulħadd sejħa speċjali. Il-vera mħabba timbuttani nħobbu mhux għax hu sabiħ u nieħu pjaċir ngħinu, iżda biex isir tajjeb: biex iwettaq is-sejħa li Alla jagħmillu. Tħalli qatt li xi ħadd, li jiġi għandek, imur mingħajr ma jsir aħjar u aktar ferħan. Alla hu mħabba u Hu jħobb lilek u lili. Iva, li tħobb lilu b'qalbek kollha, b'moħħok kollu u bil-qawwa tiegħek kollha, u tħobb lil għajrek bħalek innifsek, hu aqwa minn kull sagrifiċċju tal-ħruq u mis-sagrifiċċji kollha. L-adorazzjoni vera ma tistax tillimita ruħha għall-fomm u għall-ambitu tat-Tempju, iżda għandha tmiss lill-bniedem fil-fond ta' qalbu u fid-dmirijiet tiegħu lejn il-proxxmu. Din l-imħabba lejn il-proxxmu tistieden ukoll għall-imħabba lejn l-għedewwa (ara wkoll Qumran 6:27-28, 35c-d).

**Konklużjoni**

Il-kmandament ta' Kristu hu "ġdid" għaliex l-Insara għandhom iħobbu lil xulxin skont il-miżura tal-imħabba ta' Kristu: "Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin." (Ġw 13,34). Meta l-bniedem jipprova jiġġudika dak li jgħid Kristu, hu ftit li xejn ikun jaf li Kristu jew il-Kelma ta' Kristu: "Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu: il-kelma li jiena għidt, tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum." (Ġw 12,48). Hekk, il-bniedem hu kkundannat jew ġustifikat skont l-attitudni tiegħu lejn Ġesù.San Alfons Marija de Liguori kien iħobb jgħid: "Min jobgħod lill-proxxmu tiegħu jkollu infern f'din id-dinja u ieħor fl-oħra". Il-Papa Franġisku fl-ewwel Anġelus tiegħu tas-17 ta' Marzu 2013 qal frażi tassew mill-isbaħ dwar din it-tema tal-imħabba u tal-maħfra: "Li Alla qatt ma jgħejja jaħfer lill-bniedem, huwa l-bniedem li jgħejja jaħfer lill-oħrajn". Waqt diskors li għamel lill-isqfijiet il-ġodda fis-Sala Klementina tal-Palazz Apostoliku tad-19 ta' Settembru 2013, il-Papa Franġisku saħaq ħafna magħhom li għandhom jimxu bl-imħabba u qalb kbira mal-merħla tagħhom (ara 1 Pietru u Lumen Gentium 23), fil-ministeru tagħhom tal-imħabba 'amoris officium' (Santu Wistin, PL 35, 1967).

**Biblijografija**


BASKIN, J.R., *The Cambridge Dictionary of Judaism and Jewish Culture*, New York 2011.

BOVATI, P., "Pena e perdono nella procedure giuridiche dell'Antico Testamento", in *Civ Cat* 148 (1997) 225-239.

BROOKS, O.S., "The function of the double love command in Matthew 22:34-40", in *Andrews University Seminary Studies* 36 (1998) 7-22.

DAUBE, D., "Lex talionis", in *Studies in Biblical Law*, Cambridge 1969, 102-153.

FURNISH, V.P., *The Love command in the New Testament*, London 1972.

GERSTENBERGER, E., "Covenant and commandment", in *JBL* 84 (1965) 38-51.

*Id-dokumenti tal-Koncilju Ekumeniku Vatikan II*, Edizzjoni 1982.

MORAN, W.L., "The Ancient Near Eastern background of the Love of God in Deuteronomy", in *CBQ* 25 (1963) 77.

Pontificial Biblical Commission: *The Bible and Morality. Biblical Roots of Christian Conduct* (May 11, 2008) Vatican City 2008.

ROTH, M.T., *Law collections from Mesopotamia and Asia Minor*, Atlanta (GA) 1995.

SKA, J.L., *Il diritto veterotestamentario. Introduzione*, PIB, Roma 2001.

SKA, J.L., *Il codice dell'alleanza. Il diritto biblico e le leggi cuneiformi. Esegesi di Es 21:2-32*, PIB, Roma 1996.

SPRINKLE, J.M., *The book of the Covenant. A literary approach*, JSOTS 174, Sheffield 1994.

*Systematic Theology. Roman Catholic Perspectives, I*, ed. F. Schussler Fiorenza – J.P. Galvin, Minneapolis 1991.

*The Christian faith. In the doctrinal documents of the Catholic Church*, ed. J. Neuner - J. Dupuis, New York 1982.

# 3. IT-TAGĦLIM TA' SAN PAWL DWAR L-IMĦABBA U L-KARITÀ NISRANIJA

**Dun Charles Buttigieg**

*"L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt."*
*(1 Kor 13:4-8)*

## It-Terminu 'Imħabba' f'San Pawl

Għal San Pawl l-'imħabba' hija **l-qofol tad-doni** kollha li jagħti Alla lill-bniedem. L-imħabba hija ċ-ċentru tal-ħajja Nisranija u tal-ħajja tal-komunità. Nistgħu ngħidu għalhekk li l-kelma u l-ħsieb tal-imħabba jidwu kontinwament fl-ittri kollha ta' San Pawl. It-terminu li l-iktar li juża San Pawl għall-'imħabba', ibbażata fuq ir-rispett veru lejn xulxin b'rabta mal-imħabba divina', huwa l-verb Grieg **agapao.** Infatti n-nominattiv **agape** insibuh 75 darba; il-verb **agapao** 34 darba; il-partiċipju (maħbub) **agapetos** 27 darba. Hija għalhekk imħabba vera u għalhekk differenti mit-termini l-oħra għall-'imħabba' li nsibu fil-Grieg klassiku, pereżempju l-kelma 'eros', imħabba tal-bniedem lejh innifsu.

Insibu f'San Pawl termini oħra li għandhom din ir-rabta mal-imħabba, pereżempju eleeo, 'li turi ħniena', li nsibuh 12—il darba u n-nominattiv eleos 'il-ħniena', li nsibuha 10 darbiet; dejjem kważi huma applikati għal Alla. Għandna kelmiet oħra marbuta mal-Grieg phileo, pereżempju philadelphia 'fratellanza', jew 'imħabba familjari' li nsibuha darbtejn; philanthropia, 'imħabba għall-umanità' li nsibuha darba; philema, 'bewsa' li nsibuha 4 darbiet; philotheos, 'li jħobb lil Alla' insibuha darba; philoxenia, 'ospitalità' wkoll darba oħra.

## L-Imħabba ta' Alla fi Kristu

San Pawl jibni l-messaġġ tal-imħabba fuq **l-imħabba salvifika ta' Alla fi Kristu** (bil-Grieg: 'agape'). Liema mħabba laħqet il-qofol tagħha fuq is-salib: "Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" (Rum 5:8); "Imma Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu, bi grazzja intom salvi" (Ef 2:4-5). Din hija l-imħabba ta' Alla għalina: "U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5:5); "Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu" (Ef 1:4-5).

Il-bniedem jirrispondi għal din l-imħabba permezz tal-fidi. Infatti l-imħabba f'San Pawl hija **marbuta mal-fidi**: "għax aħna smajna bil-fidi li għandkom fi Kristu Ġesù, u bl-imħabba tagħkom fi Kristu Ġesù u bl-imħabba tagħkom għall-qaddisin kollha" (Kol 1:4); L-imħabba hija possibbli għaliex il-fidi ta' Kristu twassal lin-Nisrani biex jgħix ħajja tassew ġdida, mhix maħkuma iżjed mid-dnub jew mill-egoiżmu imma mill-Ispirtu ta' Alla: "Inħeġġiġkom, ħuti, permezz ta' Sidna Ġesù Kristu u permezz tal-imħabba tal-Ispirtu, tqabdu miegħi" (Rum 15:30); "biex skont il-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li permezz tal-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, il-għoli u l-fond tal-imħabba ta' Kristu; tgħarfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla" (Ef 3:16-19). Din l-imħabba mela tistedinna biex nemmnu fi Kristu u nħobbu lil xulxin.

**L-Imħabba u l-Karità lejn il-Proxxmu**

L-Imħabba għall-proxxmu hija għal San Pawl il-karatteristika l-iktar importanti tal-ħajja Nisranija. Dak kollu li għandna nagħmlu bħala nsara għandu jirrifletti din l-imħabba vera lill-proxxmu: "Ħa jsir kollox fostkom bl-imħabba" (1 Kor 16:14). Hija l-iktar kariżma importanti: "Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba" (1 Kor 13:13). Din hija tassew il-glorja tal-imħabba ta' Alla fina li tidher fl-imħabba lejn il-proxxmu kif naraw tajjeb fil-kapitlu 13 tal-Ewwel Ittra lill-Korintin: "L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt" (1 Kor 13:4-8).

L-Imħabba hija meqjusa u elenkata **l-ewwel mill-frott tal-Ispirtu s-Santu**: "Il-frott tal-Ispirtu huma: l-imħabba, il-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan. Kontra dawn ma hemmx liġi." (Gal 5:22-23). Hija fuq kollox għal San Pawl il-bażi tal-liġi: "Il-liġi kollha tinġabar f'liġi waħda: 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek'" (Gal 5:14). Mela San Pawl iħares lejn din l-imħabba **bħala l-liġi ta' Kristu**: "Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin, u hekk tkunu qegħdin tħarsu l-liġi ta' Kristu" (Gal 6:2). L-imħabba hija l-qofol tal-liġi l-ġdida fi Kristu: "Tkunu obbligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin. Kull min iħobb iħares il-bqija tal-liġi. Għax il-kmandamenti: 'La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib', u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: 'Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek'. L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-liġi." (Rum 13:8-10).
San Pawl jesiġi fuq kollox din **l-imħabba fil-qalba tal-ħajja tal-komunitajiet** li kien jew qed jevvanġelizza, għaliex il-Knisja hija l-ġisem ta' Kristu, hija l-għaqda ta' bejn Alla u l-poplu tiegħu, hu għalhekk għandha tkun dan it-tempju ta' din l-imħabba vera. L-imħabba li twaħħad ma' xulxin il-membri kollha tal-ġisem f'armonija sħiħa u unika: "U fuq kollox ilbsu l-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni" (Kol 3:14). Mingħajr l-imħabba dan il-ġisem tal-Knisja ma jistax jaħdem sew: "Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor; tagħmlux il-ħażen; żommu mat-tajjeb. Ħobbu lil xulxin bħal aħwa; fittxu li tistmaw lil xulxin." (Rum 12:9-10); "Ħabirku biex iżżommu Spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem: ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda." (Ef 4:3-5).

L-Insara għalhekk għandhom jieħdu ħsieb xulxin: "B'hekk ma jkunx hemm firda fil-ġisem, imma l-membri kollha jaħsbu f'xulxin: jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jitfaħħar, jifirħu lkoll miegħu." (1 Kor 12:25-26); "Ħalli nfittxu, mela, dak li jġib is-sliem u dak li jservi għall-edifikazjoni ta' xulxin." (Rum 14:19). Hija din it-tip ta' imħabba **li tipprepara lin-Nisrani sabiex jiltaqa' u jilqa' lil Kristu**: "U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu" (Fil 1:9-10).

**Biblijografija**

BRUCE, F.F., Paul. Apostle of the Heart set Free, Grand Rapids (MI) 1977.
BUCKLEY, T.W., Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul, Boston (MA) 1981.
Dizionario di Paolo e delle sue Lettere, G.F. HAWTHORNE – R.P. MARTIN – D.G. REID (eds.), Torino 2000.
GHIDELLI, C., Un Anno con San Paolo, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo, Torino 2008.
LIETZMANN, H., An die Korinther I/II, Tübingen 1969.

# 4. IL-BEATITUDNIJIET FL-EVANĠELJI TA’ MATTEW U LUQA



**Dun Charles Buttigieg**

*“Henjin dawk li jġibu l-paċi għax huma jissejħu ulied Alla” (Mattew 5:9)*

**“Henjin Dawk…”**

Il-kelma ‘beatitudni’ ġejja mill-kelma latina ‘beatus’ li tfisser ‘hieni’ jew ‘ferħan’ jew ‘fortunat’, fil-ġermaniż għandna l-kelma ‘seligpreisung’. Il-kelma Griega hija ‘makarios’ u dik ebrajka hija ‘ashre’ (ara Mt 5 u Lq 6, ara wkoll Ġw 13,7; Rum 4,6-9; 1 Kor 7,40; Gal 4, 15; 1 Tim 1,11; Tt 2,13; Ġk 1,12; 1 Pt 3,14; Apok 1,3 u 19,9 u Salm 1, 32, u 84). Għalhekk il-kelma hija rikorrenti ħafna kemm fl-Antik u kemm fil-Ġdid Testment. Fit-traduzzjoni Griega tal-Antik Testment tas-Settanta nsibu 59 beatitudni. Din il-kelma tinsab ukoll fil-kitbiet ta’ Qumran (ara 4Q525 2 II, 1-6). Ix-xandira tas-sena tal-grazzja favur il-fqajrin, id-dgħajfin, il-persegwitati u l-imjassrin kollha tad-dinja turi t-tama li jrid inissel Ġesù fil-bniedem. F’Ġesù hemm it-tamiet kollha tal-foqra, emarġinati, imjassrin, ta’ dawk l-’anawim’ li emmnu u ttamaw fil-ħniena ta’ Alla: “mur, bigħ li għandek u agħtih lill-foqra” (Lq 18:22). Dan narawh fl-istorja ta’ Lażżru l-Fqir (ara Lq 16:20-22). Naraw ukoll lil Żakkew il-Pubblikan li jqassam ġidu lill-foqra f’Lq 19:18. Anke il-Magnificat tal-Madonna fl-Lq 1:51-53, fejn Marija tesprimi l-ħelsien lill-foqra: “Hu wera l-qawwa ta’ driegħu, xerred lil dawk li huma mkabbra f’qalbhom. Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u għolla ċ-ċkejknin; mela b’kull ġid lil min hu bil-ġuħ u lill-għonja bagħathom ‘‘il barra b’xejn”. Il-Madonna ‘”il-mara ‘fqira’ ta’ ’Jahweh” li tafda fil-Kelma ta’ Alla. Din it-tama lill-fqajrin narawha fuq kollox fid-diskors tal-Muntanja (bil-ġermaniż: ‘Bergpredigt’) jew inkella il-prietka tal-muntanja f’Mattew 5:1-12 u fid-Diskors tal-Wita’ f’Luqa 6:20-26. Lq 7:18-23 jagħti r-risposta ta’ Ġesù: “Morru agħtu li Ġwanni l-aħbar ta’ dak li rajtu u smajtu: kif il-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u kif il-Bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija”. Il-foqra jfittxu lil Ġesù, il-Messija tal-foqra kif naraw f’Mt 11:25 u Ġw 7:48. Infatti Ġesù jitlob mis-segwaċi tiegħu ċaħda mill-affarijiet temporali biex jirċievu l-vera għana (Mt 6:24; 13:22). Anke San Pawl għandu dan il-ħsieb: “Hu li kien għani, sar fqir minħabba fikom biex jagħnikom bil-faqar tiegħu” (2 Kor 8:9).

**Il-Beatitudnijiet komuni f’Mattew u f’Luqa**

“Imberkin dawk li huma foqra f’qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet”. Il-foqra (bil-Grieg “ptokoi” u bl-ebrajk “anawim”) fil-bidu fit-Testment il-Qadim dawn kienu klassi soċjali b’konnotazzjoni ftit li xejn reliġjuża. Iżda ftit ftit il-kelma “foqra” bdiet tieħu sens reliġjuż. L-idea kienet li l-għani mhux inklinat li jirrikorri għand Alla għax ma jonqsu xejn, waqt li l-fqir maħqur iħares lejn Alla. Fis-Salmi l-fqir jidher bħala l-ħabib u l-qaddej ta’ Jahweh (ara Salm 86:1). Dawk li jbatu u jitolbu bl-’umiltà huma msejħin il-‘foqra ta’ Jahweh’. Ġie ssuġġerit li San Mattew jikkonċentra fuq klassi spiritwali (jikteb “foqra f’qalbhom”) u Luqa jikkonċentra fuq klassi soċjali (ma jsemminx “f’qalbhom”). L-idea ta’ Mattew hi li dawn in-nies iħarsu lejn Alla għax m’hemmx il-ġid li jtellifhom. San Luqa li l-vanġelu tiegħu huwa meqjus bħala l-vanġelu tal-foqra, juża darba waħda l-kelma ‘penichre’ għal fqir waqt li Mark 12:42 juża ‘ptoche’ (episodju ’tal-offerta ’tal-armla fqira) li Luqa jużaha għaxar darbiet mill-34 waħda li nsibu fil-Ġdid Testment.

“Imberkin l-imnikktin, għax jitfarrġu.” Il-konsolazzjoni tal-imnikktin hi ħaġa taż-żmien messjaniku (ara Iżaija 51). Huma jitfarrġu għax għad ikunu mfarrġa. Hawnhekk il-verb oriġinali fil-Grieg u huwa fil-futur passiv. Dan jissejjaħ skont il-biblisti bħala t-”Theological Passive” u juri implikazzjoni divina, li l-faraġ ġej minn Alla.

"Imberkin dawk li għandhom il-ġuħ u l-għatx tas-sewwa, għax ikunu mxebbgħin." Ġuħ jista' jittieħed f'sens fiżiku jew ukoll 'ġuħ' għall-kelma tal-Mulej. Mattew jispeċifika "... tas-sewwa", jiġifieri għall-kelma tal-Mulej.

Rigward is-suġġett tat-tmaqdir f'Mattew insibu "intom" (jgħajrukom, jagħmlu għalikom, jgħidu kull deni fuqkom bil-gideb). F' Luqa huma "in-nies" li jobogħdukom, ixerrdukom, jgħajrukom, ibarru isimkom bħala ħażin.

**Il-Beatitudnijiet l-oħra f'San Mattew**

Tajjeb li ngħidu hawnhekk li l-barkiet f'Mattew huma f'paragun mat-twissijiet li nsibu f'7;13-27 u għalhekk fid-Diskors twil tal-Muntanja. "Imberkin dawk li jħennu, għax ikollhom min iħenn għalihom." Din il-ħniena għandha żewġ aspetti: maħfra tal-ħtija jew ħsara u ħniena.

"Imberkin dawk li qalbhom safja, għax huma jaraw 'l Alla." Il-qalb hija ċ-ċentru tal-ħajja spiritwali u mentali. Qalb safja jfisser kuxjenza safja. Jaraw 'l Alla, ħaġa li jixtieqha min hu ġust.

"Imberkin dawk li jġibu s-sliem, għax jissemmew ulied Alla." L-Era Messjanika, l-era ta' Ġesù hija l-era ta' paċi, mhux ta' b'xejn li Ġesù twieled fiż-żmien tal-Pax Romana fl-Imperu Ruman. L-operaturi tal-paċi jissejħu wlied Alla.

"Imberkin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet." Is-sewwa, bil-Grieg "dikaiosune", kelma li tinsab seba' darbiet f'Mattew. Tista' tfisser: l-attivitá divina salvifika (3,15), jew mod ta' ħajja (5,20). Xi drabi l-kelma tista' tirreferi għat-tnejn (Mt 6,10). Bħalma nsibu fil-ktieb tal-Għerf 2,20, il-ħażin jippersegwita l-ġust. L-insara huma ppersegwitati mhux għax jgħixu sewwa iżda għax huma nsara.

"Imberkin dawk li qalbhom ħelwa, għax jiksbu l-art." Ta' qalbhom ħelwa jiġifieri l-'anawim', li waqt il-persekuzzjoni jużaw paċenzja. Jiksbu (jirtu) l-art. Fil-"Pescher" ta' Qumran, il-ġwejdin jirtu l-art, li hi l-muntanja ta' Ġerusalemm. Li tiret l-art kienet mifhuma bħala ħaġa materjali. Wara l-idea saret aktar spiritwali, għalkemm fi żmien Kristu l-idea materjali kienet għadha teżisti.

**Konklużjoni**

Żgur li dawn il-beatitudnijiet huma ċwievet jew triqat li jwasslu lin-Nisrani u lill-bniedem għall-ferħ veru. Anke fit-tbatija, fis-sagrifiċċju, meta jkun mmaqdar in-Nisrani jista' jsib ruħu hieni fir-rieda tal-Mulej. Dan huwa l-awgurju li jagħmlilna Ġesù nnifsu jekk aħna nimxu warajH u naqdu lil xulxin fl-imħabba u fil-karità.

**Biblijografija**

ALLISON, D.C., "THE STRUCTURE OF THE SERMON ON THE MOUNT", IN JBL 106 (1987) 423-445.
BOTTINI, G.C., Introduzione all'Opera di Luca. Aspetti teologici, Studium Biblicum Franciscanum Analecta 35, Jerusalem 1992.
BROOKE, G.J., Qumran and the Jewish Jesus: Reading the New Testament in the Light of the Scrolls, Grove Biblical Series 35, Cambridge 2005.
CONZELMANN, H., The Theology of St. Luke, Philadelphia (PA) 1981.
COUSLAND, J. R.C., "Messiah, the Healer of the Sick: A Study of Jesus as the Son of David in the Gospel of Matthew", in Journal of Biblical Literature 124/4 (2005) 768-771.
DUMAIS, M., IL DISCORSO DELLA MONTAGNA, TORINO 1999.
FAUSTI, S., Una Comunità legge il Vangelo di Luca, Bologna 2001.
F. HAUCK, "MAKARIOS", IN GRANDE LESSICO DEL NUOVO TESTAMENTO, BRESCIA, 1999.
LEON-DUFOUR, X., Resurrection and the Message of Easter, New York 1975.
JOHNSON, L.K., Gospel of Luke, Sacra Pagina 3, Collegeville (MN) 1991.
MARTINI, C.M., Il Discorso della Montagna. Meditazioni, Milano 2006.
Papa Franġisku, Eżortazzjoni Appostolika Evangelii Gaudium, 24 ta' Novembru 2013.

# 5. IL-"KMAND" TAL-KARITÀ F'SAN PAWL



**Mons. Anton Mizzi**

**Introduzzjoni**

Meta nitkellmu mill-karità qegħdin nirreferu għall-imħabba li hi tema biblika importanti. Il-kelma mħabba għandha tifsira wiesgħa u tiġbor fiha taħlita ta' ħafna ħwejjeġ. Tista' tkun imħabba fiżika jew spiritwali, waħda mimlija passjoni jew sentimentali, inkella miftuħa għall-aktar imħabba jew li twassal għall-qerda. Fl-imħabba wieħed hu miġbud lejn xi ħaġa illi tingħoġob jew li wieħed jixtieq, inkluża wkoll lejn l-annimal. Fil-kunċett bibliku tal-imħabba nsibu dimensjonijiet varji, bħall-imħabba bejn is-sessi, fil-familja, bejn il-ħbieb jew sieħeb fix-xogħol, bejn min imexxi jew is-sid u dawk li qegħdin taħt jew l-ilsir, lejn dawk barranin, kif ukoll aspetti oħra marbuta magħha, ta' ħniena, grazzja, lealtá jew għaxqa. Timplika relazzjoni li fiha wieħed qed jagħti minnu nnifsu.

Fl-esperjenza tal-imħabba tiegħu, il-bniedem sawwar il-kunċetti tiegħu dwar l-imħabba. Minkejja li din l-imħabba kienet ta' spiss imħassra u miġruħa minħabba d-dnub u l-egoiżmu tal-bniedem, ma jonqsux espressjonijiet profondi u sinċieri li juru l-kobor tagħha, partikularment fl-isforz biex jidħol u jifhem aktar il-misteru tal-imħabba divina. Fil-kuntest bibliku, kemm fl-Antik Testment kif ukoll fil-Ġdid Testment, insibu tliet linji ta' relazzjoni li jintrabtu sew ma xulxin: l-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem u l-ħolqien, l-imħabba tal-bniedem lejn Alla u l-imħabba tal-bniedem lejn l-oħrajn, bnedmin u ħwejjeġ oħra.

L-Antik Testment għandu l-idea ċentrali ta' Alla ħallieq u Sid ta' kollox, li bl-inizjattiva tiegħu jirrivela l-imħabba tiegħu permezz ta' ġrajjiet u kliem b'tali mod li l-bniedem seta jkollu l-esperjenza ta' din l-imħabba divina li tiżboq kull esperjenza oħra tal-imħabba umana. Ir-respons tal-imħabba mill-bniedem lejn Alla, li tinkludi wkoll l-imħabba lejn il-proxxmu, kien l-aktar magħruf fl-aċċettazzjoni tal-imħabba divina għalkemm mhix nieqsa t-tbatija tal-imħabba mwarrba minħabba r-rifjut tagħha bosta drabi min-naħa tal-bniedem. Imbagħad fit-Testment il-Ġdid il-kunċett tal-imħabba divina hu aktar approfondit, anzi hu espress bl-aqwa definizzjoni, Alla hu mħabba, u dan għal raġuni ta' fatt uniku. Ġesù ġie fid-dinja jgħix bħala Alla u bniedem u fih, id-djalogu ta' mħabba bejn Alla u l-bniedem mhux biss seta' kien possibbli imma jilħaq il-qofol tiegħu. Mela f'Ġesu għandha kemm l-imħabba divina u r-respons tal-bniedem għal din l-imħabba li tinkludi mhux biss l-imħabba lejn il-proxxmu imma wkoll lejn l-għedewwa.

Fit-Testment il-Ġdid għandna diversi ħsibijiet u tagħlim dwar din l-imħabba. L-ewwel għandna l-Vanġeli Sinottiċi li jitkellmu mit-tagħlim ta' Ġesù. Hemm imbagħad il-ħsibijiet dwar l-imħabba li huma espressi minn San Pawl fl-ittri tiegħu u minn San Ġwann fil-kitbiet tiegħu li jinkludu r-raba' Vanġelu, it-tliet ittri u l-Apokalissi. Fl-aħħar nett hemm ukoll it-tagħlim li nistgħu nisiltu mill-bqija tal-kitbiet l-oħra tat-Testment il-Ġdid, l-ittri ta' San Pietru, u mill-ittri rispettivi ta' San Ġakbu u San Ġuda. Hawnhekk se jiġi ttrattat biss dak li jgħallem San Pawl dwar il-kmand tal-imħabba.

**It-terminoloġija tal-imħabba**

Irridu nitilqu mill-Antik Testment. Hemm ħafna kliem li huma wżati fil-Bibbja Ebrajka illi jesprimu l-aspetti varji tal-imħabba. Insemmu l-aktar kelma importanti fl-Ebrajk, il-verb '***'āhab***' (in-nom '***'ahabah***') li hu wżat f'kuntesti differenti u tindika kemm l-imħabba umana u divina. Il-kelma tista' tfisser l-imħabba naturali fil-familja (bħal tal-missier lejn ibnu: Ġen 22:2; 25:28; ukoll Rut 4:15), bejn l-għarajjes (Ġen 24:67), fi ħbiberija (1Sam 18:1; Sl 38:12), bejn l-ilsir u s-sid (Eż 21:5; Dewt 15:16), u mħabba fiżika bejn is-sessi bil-passjoni (Ġen 34:3; Imħal 16:4; 2Sam 13:4,15). Insibu wkoll l-kmand tal-imħabba li Iżrael għandu jkollu lejn għajru (Lev 19:18) u lejn il-barranin (Lev 19:34; Dewt 10:19). Fuq kollox b'motiv reliġjuż, hemm l-imħabba lejn Alla (Eż 20:6; Sl 40:17) u l-imħabba li Alla għandu lejn il-poplu tiegħu (Dewt 4:37; 7:13; Os 3:1). Din l-imħabba li Alla għandu lejn il-poplu tiegħu fil-kuntest tal-patt, hi spiss espressa bit-

terminu '***hesed***', li turi mħabba sħiħa u sinċiera ta' Alla bħala sinjal ewlieni li jikkaratterizza l-patt (Dewt 7:12; 1Sam 20:8). Din hi kelma oħra importanti tal-imħabba li però tiġbor fiha ħafna kwalitajiet, bħal tjieba, lealtá u fedeltà. Il-kelma tindika dejjem xi relazzjoni b'affezzjoni profonda u dejjiema bejn is-sessi (Est 2:17), il-qraba (Ġen 24:49) jew bħala rabta soċjali (2Sam 2:5). Insibu kelmiet oħra fl-Ebrajk li huma tradotti xi drabi bħala mħabba jew huma relatati mal-imħabba b'sens aktar dejjaq.

Il-Bibbja Griega tas-Settanta (LXX) meta tittraduċi l-kelmiet varji marbuta mal-verb '***'āhab***', tuża tlett kelmiet bil-Grieg. L-ewwel kelma hi n-nom '***erōs***' (u l-verb '***eran***') li fil-Grieg klassiku u ellenistiku kienet l-aktar waħda użata u tfisser imħabba passjonali li tixtieq xi ħaġa għaliha, spiss b'impuls indefinittiv lejn l-oġġett u tfittex li tissodisfa l-għatx tal-ħajja fl-oħrajn. Tinkludi wkoll l-imħabba espressa f'passjoni ta' xewqa sesswali. Din il-kelma tidher fis-LXX xi darbtejn biss (Prov 7:18; 30:16), iżda ma nsibuhiex fit-Testment il-Ġdid. Fit-tieni kelma hi n-nom '***philia***' (il-verb '***philein***') li fil-Grieg klassiku kienet prevalenti wkoll u tindika primarjament l-imħabba ħerqana bejn il-ħbieb, jew tal-allat lejn il-bnedmin, u iktar milli impulsiva, hi mħabba bħala mpenn li wieħed jista jevadi. Fis-LXX il-kelma hi użata okkażjonalment. Fit-Testment il-Ġdid insibuha wkoll biex tesprimi l-kunċett tal-imħabba jew affezzjoni; għandha wkoll it-tifsira li tbus li xi ħadd bħala sinjal speċjali ta' mħabba (Mt 26:48; Mk 14:44; Lq 22:47). It-tielet kelma hi n-nom '***agape***' (il-verb '***agapan***') li hi l-anqas waħda emozzjonali ħdejn it-tnejn ta' qabel. Fil-Grieg klassiku n-nom bilkemm insibuh użat u l-verb ma kellux il-qawwa ta' '***eran***' jew l-imħabba mill-qalb (warmth) ta' '***philein***' u kien jindika attitudni interna, imħabba fis-sens li tqiegħed valur jew stima għolja lejn persuna jew ħaġa aktar minn oħra; użat ukoll fis-sens li tippreferi, hekk li bniedem ikun ippreferut minn Alla bħal meta jkun imbierek minnu b'doni partikulari. Meta niġu għall-kitbiet tal-Iskrittura l-kelmiet '***agapan/agape***' jsiru aktar frekwenti fl-użu tagħhom fil-Bibbja tas-LXX u jieħdu kontenut reliġjuż ġdid. Difatti meta d-diskors ikun teoloġiku, is-LXX tuża kważi dejjem il-verb '***agapan***' u b'anqas frekwenza n-nom '***agape***' li oriġinarjament kellhom tifsira pjuttost newtrali u sobrija ta' mħabba u dan kuntrarju għall-użu fil-Grieg klassiku bi preferenza prevalenti għal '***philein***'. Fl-aħħar nett il-Griegi kellhom fil-vokabularju tagħhom kelma oħra għall-imħabba: in-nom '***storge***' (il-verb '***stergein***') bit-tifsira ta' mħabba, affezzjoni, frekwenti l-aktar għall-imħabba jew affezzjoni mutwa tal-ġenituri u l-ulied. Għalkemm għandha x'taqsam l-aktar mal-affezzjoni fil-familja, tista' però tintuża għall-imħabba tan-nies lejn il-ħakkiem tagħhom, tal-klieb lejn sidienhom, jew tal-alla titulari lejn il-bnedmin jew bil-kuntrarju u rarament tirreferi għall-imħabba sesswali. Dawn il-kelmiet ma nsibuhomx fit-Testment il-Ġdid, però hemm aġġettiv relatat li hu użat darba biss: '***philostorgos***' (il-verb '***philostorgein***'; in-nom '***philostorgia***') bit-tifsira ta' mħabba (loving tenderly), frekwentament għall-affezzjoni fil-familja.

Irridu ninnotaw id-differenza essenzjali fil-kontenut tal-kunċett tal-imħabba bejn il-Bibbja u dawk pagani. Is-LXX kienet konxja li tkompli bit-tradizzjoni tal-Bibbja Ebrajka dwar it-traxxendenza ta' Alla imma fl-istess waqt tinsisti fuq l-imħabba divina murija bħala don tal-ħniena ta' Alla. Bil-verb'***agapan***' titraduċi mhux biss il-verb Ebrajk '***'āhab***', imma wkoll kelmiet oħra marbuta mal-kompassjoni u l-ħniena, fosthom '***hesed***' (tjieba) u '***hen***' (grazzja). It-Testment il-Ġdid kompla fuq l-istess binarju tas-LXX fl-għażla u l-użu tat-termini tal-imħabba, jiġifieri '***agapan/agape***' u '***philein/philia***', tal-aħħar ferm anqas frekwenti minn tal-ewwel u anke b'anqas rilevanza teoloġika. Anzi n-nom '***agape***' hu użat ħafna aktar mis-LXX u dan forsi minħabba kunċett ġdid tal-imħabba li wassal għall-użu partikulari tagħha. Għalkemm ħafna studjużi ma tantx jaraw distinzjoni preċiża bejn dawn it-tnejn, iżda l-preferenza ta' '***agapan/agape***', u partikularment il-verb, wassal biex possibilment jesprimu aktar l-idea Kristjana unika u oriġinali tal-imħabba fit-Testment il-Ġdid. Fit-tifsira teoloġika tal-imħabba jkompli fuq il-ħsieb tas-LXX bl-insistenza fuq l-imħabba ta' Alla. Fit-Testment il-Ġdid hemm ukoll l-aġġettiv '***agapētos***' li jfisser maħbub, għażiż.

**L-imħabba fil-kitbiet Pawlini**

Jekk fit-Testment il-Ġdid għandna żewġ termini tal-imħabba bil-verbi u n-nom rispettivi tagħhom, '***agapan/agape***' u '***philein/philia***', fil-kitbiet Pawlini għandna prevalenza għall-ewwel

waħda. Jekk inqabblu lil Pawlu ma' Ġwanni dwar it-tema tal-lingwaġġ tal-imħabba partikularment bl-użu ta' '***agapan/agape***', jidher li hemm firxa tajba u fihom it-tnejn it-terminu għandu l-aktar użu teoloġiku meta mqabbel mal-firxa tal-użu Sinottiku, anke jekk is-Sinottiċi jwasslu r-rivelazzjoni tal-manifestazzjoni unika tal-imħabba ta' Alla fl-opra tal-Iben mingħajr ma hi wisq imtaqqla b'xi interpretazzjoni teoloġika. Però nosservaw ukoll distinzjoni fl-użu tagħhom ta' dan it-terminu. Pawlu għandu preferenza qawwija għan-nom '***agape***' milli għall-verb '***agapan***' (78:36), filwaqt li Ġwanni għandu bil-maqlub, preferenza għall-verb (31:71). Minkejja dan, mhuwiex il-każ li wieħed jaħseb li Pawlu hu aktar immirat lejn ħwejjeġ statiċi u Ġwanni lejn ħwejjeġ dinamiċi. Imma fil-qofol tal-kunċett tagħhom ta' '***agapan/agape***' hemm qbil sew bejniethom.

Pawlu għandu fl-ittri tiegħu l-akbar użu tan-nom '***agape***' li hu ċentrali għalih u mimli b'kontenut għoli. Wieħed jistaqsi mnejn Pawlu fassal dan it-tagħlim dwar l-imħabba. Jekk inħarsu lejn l-Antik Testment, fl-ittri nsibu ftit wisq riferenzi għal din it-tema: Rum 9:13 (Mal 1:2-3), 25-26 (Ħos 2:23) u ninkludu wkoll 2Tes 2:13 (Dewt 33:12). Forsi rridu nħarsu lejn l-istorja, mhux tant dik tal-esperjenza personali tiegħu, imma dik marbuta mal-kerigma mxandra fil-komunità Kristjana primittiva. Kristu bħala l-Iben mibgħut minn Alla, il-Logos etern li sar bniedem, bil-mewt tiegħu fuq is-salib ħabbeb mil-ġdid lill-bnedmin midinbin ma' Alla. Dawk li laqgħu din il-fidwa permezz tal-fidi fi Kristu ffurmaw flimkien il-Knisja li fiha Pawlu għadda ħajtu b'ħafna taħbit b'missjoni fost l-aħwa nsara u li għinitu fit-tfassil tal-viżjoni tiegħu dwar l-imħabba. Fit-tagħlim tiegħu dwar l-imħabba Pawlu jirreferi għall-imħabba ta' Alla u ta' Kristu lejn il-bniedem, l-imħabba tal-bniedem lejn Alla u Kristu u wkoll l-imħabba tal-bnedmin lejn xulxin.

***L-imħabba ta' Alla u ta' Kristu lejn il-bniedem***

Fit-Testment il-Ġdid l-aktar tifsira importanti ta' '***agapan/agape***' hi l-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin. Difatti hu msejjaħ "*Alla tal-imħabba*" (2Kor 13:11). Fl-espressjoni '*mħabba ta' Alla*' ('***agapē tou theoù***) waħedha mhuwiex dejjem ċar jekk il-ġenittiv huwiex mifhum b'mod suġġettiv, allura jirreferi għall-imħabba li ġejja minn Alla (Rum 8:39; 2Kor 13:13), inkella b'mod oġġettiv, li jkun ifisser l-imħabba li hi diretta lejn Alla.

L-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin bħala "*wlied maħbuba*" (Ef 5:1) titlob respons ta' imħabba. Għal Pawlu kif ukoll għat-Testment il-Ġdid, l-imħabba ta' Alla għandha aspett uniku filli dehret fi Kristu "*Ibnu l-maħbub*" (Kol 1:13; Ef 1:6). Din l-imħabba hi qawwija tassew tant "*li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna*" (Rum 8:38-39). Hi mħabba gratuwita u ġeneruża li ġiet rivelata fil-karattru ta' Ġesù u fl-opra tas-salib: "*Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin*" (Rum 5:8). Din it-tpattija ta' Ġesù li biha hu għażel li jmut biex jifdina mid-dnub, hi ħierġa mill-imħabba ta' Alla li twassal għall-ħajja ġdida (Ef 2:4-5) u ta' Kristu stess "*li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija*" (Gal 2:20; Ef 5:2,25; Rum 8:37) u permezz tiegħu ksibna l-fidwa u l-ħelsien mid-dnub (Ef 1:7; Kol 1:14). Għalhekk din l-imħabba ta' Alla hi mħabba li ssalva miftuħa għall-bnedmin kollha partikularment dawk li jemmnu (1Tim 4:10).

Fl-imħabba tiegħu l-Missier għażel u ppredestina lill-Insara biex ikunu wlied adottivi permezz ta' Kristu (Ef 1:4-5). Xejn ma jista jifridhom minn din l-imħabba għaliex l-imħabba tinvolvihom ukoll fit-tbatijiet: "*It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla?*" (Rum 8:35). Pawlu jsemmi diversi drabi dawn it-tbatijiet li huma jġarrbu bħala wlied Alla biex jidħlu fis-Saltna ta' Alla (1Tes 3:3-4; 2Tes 1:5; 2Kor 11:23s). Minkejja dan kollu l-imħabba tati serħan personali kbir għaliex huma assikurati mir-rebħa minn Alla li jħobbhom tabilħaqq (Rum 8:37). Għax l-imħabba ta' Alla twassal biex l-Insara ikollhom il-kuraġġ kontinwu u t-tama li ma tiġix nieqsa (2Tes 2:16) li għad jiksbu l-glorja ta' Alla (Rum 5:2). Dan iseħħ fid-dawl tal-assikurazzjoni li l-imħabba ssaltan u Alla qatt mhu ser jabbandunahom. L-imħabba ta' Alla hi preċiżament l-istess bħal l-imħabba ta' Kristu (Rum 8:28-39). Huma magħżulin ukoll biex ikunu l-ewwel frott tal-fidwa bil-qdusija tal-Ispirtu s-Santu (2Tes 2:13; 1Tes 1:4).

Pawlu xi drabi jinsisti li l-imħabba ta' Alla hi msawba fil-qlub tal-bnedmin permezz tal-Ispirtu s-Santu li hu pleġġ u effett ta' din l-imħabba (Rum 5:5). L-imħabba hi ispirata fl-Insara bħala frott tal-Ispirtu fl-ewwel post (Gal 5:6); difatti f'15:30 jirreferi għaliha bħala "*l-imħabba tal-Ispirtu*". Dan iwassalna biex nilmħu d-dimensjoni trinitarja tal-imħabba divina. Din tidher ukoll jekk inħarsu lejn ir-realtà tal-Knisja. Il-Knisja ssib l-għeruq tagħha fil-grazzja ta' Kristu "*li ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha*" (Ef 5:25). Fil-Knisja Alla hu wkoll immanenti bħala qawwa li tħobb fl-Ispirtu s-Santu li jnissel u jinseġ l-għaqda fost dawk li jemmnu (2Kor 13:13). Mela fil-komunità hemm l-imħabba li tissawwar. Bħalma Alla hu Missier Ġesù Kristu, l-Ispirtu s-Santu hu identifikat bħala l-Ispirtu ta' Ġesù Kristu (Filip 1:19; ara wkoll Rum 8:2,9; Gal 4:6: "*l-Ispirtu ta' Ibnu*"). Il-Knisja hi l-familja ta' Alla, jiġifieri l-komunità ta' "*ulied Alla...permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù*" (Gal 3:26) u "*li jmexxihom l-Ispirtu ta' Alla*" (Rum 8:14). Pawlu jara wkoll fl-imħabba li Kristu kellu lejn il-Knisja bħala mudell tal-imħabba li l-irġiel għandhom juru lejn in-nisa tagħhom (Ef 5:25).

***L-imħabba tal-bniedem lejn Alla u Kristu***

Pawlu jitkellem ukoll mingħajr ebda ambigwità mill-imħabba tal-bniedem lejn Alla jew lejn Kristu. Għalkemm mhumiex ħafna t-testi f'dan is-sens, però fihom ġeneralment jitkellem mill-barkiet li l-bniedem jirċievi bħala frott ta' din l-imħabba. F'2Tes 3:5 jgħid: "*Jalla l-Mulej iwassal lil qlubkom għall-imħabba ta' Alla u s-sabar ta' Kristu*". L-espressjoni "*l-imħabba ta' Alla*" hi preċeduta mill-prepożizzjoni '***eis***' u allura tirreferi primarjament għall-imħabba li l-Insara għandu jkollhom lejn Alla. Alla stess jidderiġi lil qalbhom lejn l-imħabba ta' Alla. Xi drabi hu diffiċli biex tiddetermina f'espressjonijiet simili jekk il-ġenittiv għandux ikun mifhum bħala suġġettiv jew oġġettiv. Iżda meta nitkellmu mill-imħabba tal-bniedem lejn Alla, irridu nieħdu f'kunsiderazzjoni fl-aħħar mill-aħħar, li din l-imħabba hi biss parteċipazzjoni fl-imħabba li ġejja minn Alla, u hi msawba fina permezz tal-Ispirtu s-Santu. L-imħabba tal-bniedem hi respons għall-imħabba ta' Alla murija preċedentement, magħmulha possibbli bis-saħħa tal-grazzja ta' Alla u ssib l-espressjoni tagħha fir-radd il-ħajr partikularment fil-kuntest tal-kult (Ef 5:19; Kol 3:15; ara wkoll 2Kor 4:15; Filip 4:6; 1Tim 2:1) u fil-qadi lejn l-oħrajn.

F'xi testi li jitkellmu mill-imħabba tal-bniedem lejn Alla, Pawlu għandu quddiemu t-tradizzjoni tal-komunità, li hi f'kontinwità diretta mat-tagħlim ta' Ġesù. Hekk f'Rum 8:28 hu jafferma: "*Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skont il-providenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom*". Hawn Pawlu jirreferi għall-ħsieb tiegħu dwar l-imħabba providenzjali ta' Alla. Imma l-Insara bħala msejħin u bħala ulied Alla li għandhom it-tama fil-wirt tas-Saltna tiegħu, għandhom iħobbu lil Alla. Meta jistieden lill-Korintin: "*fittxu l-imħabba*" (1Kor 14:1) Pawlu għandu fil-mira tiegħu l-imħabba lejn Alla u lejn il-bnedmin. L-Insara għandhom jifirħu u jimtlew bil-kuraġġ għall-ħsieb ta' "*dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh*" (2Kor 2:9). Hawn Pawlu jirreferi għall-Antik Testment, b'test li nsibuh f'Is 64:3-4: "*Widna qatt ma semgħet, għajn qatt ma rat Alla bħalek, Alla li jħabrek għal min jittama fih*". Fl-aħħar parti, minflok "*għal min jittama fih*" Pawlu jibdilha fil-frażi "*għal dawk li jħobbuh*", liema frażi għandha paralleli preċiżi fit-test Grieg tal-ittra ta' Ġakbu (1:12; 2:5). Din l-imħabba lejn Alla għandha għan eskatoloġiku.

Iżda dwar l-imħabba tal-bniedem lejn Alla, Pawlu għandu wkoll il-ħsieb oriġinali tipiku tiegħu. F'1Kor 8:3 jgħid: "*Jekk xi ħadd iħobb lil Alla, lil dan Alla jagħrfu*" (bl-użu tal-passiv li tindika azzjoni divina; ukoll Gal 4:9; 1Kor 13:12: f'din ma jissemmiex Alla fil-frażi imma jirreferi għalih). Min iħobb lil Alla se jkun magħruf minn Alla fis-sens tal-Antik Testment, jiġifieri maħbub minnu. Jekk inħobbu lil Alla dan għaliex hu ħabbna qabel fi Kristu. Hawn hu qed jagħmel kuntrast bejn l-imħabba li tibni u l-għerf ('***gnosis***') li jonfoħ lill-bniedem. Il-kuntest tad-diskors hu dwar jekk il-laħam offert lill-idoli għandux jittiekel. Imma l-problema kienet tolqot l-aktar dwar in-nuqqas ta' għarfien propju fir-relazzjoni li għandu jkun hemm fi ħdan il-komunità tal-Insara, il-knisja bħala l-ġisem ta' Kristu, dik tal-għaref lejn id-dgħajjef (1Kor 8:10-13). Kien meħtieġ li jidħlu aktar fil-fond tar-realtà spiritwali tal-ġisem għal aktar sens mutwu bejn il-membri li "*jaħsbu f'xulxin*" fit-tbatijiet u fil-ferħ (1Kor 12:25-26). Meta r-relazzjoni tissawwar unikament permezz tal-imħabba allura din tkun meqjusa bħala għarfien ta' Alla. Iżda

bid-differenza mill-pretensjonijiet tal-kulti misteriċi Griegi li għandhom l-għarfien divin, f'din Pawlu hu aktar inklinat li jesprimiha b'mod aktar meqjus bħala inizjattiva ta' Alla u minflok jgħid "*lil dan Alla jagħrfu*".

Pawlu, bħall-bqija tat-Testment il-Ġdid, jitkellem ukoll mill-imħabba tagħna lejn Kristu. Hu jaf bl-imħabba ('***agapan/agape***') li n-nisrani għandu lejn Ġesù (Film 5), liema mħabba qatt ma tiġi nieqsa lejh (Ef 6:24). F'2Kor 5:14 Pawlu jgħid li "*l-imħabba ta' Kristu ġġegħelna naħsbu*": hawn il-ġenittiv jista' jkollu sens suggettiv fis-sens li l-imħabba ġejja minn Kristu u sens oggettiv li timplika l-mħabba tan-nisrani lejn Kristu. L-imħabba ta' Kristu dehret għall-fatt li hu miet għal kulħadd. Min-naħa l-oħra l-imħabba li Pawlu u oħrajn għandhom lejn Kristu ġġegħlhom biex jintefgħu fil-ħidma apostolika. F'1Kor 16:22 Pawlu juża wkoll il-verb '***philein***': "*Ħa jkun misħut jekk xi ħadd ma jħobbx il-Mulej*". Din hi twissija iebsa lejn dak in-nisrani li jonqos mill-imħabba tiegħu lejn Kristu.

***L-imħabba tal-bnedmin lejn xulxin***

Jekk fil-ħsieb tal-Lhud l-imħabba lejn l-oħrajn kienet imqiegħda fuq l-istess skala tal-kmandamenti l-oħra, fil-ħsieb Kristjan din għandha post ċentrali anzi uniku. Fit-Testment il-Ġdid, din l-imħabba lejn l-oħrajn li ta' spiss hi deskritta bħala l-imħabba lejn il-proxxmu, jidher li hi mqiegħda f'rabta tassew mill-qrib mal-imħabba lejn Alla, u flimkien jiffurmaw il-qofol tal-Liġi (Mk 11:28-33). Pawlu jkompli jgħallem fi kliemu dan it-tagħlim lejn l-oħrajn li nsibu fil-Vanġeli Sinottiċi. Meta jitkellem mill-ħajja Kristjana u l-virtujiet marbuta magħha, l-eżortazzjonijiet dwar l-imħabba mutwa huma numerużi u jidħlu bħala parti sew f'din il-ħajja l-ġdida.

Din il-ħajja l-ġdida ġejja l-ewwel nett mill-fatt li Alla hu qaddis u jistenna li aħna bħala qaddejja tiegħu nkunu qaddisin u naħsdu l-frott tal-qdusija (Rum 6:22; 2Kor 7:1). Fuq kollox fil-ħajja Kristjana, aħna "*bħala wlied maħbuba*", għandna nixbħu lil Alla u nimxu fl-imħabba bħalma Kristu ħabbna (Ef 5:1-2). Jekk "*l-imħabba ta' Kristu ġġegħelna*" (2Kor 5:14), għandna nikbru f'xebħ miegħu, ngħixu mhux skont il-ġisem imma skont l-Ispirtu (Rum 8:5). Miġburin flimklien fl-imħabba, naslu "*għall-għarfien tal-misteru ta' Alla li hu Kristu*" (Kol 2:2) u magħqudin miegħu fil-ħajja tagħhom, l-Insara jkomplu jibnu ħajjithom fuqu u filwaqt li jissaħħu fil-fidi, jimtlew bil-gratitudni ('***eucharistia***': Kol 2:6-7). Din il-gratitudini mimlija mħabba ġejja mill-wirja tal-imħabba tal-bniedem bħala respons għall-imħabba preċedenti ta' Alla u li ssib l-espressjoni tagħha mhux biss fil-kult imma wkoll fl-imħabba lejn l-oħrajn. Dwar din l-imħabba lejn l-oħrajn Pawlu nnifsu juri lill-Insara li "*intom stess tgħallimtu mingħand Alla kif għandkom tħobbu lil xulxin*" (1Tes 4:9).

Dan id-dmir tal-imħabba lejn l-oħrajn Pawlu jara fih it-twettiq u l-milja tal-liġi kollha għax fih jinġabru l-kmandamenti l-oħra. Inġibu hawn żewġ testi ewlenin dwar l-imħabba lejn l-oħrajn. Bħala nsara li ġew imsejħa biex jgħixu ta' nies ħielsa bis-saħħa tal-ħelsien li ġab Kristu, Pawlu jkompli jfakkarhom "*imma tinqdewx b'dan il-ħelsien għall-ġisem, iżda aqdu lil xulxin fl-imħabba. Il-Liġi kollha tinġabar f'liġi waħda: 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek'*" (Gal 5:13-14; ara Mt 19:19; Lq 10:27: dan il-kmandament insibuh f'Lev 19:18). Fl-ittra lir-Rumani jinsisti fuq dan id-dmir: "*Tkunu obbligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin. Kull min iħobb ikun iħares il-bqija tal-Liġi. Għax il-kmandamenti: 'La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib', u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: 'Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek'*". Hu jkompli jżid jgħid: "*L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-Liġi*" (Rum 13:8-10).

Jekk fl-Antik Testment għajrek jew il-proxxmu kienet tfisser nies tal-familja tiegħek jew Iżraelin bħalek, fit-Testment il-Ġdid it-tifsira titwessa' u tinkludi anke lill-għedewwa (Mt 5:44; Lq 6:27) u lill-barranin (Lq 10:25-37; ara 17:18). Bħalma l-imħabba ta' Alla hi mifruxa għall-bnedmin kollha, anke l-bnedmin għandhom iħobbu lill-oħrajn kollha mingħajr ma jeskludu lil ħadd. Fil-kuntrast li Ġesù għamel f'dan ir-rigward bejn: "*Smajtu x'intqal...imma jien ngħidilkom*", toħroġ qawwija d-differenza u s-superjorità tat-Testment il-Ġdid ħdejn dak li kien jiddomina l-ħajja fost il-Lhud fil-liġi l-qadima. Pawlu fit-tagħlim tiegħu mexa fuq dan l-istess prinċipju mmexxi mill-imħabba. Għalhekk fil-ħajja nisranija tagħhom l-Insara għandhom iqisu li l-imħabba tagħhom tkun ġenwina li fil-konkret timplika diversi ħwejjeġ kif isemmi f'Rum 12:9-

20. Filwaqt li jfittxu li jħobbu (‘***philostorgos***’: imħabba li turi affezzjoni) lil xulxin bħal aħwa (‘***philadelphia***’: dawn il-kelmiet f’Rum 12:10 iridu jimplikaw li l-komunità Kristjana hi aktar minn soċjetà imma familja), jistmaw lil xulxin u jaqsmu ġidhom ma’ min hu fil-bżonn, huma jkunu lesti li jmorru aktar ’il hemm fil-wirja tal-imħabba. Fl-ispirtu ta’ Ġesù, Pawlu jinsisti magħhom għall-attitudni fl-imħabba lejn il-barranin u l-għedewwa: “*ilqgħu f’darkom lill-barranin* (ara Mt 25:35s). *Bierku lil dawk li jippersegwitawkom; bierku, u la tisħtu lil ħadd* (ara Mt 5:44; Lq 6:28)...*troddu lil ħadd deni b’deni...tivvendikawx ruħkom b’idejkom* (ara Mt 5:39)...*Jekk l-għadu tiegħek bil-ġuħ, itimgħu; jekk hu bil-għatx, isqih*” (ara Mt 25:35).

Pawlu kellu ħeġġa kbira li l-komunitajiet Insara jgħixu fl-imħabba. Il-ferħ tiegħu kien li “*jkollkom l-istess imħabba, u ruħ waħda u ħsieb wieħed*” (Filip 2:2), mingħajr pika jew ftaħir fieragħ. Immexxija minn sens ta’ umiltà wieħed ifittex mhux dak li jaqbillu imma dak li jaqbel lil ħaddieħor. Bħala magħżulin ta’ Alla huma msejħin biex jgħixu l-ħajja ġdida tagħhom fi Kristu mlibbsin b’sentimenti ta’ virtù, fosthom l-umiltà, il-ħlewwa, is-sabar, ħniena, u fuq kollox li jħobbu lil xulxin: “*ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni*” (Kol 3:12-14; Ef 4:1-3). Dan kollu jġib l-għaqda u s-sliem fosthom.

Meta Pawlu jeżorta lill-Insara biex jimxu fl-imħabba f’xebħ ma’ Alla u fuq l-eżempju ta’ Kristu (Ef 5:1-2), il-ħarsa tiegħu hi waħda universali li ma tippermettix ħitan soċjali, razzjali jew kulturali (Gal 3:28) u kull kategorija soċjali tidħol fil-qafas tar-regola tal-ħajja ġdida. Fil-ħajja tal-miżżewġin għandu jkun hemm ir-rispett bejn ir-raġel u l-mara u l-imħabba bejniethom għandha tidher fl-aqwa forma tagħha fuq il-mudell tal-imħabba li qatt ma tiġi nieqsa bejn Kristu u l-Knisja. “*Għalhekk intom ukoll, kull wieħed minnkom, għandu jħobb lil martu bħalu nnifsu, u l-mara għandha ġġib rispett lil żewġha*” (Ef 5:25-33; Kol 3:18-19). Dan l-ambjent tal-imħabba għandu jkompli jissawwar fil-familja billi l-ulied għandhom jisimgħu mill-ġenituri tagħhom skont il-kmand tal-Mulej (Ef 6:1-3; Kol 3:20), filwaqt li l-ġenituri għandhom l-għożża ta’ wliedhom (ara Ef 6:4; Kol 3:21). Pawlu jeżorta wkoll għall-aħjar relazzjoni bejn is-sidien u l-ilsiera (ara Ef 6:5-9; Kol 3: 2-4:10; saħansitra s-sid imqanqal mill-imħabba (Film 5,7,9) jilqa’ lill-ilsir “*mhux iktar bħala ilsir, imma xi ħaġa iktar minn ilsir, bħala ħuk għażiż*” (‘***adelphon agapēton***’: v 16).

Fil-ħsieb ta’ Pawlu l-imħabba hi mqiegħda bħala prinċipju li tiggwida diversi aspetti oħra fil-ħajja tal-Insara. Hu jwissi kontra xi tfixkil jew skandlu lejn l-oħrajn. Minkejja l-libertà li jgawdi l-individwu, hemm anke r-responsabilità għall-edifikazzjoni tal-oħrajn, partikularment lejn min hu dgħajjef fil-fidi (ara 1Kor 8:9) u għalhekk m’għandux iqisqiesu biss (ara 1Kor 10:24), altrimenti “*ma tkunx qiegħed timxi bl-imħabba*” (Rum 14:15; ara Rum 14; 1Kor 10:23-30). Mela n-nisrani għandu jkollu r-rispett lejn il-kuxjenza tal-oħrajn fl-ispirtu li “*l-imħabba tibnina*” (1Kor 8:1). L-imħabba għandha tmexxi wkoll lill-komunitajiet Insara fil-ministeru ta’ għajnuna biex jgħinu lill-foqra bil-ġenerożità tagħhom. B’dan il-mod huma jagħtu xhieda ta mħabbithom quddiem l-oħrajn u jistgħanu f’din il-ħidma ta’ ħniena (2Kor 8:7-8,24). Anke meta seħħet fl-eqqel tagħha l-kriżi fir-relazzjonijiet bejn Pawlu u l-komunità ta’ Korintu, hu kellu jċanfar lil din il-komunità b’għafsa ta’ qalb, u dan għamlu biex jurihom l-imħabba tiegħu bla tarf lejhom (2Kor 2:4; 1Kor 16:24). Hu kien ta’ eżempju għall-komunitajiet Insara meta ħafer lil min kien offendieh u wissiehom biex huma wkoll jagħmlu l-istess b’turija ta’ mħabba (2Kor 2:6-11). Kien ukoll imġiegħel mill-imħabba ta’ Kristu fl-impenn tiegħu tal-ministeru tal-ħbiberija fost l-Insara biex isseħħ ir-rikonċiljazzjoni tal-bnedmin ma’ Alla (2Kor 5:14-20). Dawn l-aspetti varji juru kemm l-imħabba lejn l-oħrajn kienet ċentrali fil-ħajja ta’ Pawlu, u anke meta din kienet tirrikjedi sagrifiċċju mhux żgħir għalih, l-imħabba hi preżenti fost il-ħafna kwalitajiet u virtujiet oħra biex tikkaratterizża l-ministeru tiegħu (2Kor 6:6; ara wkoll 11:11; 12:15).

Dawn il-ħafna eżempji ta’ għemejjel ta’ imħabba huma frott mhux l-inizjattiva umana, imma huma mwettqa minħabba l-grazzja li Alla jagħti permezz ta’ Kristu li “*jqawwilkom qalbkom u jsaħħaħkom f’kull għemil u kelma tajba*” (2Tes 2:16-17). It-tweġiba tal-bnedmin għall-imħabba ta’ Alla lejna fi Kristu tagħmilhom ikunu “*mimlijin bil-frott tal-ġustizzja*” (Filip 1:9-11). F’dan il-kwadru Pawlu jgħaqqad ta’ spiss l-imħabba mal-fidi u t-tama: “*Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba*” (1Kor 13:13; ara 1Tes 1:3; 5:8; Gal 5:5-6; Rum 5:1-8). Din l-imħabba hi possibli għaliex hi mibnija fuq il-fidi fl-imħabba salvifika tal-mewt u l-

qawmien ta' Kristu: "*Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin*" (Rum 5:8; Ef 3:17; ara Gal 2:20); u vera fidi "*taħdem permezz tal-imħabba*" (Gal 5:6). L-imħabba hi marbuta wkoll mat-tama għax hi mogħtija lil min jemmen bħala don mill-Ispirtu s-Santu, biex filwaqt li ngħixha fil-preżent, tkun sinjal tal-milja futura mistennija bit-tama. "*U din it-tama ma tqarrqax bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawwbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna*" (Rum 5:5). Meta Pawlu jelenka l-frott tal-Ispirtu f'kuntrast mal-għemejjel tal-ġisem, isemmi l-ewwel l-imħabba (Gal 5:22).

L-akbar testment li ħalla Pawlu, mingħajr ebda dubju frott ħsibijietu dwar il-kobor u l-glorja tal-vera mħabba, hu l-innu f'1Kor 13. Forsi mhix daqstant aċċidentali li dan l-innu tal-imħabba jidher fl-ittra indirizzata lill-Insara tal-belt ta' Korintu li kienet waħda miċ-ċentri kultiċi ta' Afrodite, l-alla mara tal-imħabba, flimkien ma' Eros. F'dan l-innu għandna l-kelma '***agape***' użata f'sens assolut, jiġifieri mingħajr ma jissemma l-ebda oġġett b'mod espliċitu. Dan l-użu assolut hu pjuttost frekwenti f'Pawlu. Xi drabi hu diffiċli biex tiddeċiedi jekk hux qed jirreferi għall-imħabba ta' Alla (skont il-Missirijiet Latini u studjużi oħra) jew l-imħabba lejn l-oħrajn partikularment bejn l-Insara (skont il-Missirijiet Griegi u studjużi oħra). Hemm oħrajn li jaraw bħala oġġett tagħha kemm Alla u l-bniedem.

Din l-imħabba bħal toħloq ambjent li fih Alla u l-Insara jgħixu flimkien. Hi tidħol fil-ħajja Kristjana kemm komunitarja jew individwali. Issa jekk wieħed iħares lejn il-kuntest li fih insibu dan l-innu, forsi toħroġ l-impressjoni li hawnhekk Pawlu qed jittratta mir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin, partikularment fost il-membri tal-Knisja (ara 1Kor 12:27s). Fl-innu Pawlu juri li l-imħabba tiżboq kull don ieħor u li xejn ma għandu siwi jew valur mingħajrha. Imsawra minn karatteristiċi pożittivi, l-imħabba hi dejjem rilevanti u tibqa' dejjem. Imma l-milja tal-imħabba tinsab f'Alla. Fi kliem San Ġwann: "*Alla hu mħabba*" (1Ġw 4:8), iżda din il-frażi qatt mhi palindromu li tagħmel mill-imħabba xi alla stil Grieg fil-figura ta' Afrodite. Pawlu bħal Ġwanni, jara aktar x'inhi l-imħabba billi jħares lejn Alla li tant jħobb perfettament u jara x'għamel Alla għall-bnedmin: "*Imma Alla għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu*" (Ef 2:4-5; ara 1Ġw 3:1,16; 4:9-10).

# It-Tieni Taqsima:
# Għajnuna għat-Talb Personali jew fi Grupp

## 6. *EVANGELII GAUDIUM – il-ferħ tal-Vanġelu*

**Parroċċa San Ġorġ**

*Siltiet mill-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Franġisku magħżula għal żmien ir-Randan.*

Dan is-sussidju jista' jintuża bħala għajnuna għall-meditazzjoni personali għal kull ġurnata matul iż-żmien liturġiku tar-Randan. Is-sussidju ġie stampat f'librett, li jista' jinkiseb mill-parroċċa ta' San Ġorġ, Għawdex.

*Is-siltiet meħuda mill-*Evangelii Gaudium *huma miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard,u magħżula u editjati minn Dun Richard Nazzareno Farrugia.* In-numri *fil-parentesi taħt kull silta jirriferu għall-paragrafi oriġinali fl-Eżortazzjoni.*

### L-Erbgħa 5 ta' Marzu 2014 • L-Erbgħa tar-Rmied
*Iltaqa' ma' Ġesù*

Nistieden lil kull Nisrani, huma liema huma l-post u l-qagħda li fihom jinsab, biex iġedded il-lum stess il-laqgħa personali tiegħu ma' Ġesù Kristu jew, tal-inqas, biex jieħu deċiżjoni li jħalli lilU jiltaqa' miegħu, li jfittxu kuljum bla heda. M'hemmx raġuni waħda għaliex wieħed għandu jaħseb li din l-istedina m'hix għalih, għax "ħadd m'hu eskluż mill-ferħ li jġib il-Mulej". Min lest li jirriskja, il-Mulej ma jiddeludihx, u meta xi ħadd jagħmel pass imqar ċkejken lejn Ġesù, hu jiskopri li Hu diġà kien qed jistenna l-wasla tiegħu b'dirgħajh miftuħa. {par. 3}

### Il-Ħamis 6 ta' Marzu 2014
*Taqtax qalbek mill-ħniena*

Għal darb'oħra ninsisti: Alla ma jegħja qatt jaħfer; huwa aħna li negħjew nitolbuh iħenn għalina. Dak li stedinna biex naħfru "sa sebgħa u sebgħin darba" (Mt 18:22), jagħtina hu l-eżempju: Hu jaħfer għal sebgħa u sebgħin darba. Jerġa' lura biex jerfagħna fuq spallejh darba wara l-oħra. Ħadd ma jista' jneħħilna d-dinjità li tlibbisna din l-imħabba bla tmiem u li ma tiddgħajjifx. Hu jippermettilna li ngħollu rasna 'l fuq u nibdew mill-ġdid, bi ħlewwa li ma tqarraq qatt bina u li dejjem tista' tagħtina mill-ġdid il-ferħ. {par. 3}

### Il-Ġimgħa 7 ta' Marzu 2014
*Ifraħ, anki meta tinsab fit-tbatija*

Hemm Insara li donnhom għandhom stil ta' Randan mingħajr Għid. Safrattant nifhem li l-ferħ mhux kulħadd jgħixu bl-istess mod fl-istadji u ċ-ċirkustanzi kollha tal-ħajja, kultant iebsin sew. Jadatta ruħu u jinbidel, u dejjem jibqa' tal-inqas bħala xaqq ta' dawl li ġej miċ-ċertezza personali li, lil hemm minn kollox, hu maħbub bi mħabba bla qies. Nifhimhom dawk il-persuni li iktar ixaqilbu lejn id-dwejjaq minħabba fid-diffikultajiet kbar li jkollhom iġarrbu, imma naqra naqra hemm bżonn inħallu jitqanqal fina l-ferħ tal-fidi, bħal fiduċja moħbija imma sħiħa, anki qalb l-eħrex diqa (*aqra* Lam 3:17,21-23,26). {par. 6}

**Is-Sibt 8 ta' Marzu 2014**
*Ħalli lil Alla jmexxik*

Huwa biss grazzi għal din il-laqgħa – jew laqgħa mill-ġdid – ma' din l-imħabba ta' Alla, li tinbidel fi ħbiberija hienja, li aħna ninħelsu mill-kuxjenza iżolata tagħna u mill-awtoreferenzjalità. Naslu biex insiru għal kollox umani meta nkunu iżjed minn umani, meta nħallu lil Alla joħroġna barra minna nfusna biex naslu għall-essri l-iżjed veru tagħna. Hemm hi l-għajn tal-azzjoni evanġelizzatriċi. Għax, jekk wieħed laqa' din l-imħabba li tista' tagħtih mill-ġdid is-sens ta' ħajtu, kif jista' jrażżan fih ix-xewqa li jgħaddiha lill-oħrajn? {par. 8}

**Il-Ħadd 9 ta' Marzu 2014 • L-1 Ħadd tar-Randan**
*Fittex il-ġid ta' ħuk*

Min jixtieq jgħix b'dinjità u b'mod sħiħ, m'għandux għażla oħra ħlief li jagħraf lill-persuna l-oħra u jfittex il-ġid tagħha. Mela m'għandniex għax nistagħġbu b'ebda waħda minn dawn l-espressjonijiet ta' San Pawl: "L-imħabba ta' Kristu ssuqna" (2 Kor 5:14); "Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju" (1 Kor 9:16). Il-proposta hi li ngħixu fuq livell ogħla, imma mhux b'inqas intensità: Il-ħajja nsaħħuha meta nagħtuha lill-oħrajn u ndgħajfuha meta niżolawha u ngħażżnuha fil-kumdità. Fil-fatt, dawk li l-iżjed jisfruttaw il-possibbiltajiet li tagħtihom il-ħajja huma dawk li jħallu x-xatt żgur u jingħataw b'ruħhom u ġisimhom għall-missjoni li jwasslu l-ħajja lill-oħrajn. {par. 9-10}

**It-Tnejn 10 ta' Marzu 2014**
*Neħħi l-wiċċ ta' funeral*

Min jevanġelizza m'għandux ikollu l-ħin kollu wiċċ ta' funeral. Ejjew nirkupraw jew nikbru fil-ħeġġa, dak il-hena ħelu, li jagħti l-qawwa tal-evanġelizzatur, anki meta jkollna niżirgħu fid-dmugħ […] Jalla dan ikun il-ferħ kbir ta' ħajjitna kkonsagrata. U jalla d-dinja ta' żminijietna, li qiegħda tfittex, kultant bi qsim il-qalb, kultant bit-tama, jirnexxielha tirċievi l-Aħbar it-Tajba mhux minn għand evanġelizzaturi bla ħeġġa, qalbhom maqtugħa, bla sabar u anzjużi, iżda minn għand ministri tal-Vanġelu ta' ħajja mkebbsa bil-ħeġġa, li rċevew il-ferħ ta' Kristu. {par. 10}

**It-Tlieta 11 ta' Marzu 2014**
*Ħalli lil Kristu jġeddek*

Bin-novità tiegħu, hu [Ġesù] jista' dejjem iġeddilna ħajjitna u l-komunità tagħna, u anki jekk ikollha taqsam epoki mudlama u dgħufijiet ekkleżjali, il-proposta Nisranija ma tixjieħ qatt. Ġesù Kristu jista' anki jfarrak l-iskemi medjokri li fihom nippretendu li għandna nagħlquh u l-ħin kollu jissorprendina bil-kreattività divina tiegħu. Kull darba li nfittxu li nerġgħu lura għall-għajn biex insibu mill-ġdid il-freskezza oriġinali tal-Vanġelu, jitfaċċaw toroq u metodi kreattivi ġodda […] Fir-realtà, kull azzjoni awtentika ta' evanġelizzazzjoni hi dejjem "ġdida". {par. 11}

**L-Erbgħa 12 ta' Marzu 2014**
*Xandru ma' kulħadd*

Nosservaw li l-evanġelizzazzjoni hi essenzjalment marbuta mat-tħabbir tal-Vanġelu lil *dawk li ma jafux lil Ġesù Kristu jew li dejjem ċaħduh*. Ħafna minnhom ifittxu lil Alla bil-moħbi, imqanqla min-nostalġija għal wiċċu, anki f'pajjiżi ta' tradizzjoni Kristjana antika. Kulħadd għandu d-dritt li jirċievi l-Vanġelu. L-Insara huma fid-dmir li jħabbruh mingħajr ma jħallu lil ħadd barra, mhux bħal xi ħadd li qed jimponi obbligu ġdid, imma bħal min irid jaqsam ma' ħaddieħor bil-ferħ, jurih xefaq sabiħ, joffrilu ikla mixtieqa. Il-Knisja mhux bil-proselitiżmu tikber, imma "bl-attrazzjoni". {par. 14}

### Il-Ħamis 13 ta' Marzu 2014
*Oħroġ u wassal l-Evanġelju*

Fil-Kelma ta' Alla kontinwament naraw dan id-dinamiżmu ta' "ħruġ" li Alla jixtieq iqajjem f'min jemmen […] Lil Ġeremija qallu: "Inti tmur kull fejn nibagħtek" (Ġer 1:7). Il-lum, f'din il-"morru" ta' Ġesù, nilmħu preżenti x-xenarji u l-isfidi dejjem ġodda tal-missjoni tal-Knisja li tevanġelizza, u lkoll aħna msejħa għal dan il-"ħruġ" missjunarju ġdid. Kull Nisrani u kull komunità trid tiddixxerni dwar liema hi l-mixja li l-Mulej qed jitlob, imma kollha aħna msejħin biex nilqgħu din is-sejħa: noħorġu mill-kumditajiet tagħna u jkollna l-kuraġġ li nilħqu l-periferiji kollha li għandhom bżonn tad-dawl tal-Vanġelu. {par. 20}

### Il-Ġimgħa 14 ta' Marzu 2014
*Ħeġġeġ l-għaqda mas-Salib*

Hu x'inhu, it-tagħlim tal-Knisja qatt m'hu ħa jirnexxielna nġibuh jinftiehem faċilment u apprezzat minn kulħadd bla problema ta' xejn. Il-fidi dejjem iġġorr magħha aspett tas-salib, xi dell li ma jneħħi xejn mill-qawwa tal-aċċettazzjoni tagħha. Hemm ħwejjeġ li nistgħu nifhmuhom u napprezzawhom biss jekk nitilqu minn din l-aċċettazzjoni li hi oħt l-imħabba, lil hemm miċ-ċarezza li biha nistgħu nifhmu r-raġunar u l-argumenti. {par. 42}

### Is-Sibt 15 ta' Marzu 2014
*Iftaħ beraħ il-bibien*

Il-Knisja "li toħroġ" hi Knisja bil-bibien tagħha miftuħa. Li toħroġ lejn l-oħrajn biex tilħaq il-periferiji umani ma jfissirx tiġri lejn id-dinja bla direzzjoni jew bla sens ta' xejn. Spiss ikun aħjar jekk timxi iktar bil-mod, twarrab l-ansjetà, biex tista' tħares f'għajnejn il-bniedem u tisimgħu, jew tħalli warajha dak li jidher urġenti biex tista' takkumpanja lil min baqa' fil-ġenb tat-triq. Spiss hi bħall-missier tal-iben il-ħali, li jżomm il-bibien tiegħu miftuħa biex meta dan jiġi lura, ikun jista' jidħol bla xkiel ta' xejn. {par. 46}

### Il-Ħadd 16 ta' Marzu 2014 • It-2 Ħadd tar-Randan
*Tibżax li tiżbalja, ibża' li tingħalaq*

Jekk hemm xi ħaġa li bir-raġun kollu għandha tinkwetana u tħassibna fil-kuxjenza tagħna hi li tant minn ħutna qed jgħixu mingħajr il-qawwa, id-dawl u l-faraġ tal-ħbiberija ma' Ġesù Kristu, mingħajr komunità ta' fidi li tilqagħhom għandha, mingħajr ebda xefaq ta' sens u ta' ħajja. Iktar milli l-biża' li niżbaljaw, nittama li dak li jħarrikna jkun il-biża' li ningħalqu fl-istrutturi li jagħtuna protezzjoni falza, fin-normi li jibdluna fi mħallfin bla ħniena, fid-drawwiet li fihom inħossuna trankwilli, waqt li hemm barra hemm folla kbira mġewħa u Ġesù li qed itennilna bla heda: "Agħtuhom intom x'jieklu" (Mk 6:37). {par. 49}

### It-Tnejn 17 ta' Marzu 2014
*Warrab l-għoġol tad-deheb*

Il-kriżi finanzjarja li għaddejjin minnha qed tnessina li fl-għeruq tagħha hemm kriżi antropoloġika profonda: iċ-ċaħda tal-primat tal-bniedem! Ħloqna idoli ġodda. Il-qima tal-għoġol antik tad-deheb (ara Eż 32:1-35) issa sabet verżjoni ġdida u bla ħniena fl-idolatrija tal-flus u fid-dittatura ta' ekonomija bla wiċċ u bla skop tassew uman. Il-kriżi dinjija li qed taffettwa l-finanzi u l-ekonomija qed tikxef l-istess nuqqas ta' bilanċ li hemm fihom u, fuq kollox, in-nuqqas gravi ta' orjentament antropoloġiku li lill-bniedem jirriduċih għal wieħed biss mill-bżonnijiet li għandu: il-konsum. {par. 55}

**It-Tlieta 18 ta' Marzu 2014**
*Iddefendi l-familja*

Il-familja għaddejja minn kriżi kulturali qawwija, bħall-komunitajiet u r-rabtiet soċjali kollha l-oħra. Fil-każ tal-familja, id-dgħufija tar-rabtiet issir partikularment gravi għax hawn għandna ċellula fundamentali tas-soċjetà, l-imkien fejn nitgħallmu ngħixu bid-differenzi ta' bejnietna u nkunu ta' xulxin u fejn il-ġenituri jgħaddu l-fidi lill-ulied. It-tendenza saret li nħarsu lejn iż-żwieġ bħala sempliċi forma ta' gratifikazzjoni affettiva li jista' jinbena bi kwalunkwe mod u jitbiddel skond kif iħossha dak li jkun. Imma l-kontribut indispensabbli taż-żwieġ lis-soċjetà hu 'l fuq mil-livell emottiv u mill-ħtiġijiet li jinbidlu tal-koppja. {par. 66}

**L-Erbgħa 19 ta' Marzu 2014 • San Ġużepp, l-Għarus tal-Verġni Marija**
*Ifraħ bl-eżempju sabiħ ta' bosta Nsara*

Inħoss li għandi nuri gratitudni kbira lejn l-impenn ta' dawk kollha li jaħdmu fi ħdan il-Knisja [...] L-uġigħ ta' qalb u l-mistħija tagħna għad-dnubiet ta' xi membri tal-Knisja, u għal dnubietna stess, m'għandhomx inessuna kemm Insara jagħtu ħajjithom għall-imħabba [...] Irrodd ħajr lil Alla għall-eżempju sabiħ li jagħtuni tant Insara li joffru ħajjithom u ħinhom bil-ferħ. Din ix-xhieda hi ta' ġid kbir għalija u tweżinni fix-xewqa personali tiegħi li nirbaħ l-egoiżmu tiegħi biex nista' ningħata iżjed. {par. 76}

**Il-Ħamis 20 ta' Marzu 2014**
*Egħleb il-mistħija*

Xi drabi fil-kultura medjatika u f'xi ambjenti intellettwali nilmħu sfiduċja partikulari fil-konfront tal-messaġġ tal-Knisja, u ċerta delużjoni. Minħabba f'hekk, bosta operaturi pastorali, minkejja t-talb, irawmu fihom ċertu kumpless ta' inferjorità, li twassalhom biex jirrelativizzaw jew jaħbu l-identità Nisranija u l-konvinzjonijiet tagħhom. Hekk jinħoloq ċirku vizzjuż, għax imbagħad ma jkunux ferħana b'dak li huma u b'dak li jagħmlu, ma jħossuhomx jistgħu jidentifikaw ruħhom mal-missjoni tal-evanġelizzazzjoni, u dan idgħajjef l-impenn tagħhom. {par. 79}

**Il-Ġimgħa 21 ta' Marzu 2014**
*Qum u titgħażżinx*

Meta l-aktar li neħtieġu dinamiżmu missjunarju li jġib melħ u dawl lid-dinja, ħafna lajċi qed jibżgħu li xi ħadd jistedinhom biex iwettqu xi ħidma appostolika, u qed ifittxu li jaħarbu minn kull impenn li jista' jeħdilhom mill-ħin liberu tagħhom. Il-lum, ngħidu aħna, sar diffiċli ħafna nsibu katekisti mħejjija tajjeb għall-parroċċi u li jipperseveraw fil-ħidma tagħhom għal għadd ta' snin. Imma xi ħaġa tixxiebah qed tiġri fis-saċerdoti, li saru ossessjonati bil-ħin personali tagħhom [...] Xi wħud jirreżistu milli jduqu sa l-aħħar il-gost tal-missjoni u jibqgħu mxaħxħa f'għażż li jipparalizzahom. {par. 81}

**Is-Sibt 22 ta' Marzu 2014**
*Tordomx id-don tal-fidi*

[L-akbar theddida għall-Knisja hi li] tiżviluppa ruħha l-psikoloġija tal-qabar, li bil-mod il-mod tibdel lill-Insara f'mummji ta' ġo mużew. Qalbhom maqtugħa mir-realtà ta' madwarhom, mill-Knisja u minnhom infushom, jgħixu t-tentazzjoni kontinwa li jintrabtu ma' "niket ħelu", bla tama, li jirbħilhom qalbhom donnu "l-aktar xarba prezzjuża tax-xitan". Dawk li kienu msejħa biex ixerrdu d-dawl u jwasslu l-ħajja, fl-aħħar jispiċċaw jinġibdu lejn ħwejjeġ li jġibu biss dlam u għeja interjuri, u li jdagħjfu d-dinamiżmu appostoliku. Għalhekk ħalluni ninsisti: ma nħallux lil min jisirqilna l-ferħ tal-evanġelizzazzjoni! {par. 83}

## Il-Ħadd 23 ta' Marzu 2014 • It-3 Ħadd tar-Randan
*Kun ottimista*

Waħda mill-iżjed tentazzjonijiet serji li jifgaw il-ħeġġa u l-kuraġġ huwa meta nħossuna mirbuħin, sens li jibdilna f'persuni pessimisti b'wiċċhom imkemmex li dejjem imdejqin u delużi. Ħadd ma jista' jidħol għal battalja jekk sa minn qabel ma jittamax għal kollox fi trijonf. Min jitlaq mingħajr fiduċja, diġà tilef minn qabel nofs il-battalja u jkun qed jidfen it-talenti tiegħu. Anki jekk bl-għarfien tad-dgħufijiet tagħna li jnikktuna, jeħtieġ nibqgħu mexjin 'il quddiem mingħajr ma nagħtu ruħna b'mirbuħa, u niftakru dak li qal il-Mulej lil San Pawl: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef" (2 Kor 12:9). {par. 85}

## It-Tnejn 24 ta' Marzu 2014
*Ersaq lejn ħuk u afdah*

L-ideal Nisrani dejjem jistedinna nirbħu kull suspett, nuqqas permanenti ta' fiduċja, il-biża' li xi ħadd jinvadilna l-privatezza, l-atteġġjamenti difensivi li d-dinja tal-lum timponi fuqna. […] Il-Vanġelu jistedinna dejjem biex nidħlu għar-riskju tal-laqgħa mal-wiċċ tal-ieħor, mal-preżenza fiżika tiegħu li tisfidana, mal-weġgħat tiegħu u mat-karbiet tiegħu, mal-ferħ tiegħu li jittieħed fil-kuntatt fiżiku kostanti ma' xulxin. Il-fidi awtentika fl-Iben ta' Alla magħmul laħam ma nistgħux nifirduha mid-don tagħna nfusna, mill-appartenenza għall-komunità, mis-servizz, mir-rikonċiljazzjoni mal-ġisem tal-oħrajn. L-Iben ta' Alla, fl-inkarnazzjoni tiegħu, stedinna għar-rivoluzzjoni tal-ħlewwa. {par. 88}

## It-Tlieta 25 ta' Marzu 2014 • It-Tħabbira tal-Mulej
*Tgħallem mill-Verġni Marija*

Il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni li twettaq il-Knisja għandha stil Marjan. Għax kull darba li nħarsu lejn Marija, inkunu qed nemmnu mill-ġdid fil-qawwa rivoluzzjonarja tal-ħlewwa u tal-imħabba. Fiha naraw kif l-umiltà u l-ħlewwa m'humiex virtujiet ta' min hu dgħajjef imma ta' min hu qawwi, li m'għandux bżonn jittratta ħażin lill-oħrajn biex hu jħossu importanti. […] Nitolbuha biex bit-talb tagħha ta' omm tgħinna biex il-Knisja ssir dar għal ħafna, omm għall-ġnus kollha, u tagħmel possibbli t-twelid ta' dinja ġdida. {par. 288}

## L-Erbgħa 26 ta' Marzu 2014
*Taħrabx u tinħebiex*

Sfida importanti hi dik li nuru li s-soluzzjoni qatt m'hi qiegħda f'li naħarbu minn relazzjoni personali u impenjattiva ma' Alla, li fl-istess ħinn timpenjana ma' l-oħrajn. […] Hemm bżonn ngħinuhom jagħrfu li t-triq waħdanija hi dik li nitgħallmu niltaqgħu ma' l-oħrajn bl-atteġġjament it-tajjeb, napprezzawhom u nilqgħuhom bħala sħabna fit-triq, bla ma nqiegħdu ebda reżistenza minn ġewwa. Aktar minn hekk, hi li nitgħallmu niskopru lil Ġesù fil-wiċċ tal-oħrajn, fil-vuċi tagħhom, fil-karbiet tagħhom. U nitgħallmu wkoll inbatu f'tgħanniqa ma' Ġesù mislub meta nġarrbu attakki jew ingratitudni inġusta, bla ma negħjew qatt nagħmlu l-għażla tal-fraternità. {par. 91}

## Il-Ħamis 27 ta' Marzu 2014
*Għożż il-komunità*

Hemm qiegħed il-fejqan veru, mill-mument li fih il-mod ta' kif nirrelataw ma' xulxin, li tassew iqawwina flok iġagħilna nimirdu, ikun fraternità *mistika*, kontemplattiva, li taf tħares lejn il-kobor qaddis tal-proxxmu, li taf tiskopri lil Alla f'kull bniedem, li taf tissaporti t-tiġrib tal-ħajja komuni billi tintrabat ma' l-imħabba ta' Alla, li taf titftaħ qalbha għall-imħabba divina biex tfittex l-hena tal-oħrajn kif ifittixha l-Missier twajjeb tagħhom. Propju f'din l-epoka tagħna, u anki hemm fejn

tinsab "merħla ċkejkna" (Lq 12:32), id-dixxipli tal-Mulej huma msejħa jgħixu bħala komunità li tkun melħ tal-art u dawl tad-dinja (ara Mt 5:13-16). Huma msejħa jagħtu xhieda li huma jappartienu għall-evanġelizzazzjoni b'mod dejjem ġdid. Ma nħallux lil min jisirqilna l-komunità! {par. 92}

### Il-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2014
*Kun umli bla ftaħir żejjed*

Kemm drabi noħolmu bi pjanijiet appostoliċi ta' espansjoni, metikolużi u mirquma tajjeb, tipiċi ta' ġenerali mirbuħa! Hekk inkunu niċħdu l-istorja tagħna ta' Knisja, li hi glorjuża daqskemm hi storja ta' sagrifiċċji, ta' tama, ta' ġlieda ta' kuljum, ta' ħajja kkunsmata fis-servizz, ta' perseveranza fil-ħidma iebsa, għax kull ħidma hi "għaraq ta' ġbinna". Minflok, kollna vanitużi nintilfu nparlaw fuq "dak li għandu jsir" – id-dnub ta' "dak li messu jsir" – bħal għalliema spiritwali u esperti tal-pastorali li jagħtu l-istruzzjonijiet imma jibqgħu barra minnha. Nintilfu f'immaġinazzjoni bla ebda limiti u nitilfu l-kuntatt mar-realtà ta' tbatija li qed jgħix il-poplu fidil. {par. 96}

### Is-Sibt 29 ta' Marzu 2014
*Biegħed il-mondanità spiritwali*

Min waqa' f'din il-mondanità, iħares mill-għoli u mill-bogħod, jirrifjuta l-profezija tal-aħwa, jieħu biċ-ċajt lil min jistaqsih, jikxef il-ħin kollu l-iżbalji tal-oħrajn u hu ossessjonat b'dak li jidher minn barra. Dejjaq qalbu għax-xefaq magħluq tal-immanenza u l-interessi tiegħu u, b'konsegwenza ta' hekk, ma jitgħallimx mid-dnubiet tiegħu stess u lanqas hu awtentikament miftuħ għall-maħfra. Hi korruzzjoni tremenda li minn barra tidher xi ħaġa tajba. Din jeħtieġ nevitawha, u nqiegħdu lill-Knisja f'moviment ta' ħruġ minnha nfisha, ta' missjoni li l-qalba tagħha hi Ġesù Kristu, ta' impenn lejn il-foqra. Alla jeħlisna minn Knisja tad-dinja li tinħeba taħt qoxra spiritwali jew pastorali! {par. 97}

### Il-Ħadd 30 ta' Marzu 2014 • Ir-4 Ħadd tar-Randan
*Ħobb dejjem*

Lill-Insara tal-komunitajiet kollha tad-dinja nixtieq nitlobhom b'mod speċjali xhieda ta' komunjoni fraterna li ssir dawl li jiġbed lejh. Hekk kulħadd ikun jista' jammira l-mod kif tieħdu ħsieb ta' xulxin, kif tqawwu qalb xulxin u kif issieħbu lil xulxin: "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (Ġw 13:35). Dan hu li talab bil-ħrara Ġesù lill-Missier: "Ħa jkunu lkoll ħaġa waħda… fina… biex hekk id-dinja temmen" (Ġw 17:21). Noqogħdu attenti mit-tentazzjoni tal-għira! Qegħdin kollha fuq l-istess dgħajsa u sejrin lejn l-istess port! Nitolbu l-grazzja li nifirħu bil-frott ta' xulxin, li hu l-frott ta' kulħadd. {par. 99}

### It-Tnejn 31 ta' Marzu 2014
*Kun Nisrani bil-fatti*

Għal dawk li jħossuhom miġruħa minn firdiet antiki jidher diffiċli jaċċettaw li aħna qed nitolbuhom ifittxu l-maħfra u r-rikonċiljazzjoni, għax jaħsbu li qed ninjoraw l-uġigħ tagħhom jew nippretendu li nnessuhom il-memorja jew l-ideali tagħhom. Imma jekk huma jħarsu lejn ix-xhieda ta' komunitajiet awtentikament fraterni u rikonċiljati, din dejjem hi dawl li jiġbed lejh. Għalhekk inweġġa' ħafna meta nara kif f'xi komunitajiet Insara, u saħanistra bejn persuni kkonsagrati, jitħalla wisa' għal bosta xejriet ta' mibegħda, firda, kalunja, malafama, vendetta, għira, xewqa li nimponu l-idea tagħna, hu x'inhu l-prezz, u sa persekuzzjonijiet li qishom ġuri bla ħniena. Lil min irridu nevanġelizzaw b'din l-imġiba? {par. 100}

## It-Tlieta 1 ta' April 2014
*Tgħallem il-liġi tal-imħabba*

Nitolbu lill-Mulej ifehimna l-liġi tal-imħabba. Kemm hi ħaġa tajba jkollna din il-liġi! Kemm hu ta' ġid għalina li nħobbu lil xulxin, minkejja kollox! Iva, minkejja kollox! It-twissija ta' Pawlu tgħodd għal kull wieħed u waħda minna: "Tħallix il-ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb" (Rum 12:21). U mill-ġdid: "Ma negħjew qatt nagħmlu l-ġid" (Gal 6:9). Kollha għandna s-simpatiji u l-antipatiji tagħna, u forsi propju bħalissa aħna rrabbjati ma' xi ħadd. tal-inqas ngħidu lill-Mulej: "Mulej, jien irrabbjat għal dan, għal din. Nitolbok għalih u għaliha". Li nitolbu għall-persuna li magħha kellna xi ngħidu hu pass sabiħ lejn l-imħabba, u hu att ta' evanġelizzazzjoni. Nagħmluh il-lum! Ma nħallux lil min jisirqilna l-idea tal-imħabba fraterna! {par. 101}

## L-Erbgħa 2 ta' April 2014
*Aħdem għall-vokazzjonijiet*

F'bosta postijiet huma skarsi l-vokazzjonijiet għas-saċerdozju u għall-ħajja kkonsagrata. Spiss dan nafuh lil nuqqas ta' żelu appostoliku fil-komunitajiet li mbagħad jittieħed, fejn għalhekk ma jinħolqux la entużjażmu u anqas attrazzjoni. Fejn hemm il-ħajja, il-ħeġġa, ir-rieda li Kristu jasal għand l-oħrajn, jitqanqlu vokazzjonijiet ġenwini. Sa anki f'dawk il-parroċċi fejn is-saċerdoti ma tantx huma impenjati u ferħana, hi l-ħajja fraterna u kollha ħeġġa tal-komunità li tqanqal ix-xewqa għall-konsagrazzjoni sħiħa lil Alla u għall-evanġelizzazzjoni, fuq kollox jekk komunità ħajja bħal din titlob b'intensità għall-vokazzjonijiet u jkollha l-kuraġġ li tipproponi liż-żgħażagħ tagħha mixja ta' konsagrazzjoni speċjali. {par. 107}

## Il-Ħamis 3 ta' April 2014
*Kun parti mill-Knisja li tħenn*

Li nkunu Knisja jfisser inkunu Poplu ta' Alla, fid-dawl tal-pjan kbir ta' mħabba li għandu l-Missier. Dan jimplika li nkunu l-ħmira ta' Alla qalb il-bnedmin. Ifisser inħabbru u nwasslu s-salvazzjoni ta' Alla f'din id-dinja tagħna, li spiss hi mitlufa, li għandha bżonn tweġibiet li jagħmlulha l-qalb, li jimlewha bit-tama, li jagħtuha ħeġġa ġdida fil-mixja tagħha. Il-Knisja trid tkun il-post tal-ħniena li tingħata b'xejn, fejn kulħadd jista' jħossu milqugħ, maħbub, maħfur u mħeġġeġ jgħix skond il-ħajja tajba tal-Vanġelu. {par. 114}

## Il-Ġimgħa 4 ta' April 2014
*Wieġeb għas-sejħa*

Kull Nisrani hu missjunarju skond kemm kienet kbira l-laqgħa tiegħu ma' l-imħabba ta' Alla fi Kristu Ġesù; ma ngħidux iżjed li aħna "dixxipli" u "missjunarji", imma li aħna dejjem "dixxipli-missjunarji". Jekk m'aħniex konvinti, inħarsu lejn l-ewwel dixxipli, li dritt wara li għarfu l-ħarsa ta' Ġesù, marru jxandruh kollhom ferħ: "Sibna l-Messija" (Ġw 1:41). Il-mara Samaritana bilkemm kienet għadha temmet id-djalogu tagħna ma' Ġesù, li ma saritx missjunarja, u bosta Samaritani emmnu f'Ġesù "fuq ix-xhieda li tathom dik il-mara" (Ġw 4:39). Anki San Pawl, wara l-laqgħa tiegħu ma' Ġesù Kristu, "malajr beda jxandar lil Ġesù u jgħid li dan hu l-Iben ta' Alla" (Atti 9:20). U aħna x'qed nistennew? {par. 120}

## Is-Sibt 5 ta' April 2014
*Iġġibx skużi*

Hu x'inhu, kollha kemm aħna msejħin biex noffru lill-oħrajn xhieda ċara tal-imħabba feddejja tal-Mulej, li 'l hemm min-nuqqas ta' perfezzjoni tagħna, toffrilna li hu jkun qrib tagħna, il-Kelma tiegħu, il-qawwa tiegħu, u tagħti sens lil ħajjitna. F'qalbek taf li l-ħajja m'hix l-istess mingħajrU, u għalhekk dak li skoprejt, dak li jgħinek tgħix u li jagħtik tama, dak hu li jeħtieġ tgħaddi lill-

oħrajn. Il-fatt li m'aħniex perfetti m'għandux ikun skuża; għall-kuntrarju, il-missjoni hi stimolu kostanti biex ma nintelqux fil-medjokrità u biex inkomplu nikbru. {par. 121}

### Il-Ħadd 6 ta' April 2014 • Il-5 Ħadd tar-Randan
*Kun xhud kullimkien*

Issa li l-Knisja tixtieq tgħix tiġdid missjunarju qawwi, hemm għamla ta' predikazzjoni li tgħodd għalina lkoll bħala impenn ta' kuljum. Din hi li nwasslu l-Vanġelu lill-persuni li magħhom ikollna x'naqsmu, kemm dawk l-iżjed qrib tagħna u kemm dawk li ma nafuhomx. Hi dik il-predikazzjoni informali li tista' ssir waqt konverżazzjoni u hi anki dik li jwettaq missjunarju meta jżur familja. Li nkunu dixxipli jfisser li jkollna dispożizzjoni permanenti biex inwasslu l-imħabba ta' Ġesù lill-oħrajn, u dan iseħħ b'mod spontanju kullimkien, fit-triq, fil-pjazza, fuq ix-xogħol, tul vjaġġ. {par. 127}

### It-Tnejn 7 ta' April 2014
*Iġbed ħabel wieħed ma' l-oħrajn*

Id-differenzi bejn il-persuni u l-komunitajiet xi kultant idejquna, imma l-Ispirtu s-Santu, li jqajjem din id-diversità, minn kollox jaf jiġbed xi ħaġa tajba u jibdilha f'dinamiżmu ta' evanġelizzazzjoni li jaħdem biex jiġbed […] Min-naħa l-oħra, meta nkunu aħna li nfittxu d-diversità u ningħalqu fil-karatteristiċi partikulari tagħna, fl-esklussiviżmu tagħna, noħolqu l-firda u, min-naħa l-oħra, meta nkunu aħna li nippruvaw nibnu l-għaqda bil-kalkoli umani tagħna, nispiċċaw biex nimponu l-uniformità monolitika. Dan ma jgħin xejn lill-missjoni tal-Knisja. {par. 131}

### It-Tlieta 8 ta' April 2014
*Ħares bl-għajnejn ta' Kristu*

F'ċivilità miġruħa fil-qiegħ nett ta' qalbha mill-anonimat u, fl-istess ħin, ossessjonata bid-dettalji tal-ħajja tal-oħrajn, sfortunatament marida b'kurżità ossessiva, il-Knisja għandha bżonn ta' ħarsa mill-qrib biex tikkontempla, titqanqal u tieqaf quddiem l-ieħor kull darba li jkun hemm bżonn. […] Il-Knisja jeħtieġ tlaqqa' lill-membri tagħha – saċerdoti, reliġjużi u lajċi – ma' din l-"arti tal-akkumpanjament", biex ilkoll jitgħallmu dejjem jinżgħu l-qorq quddiem l-art imqaddsa tal-persuna l-oħra (ara Eż 3:5). Jeħtieġ li l-mixja tagħna nagħtuha r-ritmu b'saħħtu li jqegħdiha qrib tal-oħrajn, b'ħarsa mimlija rispett u ħniena imma li fl-istess ħin ikollha l-ħila tfejjaq, teħles u tħeġġeġ il-maturità fil-ħajja Nisranija. {par. 169}

### L-Erbgħa 9 ta' April 2014
*Tħeġġeġ bil-Kelma ta' Alla*

Il-Knisja ma tistax tevanġelizza jekk ma tiġix kontinwament evanġelizzata. Hu indispensabbli li l-Kelma ta' Alla ssir dejjem iżjed il-qalba ta' kull attività tal-Knisja. Il-Kelma ta' Alla mismugħa u ċċelebrata, fuq kollox fl-Ewkaristija, titma' u tqawwi minn ġewwa lill-Insara u tagmilhom kapaċi jagħtu xhieda awtentika tal-Vanġelu fil-ħajja ta' kuljum. Sal-lum issuperjnieh għal kollox dak il-kuntrast qadim bejn Kelma u Sagrament. Il-Kelma mħabbra, ħajja u effikaċi, tħejjina biex nirċievu s-Sagrament, u fis-Sagrament din il-Kelma tilħaq l-ogħla effikaċja tagħha. {par. 174}

### Il-Ħamis 10 ta' April 2014
*Tgħallem int biex tgħallem lill-oħrajn*

L-istudju tal-Iskrittura Mqaddsa għandu jkun bieb miftuħ għal kull min jemmen. Hu fundamentali li mill-Kelma rivelata jistagħnew il-katekeżi u l-isforzi kollha għat-trasmissjoni tal-fidi. L-evanġelizzazzjoni titlob il-familjarità mal-Kelma ta' Alla u dan ifisser li d-djoċesijiet, il-

parroċċi u l-għaqdiet Kattoliċi kollha jipproponu studju serju u fit-tul tal-Bibbja, waqt li jippromovu wkoll il-qari personali u komunitarju tagħha f'ambjent ta' talb […] Nilqgħuh dan it-teżor hekk għoli tal-Kelma rivelata. {par. 175}

### Il-Ġimgħa 11 ta' April 2014 • Festa Devozzjonali tad-Duluri
*Ħu għandek lil Marija, ommok*

F'dak il-waqt kruċjali [fuq is-Salib], qabel stqarr b'mitmuma l-ħidma li l-Missier kien fdalu f'idejh, Ġesù qal lil Marija: "Mara, hawn hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu l-maħbub: "Hawn hi ommok" (Ġw 19:26-27). Dawn il-kelmiet ta' Ġesù fuq l-għatba tal-mewt l-ewwel nett ma jesprimux xi tħassib mimli ħniena għal ommu, imma pjuttost huma formula ta' rivelazzjoni li tixkef il-misteru ta' missjoni speċjali ta' fidwa. Ġesù ħallielna lil ommu biex tkun omm tagħna. Kien biss wara li għamel dan li Ġesù seta' jħoss li "kollox hu mitmum" (Ġw 19:30). F'riġlejn is-salib, fis-siegħa l-kbira tal-ħolqien ġdid, Kristu jibgħatna għand Marija. Jibgħatna għandHa għax ma jridx li nimxu mingħajr omm, u l-poplu f'dik ix-xbieha ta' omm jaqra l-misteri kollha tal-Vanġelu. {par. 285}

### Is-Sibt 12 ta' April 2014
*Fittex is-Saltna ta' Alla fuq l-art*

Il-proposta [tal-Vanġelu] *hi s-Saltna ta' Alla* (Lq 4:43); hawn qed nitkellem dwar l-imħabba lejn Alla li jsaltan fid-dinja. Skond kemm Hu jsaltan fostna, il-ħajja soċjali ssir spazju ta' fraternità, ta' ġustizzja, ta' paċi, ta' dinjità għal kulħadd. Għalhekk, sew it-tħabbira u sew l-esperjenza Nisranija għandhom l-għan li jqanqlu konsegwenzi soċjali. Infittxu s-Saltna tiegħu: "Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla, u dan kollu jingħatalkom ukoll" (Mt 6:33). Il-pjan ta' Ġesù hu li jwaqqaf is-Saltna ta' Missieru; Hu jitlob hekk mid-dixxipli tiegħu: "Xandru u għidu li s-Saltna tas-Smewwiet waslet" (Mt 10:7). {par. 180}

### Il-Ħadd 13 ta' April 2014 • Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej
*Ibni dinja aħjar*

Fidi awtentika – li qatt ma tfittex il-kumdità jew hi individwalista – timplika dejjem xewqa profonda li nibdlu d-dinja, li nittrasmettu l-valuri, li nħallu xi ħaġa aħjar warajna fid-dinja. Inħobbu din il-pjaneta mill-isbaħ li fuqha qegħidna Alla, u nħobbu l-umanità li tgħammar fiha, bit-traġedji u l-qtigħ il-qalb tagħha, bix-xewqat u t-tamiet tagħha, bil-valuri u d-dgħufijiet tagħha. Id-dinja hi d-dar komuni tagħna u fiha lkoll aħna aħwa. […] L-Insara kollha, anki r-Rgħajja, huma msejħa jieħdu ħsieb jibnu dinja aħjar. {par. 183}

### It-Tnejn 14 ta' April 2014
*Isma' l-karba tal-fqir*

Kull Nisrani u kull komunità huma msejħa jkunu għodda f'idejn Alla għall-ħelsien u l-promozzjoni tal-foqra, biex hekk dawn jistgħu jintegraw ruħhom għal kollox fis-soċjetà; dan jitlob li nkunu doċli u attenti biex nistgħu nisimgħu l-karba tal-fqir u nħaffu ngħinuh. Biżżejjed inqallbu l-Iskrittura biex niskopru kif il-Missier twajjeb jixtieq jisma' l-karba tal-foqra […] Jekk nagħlqu widnejna għal dik il-karba, meta aħna l-għodda ta' Alla biex jisma' lill-foqra, nibqgħu barra mir-rieda ta' Alla u mill-pjan tiegħu, għax dak il-fqir "jgħajjat lill-Mulej kontra tiegħek u int ikollok ħtija" (Dewt 15:9). {par. 187}

## It-Tlieta 15 ta' April 2014
*Ilqa' lill-barrani*

Ġesù, l-evanġelizzatur per eċċellenza u l-istess Vanġelu, jidentifika ruħu b'mod speċjali mal-foqra (ara Mt 25:40). Dan ifakkarna li aħna lkoll bħala Nsara aħna msejħa nieħdu ħsieb ta' dawk l-iżjed dgħajfa fid-dinja. Imma fil-mudell attwali "ta' suċċess" u "ta' ħajja privata", donnu ma jagħmilx sens li wieħed jinvesti biex dawk li baqgħu lura, id-dgħajfa u dawk li m'humiex imżejnin b'tant talenti, jimxu 'l quddiem fil-ħajja. {par. 209}

## L-Erbgħa 16 ta' April 2014
*Ħares lid-dgħajjef*

Fost dawn id-dgħajfin, li l-Knisja b'għożża kbira tixtieq tieħu ħsieb tagħhom, hemm anki t-trabi li għadhom fil-ġuf, li huma l-aktar innoċenti u ma jistgħux jiddefendu ruħhom, li l-lum il-ġurnata hemm min jixtieq iċaħħadhom mid-dinjità umana biex jista' jagħmel bihom dak li jogħġbu, jisirqilhom ħajjithom u jħabrek għal liġijiet biex ħadd ma jista' jwaqqfu. […] Ir-raġuni waħidha hi biżżejjed biex tgħinna nagħrfu l-valur invjolabbli ta' kull ħajja umana, imma jekk inħarsu lejha mill-ottika tal-fidi, "kull tkasbir tad-dinjità tal-persuna tal-bniedem jitlob vendetta quddiem Alla, u għandu jitqies bħala offiża magħmula lil Alla li ħalaq il-bniedem". {par. 213}

## Il-Ħamis 17 ta' April 2014 • Ħamis ix-Xirka
*Kun strument ta' paċi*

Kristu ġabar kollox fiH innifsu: sema u art, Alla u bniedem, żmien u eternità, ġisem u ruħ, persuna u soċjetà. Is-sinjal li minnu nagħrfu din l-għaqda u rikonċiljazzjoni ta' kollox fiH hu l-paċi. Kristu "hu s-sliem tagħna" (Efes 2:14). It-tħabbira tal-Vanġelu tiftaħ dejjem bit-tislima tal-paċi, u l-paċi tinkuruna u tissiġilla f'kull ħin ir-relazzjonijiet bejn id-dixxipli. Il-paċi tista' sseħħ għax il-Mulej rebaħ id-dinja u l-kunflitti dejjiema ta' ġo fiha billi "bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem" (Kol 1:20). Imma jekk ninżlu fil-fond ta' dawn it-testi Bibliċi, niskopru li l-ewwel post li fih aħna msejħin naslu għal din il-paċi minkejja d-differenzi hu l-ġewwieni tagħna nfusna, il-ħajja tagħna, dejjem mhedda mit-tifrik u l-qsim. Bi qlubna maqsuma f'elf biċċa jkun diffiċli nibnu paċi soċjali li tkun awtentika. {par. 229}

## Il-Ġimgħa 18 ta' April 2014 • Il-Ġimgħa l-Kbira
*Intasab quddiem l-Imsallab*

Għandna bżonn li nittallbu ta' kuljum, li nitolbuh il-grazzja tiegħu biex tiftaħ il-qalb kiesħa tagħna u tqanqal il-ħajja bierda u superfiċjali tagħna. Mitfugħin quddiemU b'qalbna miftuħa, ejjew inħalluH iħares lejna, nagħrfu din il-ħarsa ta' mħabba li lemħet lil Natanjel dak in-nhar li Ġesù resaq lejh u qallu: "Rajtek taħt is-siġra tat-tin" (Ġw 1:48). Kemm hi ħaġa sabiħa li nieqfu quddiem Kurċifiss, jew għarkubbtejna quddiem Ġesù Sagramentat, u sempliċiment noqogħdu taħt għajnejh! Kemm ikun ta' ġid għalina jekk inħalluH jerġa' jiġi u jmissilna ħajjitna u jibgħatna biex inxerrdu l-ħajja ġdida li hu jagħti! {par. 264}

## Is-Sibt 19 ta' April 2014 • Sibt il-Għid
*Miss il-pjagi ta' Kristu*

Xi kultant inħossu t-tentazzjoni li nkunu Nsara li nżommu distanza prudenti mill-ġrieħi tal-Mulej. Imma Ġesù jrid li mmissu l-miżerja umana, li mmissu l-ġisem sofferenti tal-oħrajn. Hu jistenna minna li ma noqogħdux infittxu dawk l-imkejjen ta' kenn personali jew komunitarju li jżommuna mbegħdin minn fejn tħabbat il-qalb tat-tbatija umana, biex nistgħu naċċettaw tabilħaqq li nidħlu f'kuntatt ma' l-eżistenza konkreta tal-oħrajn u nagħrfu kemm hi kbira l-qawwa tal-ħlewwa u t-

tjieba. Meta nagħmlu dan, il-ħajja dejjem tikkumplika ruħha b'mod sabiħ u nkunu ngħixu l-esperjenza qawwija ta' poplu, l-esperjenza li aħna nagħmlu parti minn poplu. {par. 270}

### Il-Ħadd 20 ta' April 2014 • L-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej

*Emmen li Kristu qam tassew!*

Il-fidi tfisser ukoll nemmnu fiH, nemmnu li tassew iħobbna, li hu ħaj, li għandu l-ħila jidħol b'mod misterjuż fil-ħajja tagħna, li ma jitlaqniex waħidna, li bil-qawwa tiegħu u bil-kreattività bla tarf tiegħu mill-ħażin jaf joħroġ it-tajjeb. [...] Nemmnu fil-Vanġelu li jgħid li s-Saltna ta' Alla diġà tinsab fid-dinja, u qed tikber 'l hemm u 'l hawn, b'għadd ta' modi [...] u dejjem għandha l-ħila tissorprendina b'mod sabiħ. Hi preżenti, tiġi mill-ġdid, tħabrek biex twarrad mill-ġdid. Il-qawmien ta' Kristu jqabbad ma' kullimkien l-għeruq ta' din id-dinja ġdida; u anki jekk jinqatgħu, jerġgħu jixirfu, għax il-qawmien tal-Mulej diġà daħal fin-nisġa moħbija ta' din l-istorja, għax Ġesù ma qamx għalxejn mill-imwiet. Ejjew ma nibqgħux mal-ġenb ta' din il-mixja tat-tama ħajja! {par. 278}

*Verġni u Omm tagħna Marija, int li, imqanqla mill-Ispirtu, ilqajt il-Verb tal-ħajja fil-profondità tal-fidi umli tiegħek, mogħtija kollha kemm hi lill-Etern, għinna llissnu l-"iva" tagħna fl-urġenza, tagħfas fuqna iktar minn qatt qabel, li nsemmgħu mill-ġdid il-Bxara t-Tajba ta' Ġesù.*

*Mimlija bil-preżenza ta' Kristu, int ġibt il-ferħ lil Ġwanni l-Battista, hekk li qabeż fil-ġuf ta' ommu. Taqbeż bil-hena, int għannejt l-għeġubijiet sbieħ tal-Mulej. Int, li bqajt wieqfa quddiem is-Salib b'fidi li ma tiġġarrafx, u lqajt il-faraġ hieni tal-Qawmien, ġmajt id-dixxipli fl-istennija tal-Ispirtu biex hekk twieldet il-Knisja evanġelizzatriċi.*

*Iksbilna issa l-ħeġġa ġdida li jnissel il-Qawmien, biex nistgħu nwasslu lil kulħadd il-Vanġelu tal-ħajja li jegħleb il-mewt. Agħtina l-kuraġġ qaddis li nfittxu toroq ġodda biex jasal għand kulħadd id-don tal-ġmiel li ma jintefiex.*

*Int, Verġni tas-smigħ u tal-kontemplazzjoni, omm tal-imħabba, għarusa tat-tieġ etern, aqbeż għall-Knisja, li tagħha int ix-xbieha l-iżjed safja, biex qatt ma tingħalaq fiha nfisha u qatt ma tehda fil-passjoni tagħha biex twaqqaf mill-ġdid is-Saltna.*

*Kewkba tal-evanġelizzazzjoni ġdida, għinna nkunu dawl fix-xhieda tagħna tal-komunjoni, tas-servizz, tal-fidi mħeġġa u ġeneruża, tal-ġustizzja u tal-imħabba lejn il-foqra, biex il-ferħ tal-Vanġelu jasal sa truf l-art u l-ebda periferija ma tisfa mċaħħda mid-dawl tiegħu.*

*Omm il-Vanġelu ħaj, għajn ta' ferħ għaċ-ċkejknin, itlob għalina.*

*Ammen. Hallelujah.* {par. 288}

# 7. IT-TRIQ TAS-SALIB MAL-VENERABBLI MADRE MARGERITA DE BRINCAT

**Mons. Ġużepp Gauci**

**Daħla**

Ġesù qalilna ċar u tond li jekk irridu nimxu warajh, jeħtieġu nerfgħu salibna u nimxu warajh. Madre Margerita, l-għalliema spiritwali tagħna, imdawla minn spiritwalità Franġiskana, tgħallmitha sewwa din il-lezzjoni ta' Kristu. Hi stess ġarret is-Salib tiegħu u ħallietilna għadd ta' stediniet biex nagħmlu bħalha. Ejjew nisimgħu x'tgħidilna:

*Binti, ingħaqad biss mal-ħelu Għarus Imsallab illi miegħu għal dejjem tgħarrast u li int iġġib fuq sidrek.* (130)
*Il-ġabra u s-skiet għandhom ikunu l-mezz biex ikabbar il-ħajja spiritwali tiegħek u l-għaqda mal-Għarus tiegħek Imsallab.* (130)
*Biżżejjed li tħares lejn l-Imsallab biex titgħallem l-għerf tal-qaddisin.* (142)
*Għeżież, inħobbu lill-Għarus ħelu tagħna, Ġesù Msallab.* (70)
*Ħalli jkollna x-xorti li lkoll narawhom innamrati minn Ġesù, l-Għarus Imsallab*. (117)

Għalhekk, ejjew nilqgħu l-istediniet ta' din l-omm spiritwali tagħna; flimkien magħha u bl-għajnuna tal-ispirazzjonijiet qaddisa tagħha, ejjew nimxu fl-istess triq tas-salib li Ġesù terraq għall-fidwa tagħna. Il-mixja tagħna lejn il-Kalvarju mbagħad twassalna għall-qawmien għal ħajja ġdida!

## L-Ewwel Stazzjon: Ġesù kkundannat għall-mewt

Ġesù aċċetta li jiġi mogħti għall-mewt biex jurina l-kobor ta' mħabbtu għalina. Il-bniedem ikkundanna lil Dak li ħabbu daqshekk.

Madre Margerita tfakkarna:

*Kemm hu tabilħaqq ftit dak li aħna nistgħu nagħmlu għal imħabbtu, meta Hu għamel tant u tant magħna, u jagħmel u jissokta dejjem aktar! Jaħasra, ma nafx kemm tiflaħ il-qalb iebsa tagħna tara dan il-kobor tal-għaġeb ta' mħabbtu lejn ħlejjaq hekk imsejkna, u dan minn Mulej hekk ta' kobor! Kemm għandna nistagħġbu meta naraw lil dan Alla, għal tliet darbiet qaddis, imwieled f'Għar u mejjet fuq Salib fuq il-Kalvarju!... Għaliex iċċekken daqshekk? Għaliex umilja ruħu daqshekk? Għall-imħabba tagħna, imsejkna ħlejjaq.* (71)

Ġesù, Mulej tiegħi u Alla tiegħi, int ħabbejtni daqshekk! Għinni nagħmel kollox għal imħabbtek!

## It-Tieni Stazzjon: Ġesù jerfa' s-salib

Ġesù laqa' bil-ferħ is-salib li fuqu kellu jmut, biex jurina mħabbtu għalina. Għal imħabbitna hu ma ħarabx is-salib.

Madre Margerita tgħallimna li nistgħu nagħtu tweġiba ta' mħabba għall-imħabba ta' Kristu, billi nġorru s-salib tagħna:

*Kuraġġ. Ta' hawn kollox jgħaddi. Imbagħad immorru fejn nistgħu nħobbu mingħajr taħlit ta' amor propju… imma nħobbu u ngawdu dejjem, dejjem! Xieraq li issa nġorru xi salib, ladarba fil-ħajja l-oħra ser ingawdu għal dejjem. Inħarsu sew lejn Ġesù fuq il-Kalvarju: x'jgħidilna? "Din hi l-imħabba li nġibilkom!".* (65)

Ġesù, int ħabbejtni daqshekk u ġarrejt bil-ferħ il-piż tas-Salib! Aqlagħli l-grazzja li nħobbok dejjem iżjed billi nġorr bil-ferħ u bl-imħabba s-slaleb kollha li tibgħatli!

## It-Tielet Stazzjon: Ġesù jaqa' għall-ewwel darba

Meta Ġesù beda l-vjaġġ tiegħu lejn il-Kalvarju, huwa u jġorr is-salib, waqa' għall-ewwel darba taħt it-toqol ta' din l-għuda. L-ewwel waqgħa għandha tkun okkażjoni biex niddeċiedi li neqred l-egoiżmu tiegħi u npoġġi l-imħabba ta' Kristu fuq dik ta' kull ħlejqa oħra.

Fil-fatt, Madre Margerita tgħallimna:

*Kemm hu għażiż li toqgħod waħdek mal-Maħbub, tixxennaq bl-imħabba! Forsi mhux minnu, maħbuba tiegħi, li xi minn daqqiet tħoss il-preżenza tiegħu? Tħoss li jħobbna, li jridna kollna kemm aħna tiegħu? Li jridna ninsew lilna nfusna u kull ħaġa maħluqa biex ngħixu waħidna miegħu, għalih u fih? Tabilħaqq inħossu spiss dan id-djalogu intern, anzi aktar u aktar sensibbli! Kif qatt, għażiża tiegħi, kif qatt nistgħu ma nċedux għal dawn l-istediniet? Kif ma ndubux għalkollox f'dak l-ilma hekk setgħani? Kif nistgħu ma nwarrbux kull ħsieb, pretensjoni, ambizzjoni, ix-xewqat tagħna…? Għandna nkunu nafu li l-imħabba safja trid, bl-akbar qawwa, li tagħmel tagħha, b'mod assolut, il-qlub tagħna, biex hemm tkun tista' taħdem bil-libertà u l-qawwa kollha.* (138)

Ġesù tiegħi, fi mħabbtek għalija int waqajt taħt is-salib: għinni nikber fi mħabbtek billi ma nintrabatx iżżejjed ma' xi waħda mill-ħlejjaq, biex nista' ngħix biss fik u għalik.

## Ir-Raba' Stazzjon: Ġesù jiltaqa' ma' Ommu

Fi triqtu lejn il-Kalvarju, Ġesù ltaqa' ma' persuna importanti ħafna, Ommu Marija. Marija qatt ma ħalliet lil Ġesù waħdu, lanqas f'sitwazzjoni hekk kerha u ta' qsim il-qalb. Minn din il-laqgħa ma' Kristu, Marija tgħallimna l-ħtieġa li ngħixu l-laqgħa kontinwa tagħna ma' Ġesù, b'sentimenti ta' mħabba.

Fil-fatt, Madre Margerita tistedinna:

*Niltaqgħu verament u nħobbu flimkien lill-Għarus tagħna, li għażilna biex fina jsib erwieħ mixtieqa għal imħabbtu safja… u jekk intom tridu li tħobbuh fis-sewwa, bla xeħħa, tridu tkunu lesti li teqirdu l-jien tagħkom. Kemm hu velenuż dan il-ħaxix ħażin! Kemm irridu noqogħdu attenti li ma nħalluhx jikber fil-ġnien tagħna… Għalhekk wieħed irid jgħasses bis-serjetà u b'ġenerożità, ħalli titħejja qalb mimlija sax-xfar bi mħabba safja tat-tieġ mal-Ħaruf bla tebgħa.* (73)
*Itlob lill-Verġni Mqaddsa li taqlagħlek mingħand Alla ħafna dispożizzjonijiet sbieħ.* (122)

Ġesù tiegħi, Ommok Marija, kollha sentimenti ta' mħabba ta' omm, iltaqgħet miegħek fit-triq lejn il-Kalvarju: agħmel li l-laqgħat tiegħi miegħek ikunu dejjem iżjed mimlija bi mħabba safja.

### Il-Ħames Stazzjon: Xmun minn Ċirene jgħin lil Ġesù

Il-qdusija li għandna ngħixu fil-komunitajiet tagħna, għandha twassalna biex nerfgħu l-piż wieħed tal-ieħor fi spirtu ta' servizz umli lejn xulxin. Ġesù jfakkarna f'dan meta, fi triqtu lejn il-Kalvarju bis-salib fuq dahru, ried li jiġi megħjun minn Xmun minn Ċirene.

Madre Margerita l-ħin kollu tfakkarna dwar dan l-aspett tal-imħabba bejn l-aħwa:

*M'iniex ser nieqaf milli nħeġġiġkom ħalli tkunu umli, ġwejda, tafu ċċedu, u li tħobbu lil xulxin. Iva, għeżież tiegħi, iva, ngħinu dejjem lil xulxin ħalli nġorru l-piż ta' xulxin, ħalli l-Mulej jogħġbu jgħaqqadna b'rabta ta' mħabba fraterna u fi mħabba safja, filwaqt li ngħakksu dak il-jien kattiv u malizzjuż tagħna.* (67)

Ġesù tiegħi, jien u naħseb fik mgħobbi bis-Salib għal imħabbti, agħtini l-qawwa li neħtieġ biex nissokta ngħinek iġġor is-Salib fl-aħwa li qed isofru, biex flimkien magħhom nista' nikber fl-imħabba.

### Is-Sitt Stazzjon: Veronika timsaħ il-wiċċ ta' Ġesù

Ġesù jħalli s-sentimenti tiegħu mnaqqxa fil-qalb ta' dawk li jħobbuh. Skont it-tradizzjoni Nisranija, hu ħalla x-xbieha ta' wiċċu stampata fuq il-maktur ta' Veronika, bħala sinjal ta' apprezzament għall-ġest ħelu tagħha ta' tjieba.

Madre Margerita, hi u titkellem dwar il-formazzjoni tal-ulied reliġjużi tagħha, tinsisti li qlubhom iridu jinbidlu f'dik tal-Għarus Imsallab:

*Agħmel dak kollu li tista' ħalli tibdlilhom ruħhom f'waħda tixbah lill-Għarus ħelu Msallab… Tehdiex tirsisti li qalbhom tkun kollha kemm hi ħielsa, iddistakkata minn kulħadd, l-aktar minnhom infushom. Għandhom jagħrfu sew min hu dan l-Għarus Imsallab, u jintebħu li huma nfushom mimlijin miżerji u difetti… Jekk jirnexxilek tnissel fihom sewwa dan l-ispirtu, żgur li jkollhom pedament sod ta' binja spiritwali. Jekk le, imsieken huma, u msejknin aħna.* (117)

Ġesù tiegħi, agħmel li l-imħabba kbira tiegħi għalik tibdel lil qalbi u lil ħajti kollha bis-sentimenti mqaddsa tiegħek.

### Is-Seba' Stazzjon: Ġesù jaqa' għat-tieni darba

Xmun minn Ċirene għen lil Ġesù, imma dan xorta waqa' mill-ġdid. Fit-triq spiritwali tiegħi, għalkemm nipprova nżomm sod fil-wegħdiet tiegħi lil Alla u sħiħ fil-mixja tal-fidi tiegħi, xorta għandi nkun lest dejjem li naċċetta l-umiljazzjonijiet kollha, biex nista' nimxi wara Kristu umli, mifni taħt it-toqol tas-Salib.

Ejjew nisimgħu x'tgħidilna Madre Margerita:

*Żomm ruħek dejjem bħala studenta, u istma lilek innifsek dejjem l-aħħar waħda kull fejn tkun, u fi kwalunkwe uffiċċju li jkollok. Ħu pjaċir u gost meta ssib xi okkażjonijiet illi fihom tkun tista' timmortifika l-amor propju tiegħek. Oqgħod attenta sabiex ma xxerridx l-ispirtu tiegħek; anzi, iddistakka ruħek dejjem iktar mill-ħwejjeġ kollha maħluqa, u minnek innifsek, u ngħaqad biss mal-ħelu Għarus Imsallab illi miegħu għal dejjem tgħarrast u li int iġġib fuq sidrek; mhux b'tiżjin, iżda b'tifkira tal-kruċifissjoni illi miegħek huwa jistenna bir-raġun kollu. Iva, kuraġġ, binti, maħbuba, kuraġġ, iva, immutu għal min miet għalina fost tant pwieni u tbatija!* (130)

Ġesù tiegħi, biex turini kemm tħobbni, int waqajt għat-tieni darba. Għinni nurik imħabbti billi naċċetta l-umiljazzjonijiet kollha tal-ħajja.

### It-Tmien Stazzjon: Ġesù jiltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm

Fi triqtu lejn il-Kalvarju, Ġesù pprova jgħin ukoll lin-nisa ta' Ġerusalemm li kienu qed jibkuh. Ġesù stedinhom jibku dnubiethom u dawk ta' wliedhom. Bħal Ġesù, aħna għandna nfittxu li nagħmlu l-ġid f'kull okkażjoni li tiġina.

Madre Margerita, li biż-żelu tagħha dejjem ħabirket għas-salvazzjoni tal-erwieħ, tgħallimna:

*Oh, li kont nista' nagħmel illi l-qlub kollha tal-bnedmin jinxtegħlu bl-imħabba għal dan il-Maħbub tagħna! Jew għallinqas jirnexxili nagħraf illi l-qlub tas-sorijiet tagħna huma kollha sinċerament u unikament mixgħulin bl-imħabba għalih!* (130)
*Il-ħelu Ġesù joffrilna ħafna għelieqi x'naħdmu u x'nieħdu ħsieb. Għalhekk, nagħmlu li nistgħu biex inkunu ġenerużi miegħu. Dan billi nwieġbu għas-sejħat tiegħu ta' mħabba!* (66)
*Agħmel ta' spiss kuraġġ lis-sorijiet, ħalli jissagrifikaw ruħhom għall-ġid tal-erwieħ bit-talb, bis-sagrifiċċji, u wkoll b'xi kelma, iżda fuq kollox bl-eżempju tajjeb.* (143)

Ġesù tiegħi, mixgħul bi mħabba għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, ħeġġeġ lil qalbi b'żelu dejjem akbar għall-ġid tal-erwieħ.

### Id-Disa' Stazzjon: Ġesù jaqa' għat-tielet darba

Iktar ma joqrob lejn il-Kalvarju, Ġesù aktar iħossu dgħajjef. Id-dgħufija tiegħu twasslu biex jaqa' għat-tielet darba. Id-dgħufijiet tiegħi jġagħluni naqa' tant drabi tul il-mixja spiritwali tiegħi. U min jaf kemm drabi, jiena u nħossni dgħajjef taħt it-toqol tan-natura ħażina tiegħi, infittex faraġ materjali li, minflok ma jgħinni, joħloqli aktar diffikultajiet.

Madre Margerita twissina:

*Dwar id-dwejjaq u s-swied ta' qalb tiegħek, tiddejjaqx; ma tafx li t-twajjeb Ġesù tagħna jdewwaq il-morr tal-Kalċi tiegħu lill-għarajjes ġenerużi tiegħu! U ma tafx li hu jieħu gost jara lil dawn waħidhom waħidhom, misħuqin taħt il-piż tas-Salib, ħalli jikkonvinċihom mid-dgħufijiet tagħhom, u b'hekk iżjed malajr jintelqu b'fiduċja kbira taħt il-ħarsien tiegħu ta' Missier? X'jidhirlek? Xi dgħufija! Kemm verament m'aħna xejn! Iżda dan hu li għandu jqanqalna aktar, għax b'dan il-mod aktar nintelqu f'idejh b'fiduċja ta' wlied u ninxteħtu kollna kemm aħna fit-tmexxija tiegħu! Fl-istess swied ta' qalb, it-tbatijiet qarsin, qarsin… kuraġġ qawwi, qawwi! Taf ma' min tgħarrast: ma' Re Msallab bejn żewġ ħallelin… ma' Priġunier… maqful f'elf tabernaklu fqajrin…* (109)

Ġesù tiegħi, għinni nfittex biss lilek, u mhux il-faraġ li tista' tagħtini!

### L-Għaxar Stazzjon: Ġesù mneżża' minn ħwejġu

Ġesù wasal fuq il-quċċata tal-Kalvarju u ġie mneżża' minn ħwejġu. Għal imħabbti, Ġesù minn kollox ftaqar: hu mudell ta' faqar veru. Hu jgħallimna s-siwi tal-faqar u taċ-ċaħda, li jagħmluna ħielsa biex nistgħu nimtlew bih, u hekk inkunu kapaċi nafdaw biss fih.

Ejjew nisimgħu kliem Madre Margerita:

*Inħobbu lill-Għarus ħelu tagħna, Ġesù Msallab, u biex tabilħaqq inħobbuh jeħtieġ, fuq kollox, li nkunu msallbin miegħu. Għalhekk f'kull okkażjoni, qarsa u kontra l-amor propju tagħna, induru lejn Ġesù u nitolbuh l-għajnuna tiegħu, il-faraġ tiegħu, li żgur ma jonqosx li jagħtihulna bil-kotra.* (70)
*Afdaw biss fih, miegħu u bih, bla ma tistrieħu la fuqkom infuskom u lanqas fuq xi ħlejqa oħra.* (127)
*L-għaqda divina ssir aktar intima aktar ma r-ruħ tikber fiċ-ċaħda.* (148)

Ġesù tiegħi, fi mħabbtek għalija int tneżżajt minn kollox: għinni niftaqar mill-ħwejjeġ tad-dinja, biex nista' nistagħna bik biss.

## Il-Ħdax-il Stazzjon: Ġesù msammar mas-Salib

San Pawl jgħallimna: "Ġesù obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" (Fil 2:8). F'dan l-istazzjon aħna nqimu l-ubbidjenza ta' Ġesù sal-mewt tas-salib. Ġesù, f'sottomissjoni perfetta għar-rieda tal-Missier, jaċċetta li jiġi msammar mas-salib, mingħajr ma titħallielu l-possibbiltà li jitħarrek. X'lezzjoni ta' ubbidjenza perfetta!

U Madre Margerita tinsisti:

*Binti, issagrifika ruħek minn ħutek, minn ommok u mill-missier, u mur fejn l-ubbidjenza qiegħda ssejjaħlek. Hemm ukoll ser issib Madre twajba u sorijiet għeżież u twajbin, missier ħabrieki, fuq kollox iżda ser issib lill-Maħbub l-aktar ħelu tagħna Priġunier, li jfarrġek, jgħinek dejjem dejjem, kull meta tersaq lejh.* (141)
*Kif inhuma sejrin is-sorijiet studenti? Immeditaw tajjeb xi tfisser ubbidjenza? Ubbidjenza sal-mewt u mewt fuq is-Salib? Fehmu illi meta taħdem għall-glorja ta' Alla, it-tbatija ma tkunx diffiċli? U dan ngħidu għal kulħadd.* (142)

Ġesù tiegħi, għal imħabbtek ubbidjenti sal-mewt tas-salib, għallimni kif inħobb bi mħabba.

## It-Tnax-il Stazzjon: Ġesù jmut fuq is-Salib

Fuq is-Salib, Ġesù Kurċifiss iwettaq l-offerta perfetta tiegħu għal imħabbitna. Kif qal hu stess, fuq is-Salib hu jiġbidna lkoll lejh, biex nistgħu nimxu flimkien miegħu lejn id-Dar tal-Missier.

Ejjew nisimgħu dak li tgħidilna Madre Margerita, waqt li nżommu ħarsitna ffissata fuq Ġesù Mislub u nimmeditaw imħabbtu:

*Inħarsu 'l fuq u nilmħu 'l Alla, li jinżel mill-ħdan tal-Missier divin tiegħu ta' dejjem u jiġi biex jieħu s-sura fqira tagħna l-bnedmin u jgħix bħal wieħed mill-iżjed fqir… u mbagħad… imbagħad ikkalunjat u kkundannat għall-mewt, u għall-mewt tas-salib bejn żewġ ħallelin, bħallikieku kien l-agħar wieħed fosthom! Oh, fidi qaddisa! Kemm ħwejjeġ tgħallem lil dawk li jimmeditaw bl-imħabba!… Nixtieqlek il-grazzji kollha tat-twajjeb Ġesù tagħna meħtieġa biex issir qaddisa kbira, billi bis-sabar iġġorr is-slaleb kollha li l-Għarus jogħġbu jgħabbi fuq spallejk.* (147)

Ġesù tiegħi, mislub u maqtul għal imħabbti, sallabni miegħek biex nista' mmut għalija nnifsi u ngħix biss għalik.

### It-Tlettax-il Stazzjon: Ġesù mniżżel minn fuq is-Salib

Wara mewtu, Ġesù tniżżel mis-Salib, u Marija, l-Omm għażiża tiegħu, laqgħetu fi ħdanha. F'dak il-ħin, Marija ffissat ħarsitha fuq il-ġisem imqaddes tal-Feddej, dak il-ġisem li għal disa' xhur sħaħ għammar fil-ġuf tagħha ta' omm. Il-kontemplazzjoni kollha mħabba ta' Marija hi mudell għall-meditazzjoni tagħna: ħarsitha, qalbha u ħsiebha kienu ffissati kollha fuq Ġesù.

Nisimgħu kliem Madre Margerita:

*Il-ġabra u s-skiet għandhom ikunu l-mezz biex ikabbar il-ħajja spiritwali tiegħek u l-għaqda mal-Għarus tiegħek Imsallab; il-ħars tiegħek għandu jkun wisq meqjus u spiss imdawwar lejn Ġesù Msallab, u l-qalb tiegħek għandha spiss tintrefa' lejn it-Tabernaklu, speċjalment f'xi dwejjaq jew tentazzjoni; għandek tfittex u tistenna l-mistrieħ tiegħek minnu biss.* (130)
*Il-ħelu Għarus tagħna jberikna u flimkien ma' Ommu ningħaqdu ħalli nħobbuh.* (128)

Ġesù tiegħi, Ommok Marija hi mudell għalija biex nista' nżomm il-ħarsa spiritwali tiegħi fuqek: għinni nissielet kontra kull distrazzjoni li tista' xxekkel ħarsti minnek.

### L-Erbatax-il Stazzjon: Ġesù midfun f'qabar ġdid

Ġesù ried li jiġi midfun mhux biex jibqa' fil-qabar, imma biex iqum. Anki l-vokazzjoni Nisranija tagħna hi sejħa biex immutu u nqumu għal ħajja ġdida, ħajja eqdes, relazzjoni iktar intima ma' Ġesù.

Madre Margerita tħeġġiġna bi kliemha:

*Meta nkunu persważi minn imħabbtu, ma narawhom xejn xejn it-tbatijiet illi magħhom żgur niltaqgħu f'din l-imsejkna ħajja, li fl-aħħar tagħha nisimgħu mill-maħbub Ġesù: "Ejja, għarusa tiegħi, ejja mit-tbatija għall-mistrieħ ta' dejjem biex nagħtik il-kuruna li inti mmeritajt b'tant xogħol u għaraq!". Allura kemm nifirħu! Kemm inbierku t-tbatija kollha tagħna!* (130)
*Qed toqrob malajr l-eternità. Jekk immutu mal-Mulej Ġesù, inqumu wkoll miegħu!... Nagħmlu kulma nistgħu ħalli nikkuntentawh u jkun biżżejjed...* (98)

Ġesù tiegħi, wara mewtek int ridt li tiġi midfun biex imbagħad tqum fil-glorja għal imħabbti: agħtini li mmut għal dak kollu li mhux tiegħek, u nqum mill-ġdid għalik biss.

### Il-Ħmistax-il Stazzjon: Ġesù jqum mill-mewt

Ma' sbiħ it-tielet jum, Ġesù qam mill-qabar, rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub. Hu qam biex ma jmutx iktar. Hu qam biex imexxina lkoll lejn il-qawmien, lejn ix-xirka perfetta mad-divinità tiegħu. Sadattant, jeħtieġ nitħabtu biex kontinwament inqumu għall-ħajja tal-grazzja li hi l-bieb żgur għall-glorja ta' dejjem.

Madre Margerita tħeġġiġna:

*Għaldaqstant, ejjew immutu mat-Twajjeb Ġesù tagħna, ħalli miegħu nkunu nistgħu nqumu wkoll għal ħajja ġdida... Inħobbuh bis-serjetà, u jkun biżżejjed.* (79)
*Wara mewta hekk mistkerrha, qawmien hekk glorjuż... Kuraġġ u dejjem 'il quddiem bil-ferħ fil-Mulej!* (170)

Mulej Ġesù, bil-qawmien tiegħek mill-imwiet int irbaħt fuq il-mewt u ftaħtilna l-ħajja eterna: agħtina li ħajjitna kollha ssir triq kontinwa mill-mewt għall-ħajja, mid-dnub għall-grazzja, u mbagħad għall-glorja dejjiema.

**Għeluq**

Mulej Ġesù, wara li miegħek imxejna t-Triq tas-Salib u l-Qawmien, bl-għajnuna tal-omm spiritwali tagħna, Madre Margerita, irridu rroddulek ħajr għal imħabbtek li wasslitek timxi din it-triq ta' tbatija u glorja. Imma, fl-istess ħin, inwegħduk li rridu ngħixu dejjem fi mħabbtek.

Irridu nħobbuk, int li int l-Imħabba vera. Biex jirnexxilna f'dan kollu, nixtiequ, fuq il-passi ta' Madre Margerita, ninħbew fil-Pjagi Mqaddsa tiegħek, sinjali awtentiċi ta' mħabbtek.

Bosta drabi, Madre Margerita stednitna:
*Il-Pjagi ta' Ġesù biss jagħmluli kuraġġ.* (109)
*Inkomplu ngħixu fil-Pjagi tal-Maħbub ħelu tagħna… ikun hekk jixirqilna aktar li nkunu l-għarajjes ta' Ġesù.* (64)

Għalhekk, maħbub tiegħi Ġesù, jiena u nqim il-Pjagi mqaddsa tiegħek, irrid inġedded ir-rieda tiegħi li nfittex il-kenn f'dawn is-sinjali ta' mħabbtek, biex nista' ngħix bi mħabba s-sejħa Nisranija tiegħi. Ammen.

*Bis-sensja tal-Knisja*
*19.III.1987*

## 8. XI KOLLETTI TAR-RANDAN

**Dun Edward Xuereb**

**Kelma tal-bidu**

- Għar-Randan issib bosta sussidji li japprofondixxu l-materjal spiritwali propost fil-Lezzjonarju tant għani tal-Ħdud u l-jiem ferjali. Ma nistgħux ngħidu l-istess, iżda, għall-wirt spritwali tant għani ġej mill-ewkoloġija (ix-xjenza li tistudja t-talb u l-liġijiet li jirregolaw il-formazzjoni tiegħu) tal-Knisja, jiġifieri minn dik il-fonti ineżawribbli ta' spiritwalità li hi t-talba uffiċjali tal-Knisja – għajn sigura ta' spiritwalità.
- Bejn l-istedina "Nitolbu" u t-talba tal-kolletta, fil-quddiesa, iċ-ċelebrant għandu jieqaf għal ftit mumenti fis-skiet, biex hekk kulħadd f'qalbu jippreżenta lil Alla t-talba tiegħu. Imbagħad ikompli: jiġbor (infatti tissejjaħ kolletta minn "colligere", tiġbor) it-talb ta' kulħadd bit-talba preskritta, formulata b'mod ġenerali, biex hekk tiġbor it-talb ta' kulħadd.
- Il-kolletti ta' dan iż-żmien tar-Randan huma tassew għonja u sbieħ bħala opra letterarja: komposti skont in-normi tal-*cursus* u tal-*concinnitas* tal-ġenju Latin, huma qosra, armoniċi, inċisivi u fihom hemm kondensata teoloġija u spiritwalità kbira.
- Fir-Regola Benedittina jingħat illi fil-jiem qaddisa tar-Randan issir tiswija tan-negliġenzi kollha taż-minijiet l-oħra (cf. Regola 49,3).
- Xtaqt noffri lill-qarrejja ftit tifsir u spunti ta' riflessjoni dwar sitt kolletti ta' dan iż-żmien liturġikament tant qawwi. Nibda bit-test Latin u ma' ġenbu noffri traduzzjoni kemm jista' jkun litterali.

| | |
|---|---|
| Concede nobis, Domine, praesidia militiae christianae sanctis inchoare ieiuniis, ut, contra spiritales nequitias pugnaturi, continentiae muniamur auxiliis. | Agħti lilna, Mulej, li nibdew bis-sawm qaddis id-difiża militanti Nisranija, biex aħna li ser niġġieldu kontra l-ħwejjeġ ħżiena spiritwali, inkunu msaħħin bl-għajnuniet tas-safa. |

**Tifsir ta' kliem**

- "Praesidium" għandha konnotazzjoni militari. Tfisser "difiża, protezzjoni, għajnuna" u allura tirreferi għas-suldati li jkunu għassa – tifsira mġebbda biex tfisser ukoll kull post okkupat mit-truppi.
- "Munio", hi kelma oħra militari, li tifisser tibni ħajt madwar, biex tiddefendi.
- "Pugno", tiġġieled, tikkumbatti hi kelma oħra militari/
- "Auxilium", għajnuna, meta fil-plural, tfisser ukoll truppi awżiljarji, awżiljarji l-aktar magħmula minn alleati u truppi armati b'mod ħafif b'differenza mil-leġjunarji.
- "Militia", hi s-servizz militari, il-gwerra, il-kamp tal-battalja. Bl-użu ta' din it-tixbiha, joħroġ ukoll aktar is-sens komunitarju tar-Randan: mhux prattika individwalistika ta' penitenza, imma esperjenza ta' penitenza mgħixha fi ħdan il-komunità tal-Knisja.
- "Nequitiae": il-kwalitajiet ħżiena ġejjin minħabba għażż, negliġenza, eċċ..

**Irrifletti**

- Din il-kolletta hi ta' antikità venerabbli: ġejja mis-Sagramentarju Veroniż tas-seklu 6 u titratta b'mod ċar il-kumbattiment spiritwali (cf. Ef 6,10-12).
- Ħafna minna, meta rċevejna l-Griżma fakkruna b'xi mod li aħna suldati ta' Kristu fil-Knisja pellegrina u għalhekk irridu nkunu lesti inbatu għall-fidi. It-tixbihat militaristiċi insibuhom f'parti kbira mill-istorja tal-ispiritwalità Nisranija – il-ħajja Nisranija mhix għall-beżżiegħa. Meta l-leġjuni Rumani kienu jimmarċjaw, kienu jibnu kamp fortifikat meta kienu jieqfu. Ma kinux jagħtu ċansijiet.
- L-iżbalji, l-affarijiet ħżiena (nequitiae) li jistgħu jkunu fatali, niġġeldulhom bl-attenzjoni kontinwa tal-kontinenza li hawn hi deskritta bl-istess kelma użata fl-antik għat-truppi awżiljarji li jissapportjaw is-suldati regolari tal-leġjun.
- Hu fi ħdan il-Knisja (militia) u mhux għal rasna, individwalment, li aħna msejħin għixu r-Randan. Fl-aħħar mill-aħħar, il-komunjoni ekkleżjali hija l-forma u l-kuntest tal-ispiritwalità Nisranija ta' kull wieħed u waħda minna. Infatti s-sawm u t-talb kienu fuq kollox atti materni tal-Knisja li tgħin lill-aħwa fil-bżonn. L-opri ta' penitenza (sawm u talb) mill-imgħammdin ma kinux l-ewwelnett għalihom infushom, imma għall-aħwa – il-kleru, il-katekisti u dawk ġà mgħammda kienu jsumu għall-katekumeni u għall-penitenti, mentri biss il-katekumeni u l-penitenti kellhom isumu għalihom infushom. L-istess, l-elemożina, l-ewwel nett hi edukazzjoni tal-qalb biex tħobb il-bżonn ta' ħaddieħor aktar milli d-dritt tiegħek innifsek.
- Bis-sawm, il-Knisja tgħix l-esperjenza tat-tentazzjoni ta' Ġesù fid-deżert u fuqha tirrifletti r-rebħa ta' Kristu kontra t-tentatur. Bis-sawm nieħdu sehem ukoll fir-rebħa ta' Kristu li "rebaħ sabiex aħna nkunu nistgħu niksbu rebħa simili għal tiegħu" (Ljuni l-Kbir, Sermo 39,80). Permezz tas-sawm, il-Mulej "jirbaħ il-passjonijiet tagħna, jgħolli l-ispirtu tagħna, isawwab il-qawwa u jagħti l-premju" (Prefazju Randan IV).

| Concede nobis, omnipotens Deus, ut, per annua quadragesimalis exercitia sacramenti, et ad intellegendum Christi proficiamus arcanum, et effectus eius digna conversatione sectemur | Agħtina, Alla li tista' kollox, li, permezz tal-eżerċizzji ta' kull sena tas-sagrament tal-erbgħin jum, nimxu 'l quddiem fl-għarfien tal-misteru ta' Kristu, kif ukoll insegwu l-effetti tiegħu b'mod denn ta' ħajja. |
|---|---|

**Tifsir ta' kliem**

- "Exercitium" għandha riferenza għall-armata u għal għamliet oħra ta' eżerċizzju. Infatti, is-suldati jridu jkunu *fit* fiżikament.
- "Sacramentum" hawn ma tireferix biss għas-sagrament tal-Ewkaristija. It-taħriġ spiritwali tal-erbgħin jum tar-Randan huwa affirmazzjoni misterjuża tar-rabta sagra bejnna u Kristu. Ir-Randan hu l-misteru li jibdilna. Hu l-perjodu li tulu it-taħriġ tagħna jagħmilna aktar konformi mal-misteru ta' Kristu li jmut u jirxoxta. Illum il-kelma sagrament hi ġeneralment użata biss għas-seba' sinjali tal-grazzja mwaqqfa minn Kristu. Peró fil-kitbiet bikrija Insara Latini kienet kelma użata biex tittraduċi l-kelma Griega *mysterion*. Il-kittieba Insara tal-bidu kellhom nuqqas ta' vokabularju speċjalizzat għat-teoloġija ġdida tagħhom u hekk kellhom jew jadattaw kliem diġà jeżisti u jagħtuh tifsira ġdida jew sempliċement joħolqu kliem ġdid. Huma adattaw il-kelma *sacramentum* li kienet tirreferi għall-ġurament li jieħu s-suldat meta jidħol fis-servizz militari. Hekk bdiet tfisser is-sinjali sensibbli li jikkomunikaw il-grazzja: il-festi liturġiċi, ir-riti tad-dħul fil-ħajja Nisranija (magħmudija, griżma, Ewkaristija), eċċ..
- "Conversatio" f'kuntesti Nsara tfisser "kondotta, mod ta' ħajja" u mhux biss konverżjoni.

**Irrifletti**

- Il-liturġija hija l-ewwel nett u fuq kollox *opus Dei*: jagħmilha Alla u aħna nissieħbu fiha. Huwa Kristu, il-Qassis il-Kbir, il-veru aġent tal-liturġija. Iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tagħna huma aktar minn *plays* jew memorjali. B'mod sagramentali, aħna nistgħu nieħdu sehem f'dawk l-istess misteri ta' Kristu u fl-effetti tagħhom: redenzjoni, santifikazzjoni u salvazzjoni. F'din il-kolletta, aħna qed nitolbu umilment lil Alla biex jagħmel effettiva fil-ħajja tagħna din is-serje ta' taħriġ u eżerċizzi ta' kull sena.
- Hemm rabta mill-qrib bejn iċ-ċiklu sħiħ tar-Randan u Kristu nnifsu. Infatti, ir-Randan jirrifletti l-misteru tal-Għid ta' Kristu: hu żmien penitenzjali li tulu ningħaqdu mas-salib ta' Kristu, li jilħaq il-qofol tiegħu u jsib it-tifsira tiegħu fil-misteru tal-Għid u l-qawmien.

| | |
|---|---|
| *Deus, qui nobis dilectum Filium tuum audire praecepisti,*<br>*verbo tuo interius nos pascere digneris,*<br>*ut, spiritali purificato intuitu,*<br>*gloriae tuae laetemur aspectu.* | Alla, li ordnajt lilna li nisimgħu lil Iben maħbub tiegħek,<br>ħalli tindenja ruħek li tirgħana minn ġewwa bil-kelma tiegħek<br>biex, bil-viżjoni spiritwali msoffija,<br>nifirħu bid-dehra tal-glorja tiegħek. |

**Tifsir ta' kliem**

- "Digneris": tindenja ruħek, fis-sens li tqisha ħaġa denja għalik li tgħajjixna.
- "Intuitus": ħarsa lejn il-ġewwieni ta' xi ħaġa, li fil-kolletta tagħna, hija ħarsa, viżjoni, spiritwali. Insaffu lilna nfusna bħal meta nnaddfu lenti biex naraw aktar ċar; fl-istess ħin, ir-ruħ imsoffija ma toffendix l-għajnejn ta' Alla. Insaffu l-vizjoni tagħna billi nitfgħu għajnejna fuq il-pjagi ta' Kristu, għax kif kiteb San Bonaventura, l-Appostlu San Tumas ħares lejn il-ġerħat li jidhru ta' Kristu u ra l-ġerħat inviżibbli tal-imħabba; hekk fir-Randan niksbu "in-sight" spiritwali fl-Imħabba li mietet u qamet għalina. Dan jitlob bilfors li neżaminaw ħajjitna biex naraw min qed inpoġġu fiċ-ċentru tagħha.
- "Gloria", fil-kittieba Latin ital-bidu bħal Illarju ta' Poitiers, Ambroġġ u fit-testi liturġiċi tal-bidu, tfisser ħafna aktar minn sempliċi fama jew ċelebrità jew splendur ta' dehra. Il-kelma Latina liturġika tagħna *gloria* hi l-ekwivalenti tal-kelma biblika Griega *doxa* u dik Lhudija *kabod*. Il-Latini ttraduċew *doxa* anke bi kliem bħal *maiestas* u *claritas*. Tirrigwarda l-fatt li l-bniedem jagħraf lilAlla bħal Alla u s-salvazzjoni mirbuħa lilna minn Kristu li sallbuh u qam. Fl-istess ħin, din il-'glorja' hi l-qawwa ta' Alla li tibdilna f'dak li Huwa hu.

**Irrifletti**

- Skont it-tradizzjoni, f'dan il-Ħadd, il-Knisja taqra s-silta tal-vanġelu dwar it-Trasfigrazzjoni. Il-Mulej jirrivela xi ħaġa min-natura tiegħu ta' Alla biex hekk l-ewlenin fost l-appostli tiegħu ikunu jistgħu aħjar jesperjenzaw l-orrur tal-passjoni li kien ser jitgħabba biha. Il-leħen tal-Missier instema': "Dan hu Ibni, l-għażiż. Isimgħu lilu". Dan il-passaġġ jgħinna nifhmu l-kolletta tal-lum.
- Ikkunsidra li l-Kelma ta' Alla, sa mill-eternità, hi x-xbieha perfetta tal-Missier li ma jidhirx. Aħna magħmulin bħal din ix-xbieha, skontha, xbihat li jidhru tax-xbieha inviżibbli. L-Iben sar bniedem, ix-xbieha perfetta viżibbli ta' Alla inviżibbli.
- Wieħed mill-għanijiet ta' dan iż-żmien ta' penitenza hi t-tisfija ġewwenija. Ladarba l-puri biss jistgħu jidħlu fil-Viżjoni Beatifika, biex ikollna l-hena tal-Ġenna, jeħtieġ li nissaffew mill-irbit mad-dnub u li nsiru perfetti fl-imħabba.
- Mad-dixxiplina tar-Randan jaqbel inżidu ż-żjajjar ta' spiss lis-Santissmu Sagrament. Rikardu ta' S. Vitor (+1173) jgħid: "L-imħabba hi l-għajn [eye] u li tħobb hu li tara". Inħarsu lejh li ġie minfud għalina u nħalluh jibdlilna l-vista tagħna. Qed jistenniena, minn barra u minn ġewwa.

| | |
|---|---|
| *Deus, omnium misericordiarum et totius bonitatis auctor,*<br>*qui peccatorum remedia*<br>*in ieiuniis, orationibus et eleemosynis demonstrasti,*<br>*hanc humilitatis nostrae confessionem propitius intuere,*<br>*ut, qui inclinamur conscientia nostra,*<br>*tua semper misericordia sublevemur.* | Alla, awtur tal-opri kollha ta' karità u ta' kull tieba,<br>li urejt ir-rimedji għad-dnubiet fis-sawm, it-talb u l-opri ta' ħniena,<br>ħares b'tieba lejn din l-istqarrija tal-umiltà tagħna,<br>sabiex, aħna li ninsabu mbaxxija bil-kuxjenza tagħna,<br>dejjem nogħlew 'l fuq bil-ħniena tiegħek. |

**Tifsir ta' kliem**

- "Misericordia", kif użata hawn, fil-plural, tista' tirreferi għall-għemejjel ta' karità.
- "Sublevo" tfisser terfa' mill-baxx u allura tassisti, tinkoraġġixxi, tfarraġ, tħeffef il-piż. Hi kelma użata fl-innu sabiħ Możarabiku tas-seklu 10: "Attende Domine, et Miserere … Ad te … oculos nostros sublevamus flentes".
- "Eleemosyna" huma l-opri tal-ħniena, partikolarment dawk li jmissu l-ġisem.
- "Confessio" hi stqarrija. Ta' xiex? Hi mod kif nagħtu xhieda tal-karattru Nisrani li rċevejna fil-magħmudija. Hi at-tweġiba fil-ħajja għal dak li l-Mulej għamel magħna: tweġiba li xi drabi titlob li nistqarru dnubietna umilment, xi drabi li nagħtu glorja lilAlla umilment. Hekk jew hekk, dejjem tesiġi l-umiltà. L-aktar użu famuż ta' din il-kelma confession hu minn S. Wistin li t-talba stupenda awtobijografika tiegħu hi magħrufa bħala Il-Konfessjonijiet. Mhix konfessjoni fis-sens ta' ammissjoni kriminali tal-ħtija anqas ma hi ristretta għall-istqarrija tad-dnubiet. Skont l-*Agustinus Lexicon*, fil-kitbiet ta' S. Wistin, *confessio* prinċipalment tfisser tliet affarijiet: professjoni tal-fidi f'Alla, tifħir lil Alla, stqarrija tad-dnubiet lil Alla. F'ċertu sens, nistgħu ngħidu li tfisser "tixhed", "tagħti xhieda".

**Irrifletti**

- Din il-kolletta tfakkarna fir-rimedji murija minn Alla għad-dnub: it-talb, is-sawm u l-għoti tal-karità (cf. Mt 9, 14 & 6,1; Mk 9,27; Lq 12,33; Ġwanni Pawlu II, Angelus, 16.2.1997).
- Din it-talba forsi tiddeskrivi tajjeb ħafna l-istat ta' ħafna minna f'dan il-waqt, fir-Randan: bdejna b'riżoluzzjonijiet tajbin, imma nsibuha iebsa li nkompluhom. K'ma nsibuhiex iebsa, aktarx m'aħniex neħduhom bis-serjetà. Nagħrfu d-dgħufija tagħna u nistqarru l-fidi tagħna fil-Mulej.
- L-elemożina tiġbor fiha l-opri kollha ta' ħniena lejn il-proxxmu u d-Dutturi tal-Knisja kollha jirrakkomandawha bħala l-kumplement neċessarju tas-sawm u t-talb tul ir-Randan. Niftakru fl-aħħar rakkomandazzjoni tal-Arkanġlu San Rafiel lill-familja ta'Tobija, qabel ma rritorna s-sema: "Ħaġa tajba t-talb mas-sawm u l-elemożina tiswa aktar minn muntanji ta' teżori tad-deheb, għaliex l-elemożina teħles mill-mewt, issaffi mid-dnubiet, tgħinek issib il-ħniena u l-ħajja ta' dejjem" (Tob 12,8-9).

| | |
|---|---|
| Deus, qui per Verbum tuum<br>humani generis reconciliationem mirabiliter operaris,<br>praesta, quaesumus, ut populus christianus<br>prompta devotione et alacri fide<br>ad ventura sollemnia valeat festinare. | Alla, li permezz tal-Verb tiegħek<br>twettaq b'mod tal-għaġeb ir-rikonċiljazzjoni tal-ġens tal-bnedmin,<br>agħmel, nitolbu, li l-poplu nisrani<br>b'devozzjoni pronta u fidi fuq tagħha<br>ikun jista' jħaffef lejn il-festi solenni li ġejjin. |

**Tifsir ta' kliem**

- "Sollemnia": hi l-plural tal-aġġettiv "annwali", dak li hu stabbilit li għandu jsir kull sena. F'kuntest reliġjuż, tfisser "festiv", "rit reliġjuż jew solenni, festa".
- "Alacer": fuq tiegħu, ħafif, imħeġġeġ, attiv; ferħan.
- "Fides": il-virtù soprannaturali li tingħatalna fil-magħmudija li biha nemmnu (fides qua), kif ukoll il-kontenut ta' dak li nemmnu (fides quem) u din tal-aħħar tirrigwarda kemm il-ħwejjeġ li nitgħallmu u nimmemoriżżaw b'imħabba, kif ukoll b'mod aktar importanti, Alla li nitgħallmu dwaru u nikkontemplawh b'imħabba.
- "Devotio" tfisser konsagrazzjoni irrevokabbli. San Tumas jikteb: "Id-devozzjoni hi l-att tar-rieda li bih il-bniedem jagħti lilu nnifsu prontement għall-qadi ta' Alla" (S.Th., II-II, 82, 3), li hi kkawżata mill-kontemplazzjoni jew meditazzjoni, għax hu bil-meditazzjoni li l-bniedem tiġih l-idea li jagħti ruħu għas-servizz ta' Alla (cf. Ibid.).

**Irrifletti**

- Almenu minn Ġwanni ta' Salisburgu (seklu 12) hemm tradizzjoni, ġejja mill-ewwel kelma tal-kant tal-introjtu għall-quddiesa ta' it-3 Ħadd *Gaudete* fl-Avvent, il-5 Ħadd *Cantate* fl-Għid u r-4 Ħadd *Laetare* fir-Randan. F'dan il-Ħadd tar-Randan, neħħu ftit mill-aspett qawwi penitenzjali ta' dan iż-żmien liturġiku u nagħtu titwila ħafifa tal-ferħ li għandu jiġi meta titkanta l-*Exsultet* f'Sibt il-Għid.
- Kienet id-drawwa fil-Ħadd *Laetare* li l-Papa ibierek ward (*roses*) tad-deheb li kienu mbagħad jintbagħtu lir-rejiet u rġejjen Kattoliċi. Hekk dak il-Ħadd issejjaħ ukoll *Dominica de rosa*, Ħadd il-warda. L-ilbies liturġiku roża żviluppa b'mod naturali minn din l-okkażjoni. Il-Paa Innoċenz III fisser illi kif dan il-jum tar-Randan jirrappreżenta l-imħabba li tiġi wara l-mibegħda, il-ferħ wara n-niket u l-milja wara l-ġuħ, hekk ukoll il-warda (*rose*) bil-kulur, riħa u togħma tagħha tfisser l-imħaba, il-ferħ u s-sazjetà.
- Bla dubju, Kristu hu dak imħabbar minn Iżaija 11,1. Huwa kbir is-simboliżmu tar-roża: ix-xewk tagħha jfakkarna fil-passjoni ta' Kristu, Kristu li jsaltan minn fuq salib tal-injam, mentri l-ġmiel tal-wara jfakkarna fl-Għid tal-qawmien.
- Jekk aħna nkunu tassew devoti u ddedikati li nwettqu d-dmirijiet tal-istat tagħna fiċ-ċirkostanzi konkreti ta' ħajjitna, nirċievu minn Alla l-grazzji attwali kollha li neħtieġu biex inwettqu l-vokazzjoni tagħna.

| | |
|---|---|
| *Quaesumus, Domine Deus noster,*<br>*ut in illa caritate, qua Filius tuus*<br>*diligens mundum morti se tradidit,*<br>*inveniamur ipsi, te opitulante, alacriter*<br>*ambulantes.* | Nitolbu, Mulej Alla tagħna,<br>biex f'dik il-karità, li biha Ibnek<br>hu u jħobb id-dinja ta lilu nnifsu għall-mewt,<br>inkunu misjuba aħna stess, waqt li inti tgħinna,<br>mexjin żvelti. |

**Tifsir ta' kliem**

- "Caritas" hi l-virtù teologali tal-imħabba li tagħmilna kapaċi nħobbu lil Alla għalih innifsu u lill-proxxmu u lilna nfusna.
- "Mundus": "Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3,16).
- "Ambulare": timxi, fit-Tesment il-Ġdid hi sinonimu għal tgħix (cfr. Ef 5,2; 2 Ġw 6). Hawn għandna wkoll l-idea ta' mixja: "Meta wasal iż-żmien li jkun meħud mid-dinja, dawwar wiċċu biex imur Ġerusalemm" (Lq 5,51) – dawwar wiċċu, "indurì la sua faccia" jfisser li b'mod deċisiv, bla eżitazzjonijiet, affronta l-mixja iebsa tal-Passjoni.

**Irrifletti**

- Din il-kolletta hi adattament ta' rest antik tas-Sagramentarju Możżarabiku – ir-rit Możarabiku jmur lura sas-seklu 6.
- It-tajjeb ma nistgħux nagħmluh bil-ħila tagħna biss. L-ereżija qadima tal-Pegaġjaniżmu, ikkonfutata fost l-oħrajn minn S. Wistin, kienet tqis li d-dnub oriġinali ma feriex in-natura tal-bniedem u r-rieda tagħna tista' tagħżel it-tajjeb jew il-ħażin mingħajr ebda għajnuna tal-grazzja ta'Alla. Dan ifisser li d-dnub oriġinali ma feriex l-intellett u r-rieda, eċċ. u aħna għandna kontroll sħiħ tagħna nfusna. Il-kolletti Latini, min-naħal-oħra, jevitaw kull tebgħa ta' Pelaġjaniżmu meta jitolbu l-għajnuna ta' Alla.
- Fil-kolletta tal-lum, nitolbu biex b'dik l-imħabba sagrifikali li biha Ġesù ħabb id-dinja, li tinsab fina permezz tar-rigal b'xejn tal-grazzja.
- Biex nimxu wara Kristu, mhix biżżejjed il-ħila tagħna, imma Alla stess irid l-ewwel jagħtina l-grazzja u l-qawwa li nagħmlu dan.

# 9. IR-RIKORSI LILL-PENITENZJERIJA



**Dun Edward Xuereb**

Il-Penitenzjerija Apostolika hija fergħa tal-Kurja Rumana għas-servizz tal-konfessuri u tal-penitenti, it-'Tribunal tal-Ħniena', li topera b'mod differenti mill-awtoritajiet fil-forum estern, għaliex dejjem tipproteġi l-anonimità tal-persuna. Fl-aħħar mill-aħħar, ħadd m'għandu dritt li jkun jaf kollox dwar kulħadd u li jiġi ppubbliċizzat il-ħażen jista' jkollu effetti negattivi fuq l-individwu speċifiku u fuq il-komunità. Il-Penitenzjerija hi kompetenti biss għall-forum intern, jiġifieri għar-relazzjoni intima bejn Alla u n-Nisrani individwali.

**Liema huma d-delitti kanoniċi li jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal tal-Penitenzjerija Apostolika fil-forum intern?**
Hemm ħames delitti li għalihom il-Penitenzjerija Apostolika għandha kompetenza:

- il-profanazzjoni tal-iSpeċi Kkonsagrati (cf. Kan. 1367);
- il-ksur dirett tas-siġill sagramentali tal-Qrar (cf. Kan. 1388 §1);
- l-assoluzzjoni tal-kompliċi fid-dnub kontra s-sitt kmandament tad-Dekalogu (cf. Kan. 1378 §1);
- il-konsagrazzjoni ta' Isqof mingħajr il-mandat Pontifiċju (cf. Kan. 1382).

Malli wieħed jikkommetti dawn id-delitti kollha, awtomatikament (*latae sententiae*) jaqa' fuqu l-kastig tal-iskomunika, jiġifieri u l-assoluzzjoni jew maħfra għalihom hi riservata għas-Sede Apostolika.

**X'inhu d-delitt tal-profanazzjoni tal-iSpeċi Kkonsagrati?**
Dan hu delitt mill-aktar gravi li bih wieħed direttament joffendi lil Alla, Tieba Suprema, dehen li jkun maħbub fuq kollox, Ħallieq u Mulej ta' kulma jeżisti. Jikkonsisti filli wieħed jieħu b'mod improprju l-iSpeċi Ewkaristiċi b'intenzjonijiet sagrilegi, superstizzjużi jew oxeni jew iktar ġeneralment, b'kull azzjoni gravement bla rispett, magħmula b'rieda sħiħa, lejn is-SS.mu Sagrament, kemm jekk waħdu kif ukoll jekk fil-preżenza tal-oħrajn.

**X'inhu l-ksur dirett tas-siġill sagramentali?**
Hu delitt li jista' jiġi kommess biss minn saċerdot li jqarrar, anke jekk ma tax l-assoluzzjoni sagramentali. Il-ksur 'dirett' veru u propru, tas-siġill, niżżu ħajr 'l Alla, jekk qatt iseħħ, jiġri tassew rarament (cf. Gianfranco Girotti). Biex tikser direttament is-siġill tal-qrar, hu neċessarju li l-konfessur intenzjonalment jikxef dnub li sema waqt il-qrar, kif ukoll l-identità tal-pentent li stqarr dak id-dnub. Ir-raġuni tal-iskomunika marbuta ma' dan id-delitt hi biex tipproteġi l-qdusija tal-Qrar, li hu l-uniku mezz ordinarju li bih aħna l-Insara niksbu l-maħfra tad-dnubiet gravi tagħna.

**X'tifhem b'assoluzzjoni tal-kompliċi fi dnub kontra s-sitt kmandament tad-Dekalogu?**
Konfessur li konxjament jassolvi l-kompliċi fi dnub kontra l-kastità, li fih it-tnejn li huma kienu ħadu sehem, jikkommetti dan id-delitt. Assoluzzjoni bħal din, b'eċċezzjoni tal-periklu tal-mewt, hija invalida u ġġib magħha ċ-ċensura awtomatika tal-iskomunika. Dan l-att kriminali jinkludi d-dnubiet esterni kollha kommessi mal-kompliċi f'materja ta' kastità, anke jekk id-dnub sar qabel l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. B'din il-piena, il-Knisja tipproteġi l-qdusija tal-Qrar u tfittex l-amendament effettiv tal-persuni ħatja. Ovvjament, biex jikkommetti dan id-delitt, il-konfessuririd ikun konxju li qed jassolvi l-kompliċi fi dnub kommess mit-tnejn flimkien. Jekk il-konfessur ma jagħafx il-penitent, ma jikkommettix dan id-delitt. Jekk il-kompliċi ma jistqarrx id-dnub kontra l-kastità kommess mal-konfessur, għax diġà ġie assolt minn konfessur ieħor, id-delitt ma jinkorrix.

**X'għandu jagħmel il-konfessur meta l-kompliċi jitolbu l-assoluzzjoni?**
Għandu jgħarraf lill-penitent li ma jistax jassolvi d-dnub kommess fil-kompliċità għax din l-assoluzzjoni tkun nulla (cf. Kan. 977) u hu stess ikun ukoll qed jikkommetti delitt mill-aktar gravi.

**X'jiġri jekk il-konfessur mhux konxju li l-piena tal-iskomunika tibda tgħodd mal-mument li hu jipprova jassolvi l-kompliċi fi dnub kontra l-kastità?**
F'dan il-każ, l-injoranza ma tiddispensax il-piena, għax hija injoranza mhix skużabbli. Il-konfessuri kollha li jistgħu jeżerċitaw il-ministeru tal-qrar għandhom ikunu jafu n-normi kanoniċi dwar dan is-sagrament.

**X'tinvolvi l-forza fiżika kontra l-Papa?**
Diffiċli fil-prattika biex iseħħ dan id-delitt. Jinvolvi l-użu ta' vjolenza fiżika kontra l-persuna tal-Papa bil-għan li jsir attentat fuq ħajtu jew ħsara lilu.

**Xi tfisser konsagrazzjoni episkopali mingħajr mandat pontifiċju?**
Hu delitt li rari jseħħ. Jikkonsisti fl-għoti tas-sagrament tal-Ordni Sagri, fil-livell tal-episkopat, lil xi ħadd, bla ma jkun irċieva l-awtorizzazzjoni neċessarja pontifiċja. Isqof Kattoliku biss, meta jagħmel ordinazzjoni episkopali bla mandat mill-Papa jikkommetti dan id-delitt, f'liema każ l-ordinazzjoni tkun valida, imma illeċita.

**Liema piena kanonika hi marbuta ma' dawn id-delitti?**
Il-ħames delitti msemmija huma kkastigati bi skomunika *latae sententiae*, jiġifieri li taqa' awtomatikament hekk kif isir id-delitt, mingħajr il-ħtieġa li tiġi imposta bi proċess kanoniku jew b'digriet.

**X'effetti għandha l-iskomunika?**
Min hu skomunikat hu pprojbit illi:
- jieħu sehem b'xi mod bħala ministru fil-Quddiesa jew f'xi rit ieħor ta' qima liturġika;
- jiċċelebra s-sagramenti jew sagramentali jew jirċievi s-sagramenti;
- jwettaq uffiċċji jew ministeri ekklezjastiċi jew atti ta' tmexxija pastorali (cf. Kan. 1331 §1).

**Min jista' jirċievi piena kanonika?**
Il-fidili kollha tal-Knisja li jikkommettu ksur estern ta' liġi jew preċett li miegħu hemm marbuta piena, jekk dak il-ksur hu gravement imputabbli minħabba malizzja jew negliġenza (cf. Kan. 1321 §1). Però, f'ċerti każi r-responsabbiltà kriminali hi mneħħija għal kollox jew imnaqqsa. Pereżempju, min m'għandux l-użu abitwalit ar-raġuni hu inkapaċi li jikkommetti delitt kanoniku (cf. Kan. 1322).

**Tista' persuna minuri tiġi kkastigata b'piena kanonika?**
Biex wieħed jiġi kkastigat b'piena kanonika irid ikun għalaq is-sittax-il sena (cf. Kan. 1323, 1°). Taħt is-sittax-il sena, wieħed jista' jikkommetti dnub gravi, imma ma jinkorrix piena kanonika.

**Xi jfisser li l-iskomunika tkun 'riservata' lis-Santa Sede?**
Ifisser li biss is-Santa Sede tista' taħfer il-piena. Fil-każi fuq imsemmija, l-awtorità kompetenti fil-forum intern hu t-Tribunal tal-Penitenzjerija Apostolika. Hekk joħroġ ċar li ċerti atti, minħabba l-gravità partikolari tagħhom, jeħtieġu trattament speċjali, kif ukoll hi prattika li sservi ta' deterrent.

**Meta hu possibbli tassolvi l-penitent minn skomunika?**
L-iskomunika, bħala ċensura jew piena mediċinali, għandha tiġi assolta kull darba li n-Nisrani hu niedem mid-dnub li kkommetta. Għall-pieni mediċinali, hu fundamentali li wieħed jivverifika

hemmx kontumaċja. 'Kontumaċja' hi l-attitudni persistenti ta' diżubbidjenza quddiem l-awtorità, mentri l-għan ewlieni tal-pieni mediċinali hi l-korrezzjoni tal-kontumaċja u l-konverżjoni tal-persuna. Hekk kif tieqaf il-kontumaċjha, il-maħfra ma tistax tiġi miċħuda għax in-Nisrani għandu veru dritt li jinħeles minnha (cf. Kan. 1358 §1).

**Tista' persuna skomunikata tiġi assolta minn dnubietha?**
Le, għax il-piena tal-iskomunika tipprojbixxi li wieħed jirċievi s-sagramenti. Hu neċessarju li l-ewwel titneħħa l-iskomunika u biss wara jista' l-penitent jirċievi l-assoluzzjoni ta' dnubietu.

**Min jista' jaħfer il-piena tal-iskomunika?**
Biss l-awtorità mogħtija l-fakoltà mil-liġi tal-Knisja jew min irċieva delegazzjoni kif għandha tkun. Fil-każ tal-iskomunika riservata lis-Sede Apostolika għad-delitti fuq imsemmija, l-awtorità kompetenti hi l-Penitenzjerija Apostolika, kemm-il darba tkun kwistjoni ta' każi sigrieti u l-iskomunika ma tkunx ġiet iddikjarata fil-forum estern.

**Meta l-iskomunika tkun iddikjarata fil-forum estern, tista' l-Penitenzjerija Apostolika tneħħi ċ-ċensura?**
Le, ma tistax tintervjeni, għax hi Tribunal tal-forum intern. Hawn, biex jikseb l-assoluzzjoni, wieħed irid jirrikorri għall-awtorità kompetenti.

**X'għandu jagħmel il-konfessur ma' penitent involut f'ċensura riservata lis-Santa Sede jew lill-Ordinarju tal-post?**
Il-konfessur jista' jagħmel tliet affarijiet, waqt li jagħżel dik li jqis l-aktar ta' ġid spiritwali għall-penitent:

(a) Meta ċ-ċensur tkunr iservata lill-Ordinarju tal-post, il-konfessur jista' jgħid lill-penitent, illi – jekk huwa jrid hekk – huwa jista' jmur iqerr għand il-penitenzier djoċesan jew kolleġġjali, li għandu l-fakultajiet neċessarji biex jaħfer iċ-ċensura. Jekk il-penitent ma jridx jagħmel dan, il-konfessur jista' jagħżel waħda miż-żewġ għażliet segwenti.

(b) Il-konfessur jista' jgħid lill-penitent li hu, bħala konfessur – b'mod riservat u bla ma jirrivela ismijiet – ser jitlob l-awtorizzazzjoni li atippermettih jaħfer iċ-ċensura. Il-penitent għandu jirritorna biex jirċievi l-maħdra taċ-ċensura u l-assoluzzjoni ta' dnubietu u jirċievi l-penitenza, li tiġi imposta mill-istess awtorità li tagħti l-awtorizzazzjoni lill-konfessur. F'dan il-każ, il-konfessur għandu jikkuntattja l-awtorità kompetenti, li għaliha hi riservata ċ-ċensura, mill-aktar fis possibbli u jitlob l-awtorizzazzjoni li jaħfer iċ-ċensura u anke jirċievi l-penitenza li għandha tiġi imposta fuq il-penitent. Għall-ħames kaċi fuq imsemmija, riservati għas-Sede Apostolika, il-konfessur għandu jikkuntattja l-Penitenzjerija Apostolika.

(c) Meta jkun diffili għall-penitent li jibqa' fl-istat ta' dnub gravi u ma jirċevix is-sagramenti tul iż-żmien waqt li l-konfessur jistenna l-permess biex jassolvih, u l-penitent ikun verament dispjaċut għad-delitt imwettaq, il-konfessur jista', bis-saħħa tal-Kan. 1357, jaħfer lill-penitent miċ-ċensura u jassolvih minn dnubietu, waqt li jgħidlu jirritorna wara diversi ġimgħat, f'ħin konvenjenti għat-tnejn, biex jirċievi l-penitenza. F'dan il-każ, il-konfessur għandu d-dmur li fi żmien 30 jum li jirreferi l-każ u jirċievi l-penitenza mill-awtorità kompetenti li għaliha hi riservata ċ-ċensura.

**Tajjeb jekk il-konfessur juża din il-fakoltà mogħtija lilu mill-Kan. 1357?**
Iva, tajjeb li jagħmel hekk. Bil-parir tajjeb tiegħu, jista' jfittex li jmexxi l-penitent, li altrimenti jkollu jistenna biex jirċievi s-sagramenti sakemm il-konfessur ikollu l-fakoltà li jassolvih, f'qagħda personali ta' tbatija. Bħala ragħaj tajjeb, il-konfessur għandu jqajjem fil-penitent ix-xewqa li jinħeles mill-piena mill-aktar fis possibbli, jinħafer minn dnubietu u jirċievi l-Ewkaristija.

**Wieħed kif jagħmel rikors lill-Penitenzjerija Apostolika?**

Ir-rikors isir permezz ta' ittra sempliċi u normali, jekk jista' jkun ittajpjata, biex tkun ċara. Fiha l-konfessur, bla ma jsemmi l-isem tal-penitent u jħalli barra kull riferenza li tista' tidentifikah, jitlob lill-Penitenzjerija Apostolika l-fakoltà li jaħfer iċ-ċensura jew jikkomunika li hu diġà assolva l-penitent billi uża l-fakoltà mogħtija mill-Kan. 1357. Fl-ittra, il-konfessur għandu jfittex li jfisser b'mod oġġettiv u konċiż dak li ġara, waqt li jagħmel riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha li wasslu għad-delitt u li jistgħu jaggravaw jew inaqqsu l-ħtija (età, stat fil-ħajja, eċċ.).

**Liema informazzjoni għandha tkun inkluża f'rikors dwar il-profanazzjoni tal-iSpeċi Kkonsagrati?**

Hu neċessarju li r-rikors ikun fih:

- l-età bejn wieħed u ieħor tal-penitent u l-istat psikoloġiku tiegħu;
- meta ġie kommess id-delitt;
- kemm-il darba ġie kommess;
- il-mod li bih ġie kommess;
- x'motivi kien hemm wara l-profanazzjoni;
- jekk id-delitt sarx minn persuna waħda jew aktar;
- jekk il-penitent ikkommettiex id-delitt imqanqal minn xi setta u jekk iva, jekk kisirx kull irbit magħha.

**Liema tagħrif irid jiġi inkluż f'rikors dwar il-ksur dirett tas-siġill tal-qrar?**

Hu neċessarju li r-rikors ikun fih:

- l-età bejn wieħed u ieħor tal-penitent;
- meta ġie kommess id-delitt;
- kemm-il darba ġie kommess;
- iċ-ċirkostanzi involuti;
- jekk id-delitt ġiex kommess deliberatament jew kienx aktar att ta' imprudenza;
- jekk il-persuna affettwata bil-ksur soffrietx danni;
- jekk il-penitent hu konfessur li hu normalment prudenti f'din il-materja.

**X'informazzjoni irid ikun fih rikors dwar l-assoluzzjoni tal-kompliċi kontra s-sitt kmandament?**

Dawn l-elementi:

- l-età bejn wieħed u ieħor tal-penitent u anke tal-kompliċi;
- is-sess tal-kompliċi;
- l-istat ta' ħajja tal-kompliċi: *single*, miżżewweġ, reliġjuż, qassis;
- kemm drabi l-kompliċi ġie assolt;
- meta kien l-aħħar darba li l-kompliċi ġie assolt;
- jekk il-penitent temmx ir-relazzjoni ta' dnub mal-kompliċi;
- jekk il-penitent hux jgħix ħajja denja ta' saċerdot: iqaddes, jitlob il-liturġija tas-sigħat, eċċ..

**Għaliex hu neċessarju li tinkludi din l-informazzjoni kollha fir-rikors?**

Għax jagħmel possibbli eżami aktar tajjeb tal-każ konkret u jgħin id-determinazzjoni tal-penitenza u t-tul tal-konċessjoni tal-fakoltajiet ministerjali. Dawn l-element jippermettu lill-Penitenzjerija biex tagħti istruzzjonijiet li jkunu ta' għajnuna kbira lill-penitenti li jiġu assolti miċ-ċensura.

**Jista' wieħed jibgħat rikors b'fax jew bl-internet?**

Għax ir-rikors jitratta materja s-soltu protetta bis-siġill sagramentali, wieħed ma jistax jibgħatu permezz ta' mezzi eletroniċi bħal internet jew fax. Ittra hi l-aħjar mod biex wieħed jiggarantixxi kunfidenzjalità f'din il-materja. Wieħed jista' jikteb b'kull lingwa eżistenti, imma biex jiffaċilita

x-xogħol tal-Uffiċjali u l-ispeditezza, hu rrakkomandat li tintuża xi lingwa minn dawn: it-Taljan, l-Ingliż, il-Ġermaniż, il-Franċiż, l-Ispanjol, il-Portugiż, il-Pollakk jew il-Latin.

**X'indirizz jinkiteb fuq l-*envelope* mibgħut lill-Penitenzjerija?**
Biżżejjed tikteb: Penitenzieria Apostolika, 00120 Città del Vaticano.

**Hemm xi ħlas lill-Penitenzjerija Apostolika?**
Ir-rikorsi lil dan it-Tribunal huma assolutament bla ħlas u fil-fatt anqas għotjiet volontarji ma huma aċċettati.

**Kemm żmien tieħu biex tirċievi risposta mill-Penitenzjerija Apostolika?**
Il-Penitenzjerija Apostolika tipprova tibgħat ir-risposti fi żmien 24 siegħa minn meta jaslulha r-rikorsi. Jiddependi mill-effiċjenza tas-servizz tal-posta tal-pajjiż li jkun, imbagħad, meta fil-fatt jirċievi r-risposta l-konfessur li jkun.

**Kif għandu l-konfessur jikkomunika l-kontenut tar-risposta tal-Penitenzjerija Apostolika lill-penitent li jkun talab il-maħfra taċ-ċensura?**
L-aħjar mod hu li dan isir fil-kuntest ta' ċelebrazzjoni oħra tal-qrar. Għalhekk, il-konfessur jista' jiftiehem dwar jum konvenjenti li fih it-tnejn jistgħu jiltaqgħu. Il-penitent għandu d-dritt li jibqa' anonimu u għalhekk il-laqgħa mal-konfessur tista' ssir f'konfessjonarju bil-grada. Wara li jikkomunika lill-penitent il-kontenut u n-numru tal-protokol tar-risposta tal-Penitenzjerija Apostolika, il-konfessur għandu jiddistruġġiha mill-aktar fis possibbli. Importanti li l-penitent innifsu jżomm *record* tan-numru tal-protokoll biex, jekk ikollu bżonn jagħmel rikors ieħor, dan it-Tribunal ikun jista' jidentifika l-każ.

**X'ikun fih ir-reskritt mill-Penitenzjerija Apostolika?**
Normalment ikun fih ir-ratifikazzjoni tal-assoluzzjoni, mogħtija f'każ urġenti, bis-saħħa ta' dak ordnat fil-Kan. 1357. Jekk il-penitent ikun għadu mhux assolt miċ-ċensura, il-Penitenzjerija tikkonċedi lill-konfessur, bl-awtorità apostolika, il-fakoltà li jassolvi ċ-ċensura riservata lill-penitent dispost tajjeb. Anke, fir-reskritt, il-Penitenzjerija timponi penitenza lill-penitent u tagħti xi struzzjonijiet lill-konfessur dwar ir-relazzjoni li għandu jassumi mal-penitent.

**X'jiġri jekk il-konfessur ma jkunx jista' jara l-penitent mill-ġdid?**
Jista' jiġri li l-penitent jgħix xi mkien ieħor u ma jkunx jista' jirritorna għand il-konfessur li jkun assolvieh. F'dan il-każ, hu għandu jagħti lill-konfessur l-indirizz postali tiegħu. Il-konfesur jista' mbagħad jibgħat ittra li tikkomunika fil-qosor ir-risposta tal-Penitenzjerija b'mod li s-siġill tas-segretezza jkun imħares. Pereżempju: "Il-grazzja maqlugħa. Il-persuna għandha titlob żewġ Rużarji kull ġimgħa għal tliet xhur".

**X'kompentenzi oħra għandha l-Penitenzjerija Apostolika?**
- Għandha kompetenza dwar irregolaritajiet, jiġifieri impedimenti, għall-ordni sagri jew għall-eżerċizzju tal-Ordni sagru rċevut (cf. Kan. 1045).
- Anke dwar il-konvalidazzjoni retroattiva taż-żwiġijiet, meta għal raġunijiet ġusti, ikun aħjar li din issir fil-forum intern (cf. Kan. 1161 §1).
- Anke rigward l-obbligu taċ-ċelebrazzjoni tal-intenzjonijiet tal-quddies.
- Minħabba l-komplessità ta' ċerti każi li s-saċerdot jiltaqa' magħhom, jista' jissottometti mistoqsijiet konkreti ta' natura morali jew kanonika dwar każi speċifiċi lill-Penitenzjerija Apostolika, bla ma jsemmi ismijiet ta' persuni involuti.
- Il-Penitenzjerija hi d-dikasteru tal-Kurja Rumana kompetenti biex tagħti indulġenzi. Talba għall-indulġenza ssir is-soltu b'ittra jew fax, li tindika r-raġuni għat-talba u tinkludi l-firma tal-isqof Djoċesan li jrid japprova t-talba.

# 10. GĦAJNUNA GĦALL-OMELIJA GĦALL-ĦDUD TAS-SENA A

Mons. Lawrenz Sciberras

## 1. L-Ewwel Ħadd tar-Randan: IN-NIFS TAL-ĦAJJA

Il-qari li nisimgħu kull nhar ta' Ħadd fil-quddies qiegħed imqassam fuq perijodu ta' tliet snin. U s-sena reġa jmiss is-sena A. Għalhekk billi l-istess żmien tar-Randan huwa wieħed ta' mixja partikulari, l-qari tal-ewwel Ħadd tar-Randan jitlaq preċiżament mill-ħolqien u l-waqgħa tal-bniedem. Din il-mixja spiritwali simbolikament titlaq mid-dlam u s-swedija tal-irmied li warajh hemm il-kruha tad-dnub, biex iwassalna għad-dawl u l-bjuda tal-qawmien. Għaliex l-isforzi spiritwali kollha li tagħmel il-Knisja matul dan iż-żmien partikulari tas-sena liturġika, inklużi l-eżerċizzi spiritwali, l-irtiri, u sewwa li wieħed isib ħin biex imur jismagħhom iridu iwasslu fil-mogħdija u mixja tal-bniedem mid-dnub għal grazzja.

**Alla sawwar**

Is-silta tal-ewwel Ħadd, jiġifieri l-ħolqien tal-bniedem u ftit wara il-waqgħa u ċ-ċaħda tiegħu ta' Alla, Gunkel isejħielha il-"ġawhra" tat-Testment il-Qadim kollu. F'sentenza waħda u relattivament qasira l-awtur sagru jgħallem u jinsisti li l-bniedem huwa magħmul minn żewġ elementi, li għalkemm huma differenti u opposti għal xulxin, għaliex hemm materja u spirtu, imma dawn qegħdin jgħixu fl-istess ħlejqa. Dan huwa l-bniedem, il-kapolavur tal-ħolqien ta' Alla. Il-verb "sawwar" bil-Lhudi "yasar", huwa dak użat għal min jaħdem fit-tafal, mela ħaddiem il-fuħħari. Dan ifisser li huwa jista jagħti kwalunkwe forma lit-tafal li jkollu f'idejh. Hekk - dejjem biex jifhem min jaqra - għamel Alla mal-bniedem. Huwa sawru kif ried u skont il-gosti tiegħu: ħadd ma ndaħallu lil Alla fit-tifsila tal-bniedem. Il-bniedem huwa ħolqien ta' Alla li jista' kollox. Dan l-istess ħsieb qiegħed ukoll fil-kapitlu 18 tal-profeta Ġeremija fejn jitkellem mill-fuħħari u t-tafal.

Iżda dan ma kienx biżżejjed biex il-bniedm iżomm u jgħix: Kellu bżonn ta' xi ħaġa oħra wisq aktar għolja, nobbli u li ġejja direttament minn għand sid il-ħajja, mela minn għand Alla. U l-Bibbja tkompli: "U nefaħlu (Alla) n-nifs tal-ħajja fi mnifsejh, u l-bniedem ħa r-ruħ". (Ġen 2,7). U hawn qiegħda d-differenza bejn il-ħolqien l-ieħor kollu u l-bniedem. Il-bniedem għandu xebh intimu ma' Alla. Dan in-nifs spiritwali tal-ħajja Alla ma tah lil ebda kreatura oħra li kien għadu kemm ħalaq, imma biss lil bniedem. Għalhekk huwa l-kapulavur. Dak li aktar 'il quddiem Santu Wistin u l-iskolastiċi l-oħra kollha miegħu San Tumas minn Akwino, isejħulha ruħ spiritwali. U l-effetti ta' din ir-ruħ nafuhom għaliex il-bniedem kapaċi jifhem, irid, u jirraġuna; effetti li ma narawhomx fl-ebda annimal ieħor. Issa Santu Wistin dejjem biex juri n-nobiltà ta' ruħ il-bniedem jagħmel dan is-silloġiżmu; Dak li huwa spiritwali huwa immortali; ruħ il-bniedem hija spiritwali; mela ruħ il-bniedem hija immortali, ma tmutx.

**Il-prova fil-ġnien**

Alla lil dan il-bniedem qiegħdu fi ġnien. Issa fil-mentalità semita għalihom il-ġnien ifisser li l-bniedem kien f'post kuntent, ferħan, qiegħed fiċ-ċentru tiegħu, ma jonqsu xejn u dan għaliex kien qrib tal-Ħallieq tiegħu. Peró Alla ried jagħmel prova lil bniedem, kif qabel kien diġà għamel ukoll lil Anġli. Issa anke dawn l-anġli, hemm min baqa' fidil għall-prova li għamillu Alla u hemm min tilifha. (Apk 12,7-9). Issa l-awtur sagru kif se jwassal fil-konkret x'kienet din il-prova lil qarrejja tiegħu, mela lilna wkoll? Inqeda bi storja li tixbah u għandha ħafna mir-realtà tal-ħajja.

Il-kapitlu tlieta jibda dritt bil-kelma "is-serp", bil-Lhudi "ħan-naħax". Ara il-Malti kemm joqrob, aħna ngħidu ħanex. Innota li dan kien wieħed speċjali, uniku ta' kapaċità singulari. U dan nafuh għaliex l-kittieb sagru quddiem in-nom serp kiteb l-artiklu determinattiv. "is-serp". Barra dan, is-serp kien tassew wieħed speċjali għaliex insibu li "kien l-iżjed ħażin", fis-superlattiv, l-aktar ħajjen, moħħu jilħaqlu tassew, makakk u għaqli kif hemm ukoll f'Mattew 10,16. Ta' min

ifakkar, li f'dawk iż-żminijiet kien hemm is-serp qaddis, simbolu tal-bosta divinità fil-ħxejjex, serp li jħares u jgħasses l-imqades tagħhom, u fuq kollox serp li jwassal il-fertilità. Serp li kważi in-nies kienu jħarsu lejn bħala alla tagħhom, mela għandu fih xi forma ta' divinità.

Iżda d-demonju kif ippreżenta lilu nnifsu quddiem Eva? Uħud minn Missirijiet il-Knisja qalu li dan daħal ġo serp veru u rnexxielu jqarraq b'Adam u Eva. Iżda din tidher wisq 'il bogħod għaliex Adam kien għadu kemm ta l-isem lil annimali kollha, immela issa annimal qatt ma jista jasal biex iqarraq bil-bniedem. Filun u Klement ta' Lixandra jżommu li s-serp kien biss simbolu tal-ħsibijiet ħżiena, li nibtu f'qalb Adam u Eva. Iżda dan ma setax isir, għaliex Adam u Eva kienu għadhom fi stat ta' innoċenza, u allura kienu inkapaċi ta' tentazzjonijiet interni. Xi awturi moderni mbagħad iżommu li d-demonju seta' deher f'viżjoni tal-fantasija. Hekk Patri Lagrange jżomm li hija biss dehra, kważi dell.

Illum iżommu li filwaqt li veru kien hemm it-tentazzjoni peró din ġiet miktuba taħt simbolu lettararju. Dan ġie meħud mill-ambjent semita, u intuża s-serp biex ifisser it-tentazzjoni fl-aqwa tagħha. Nafu fi żgur li l-popolin kien waqa' f'idolatrija kbira lejn is-serp, kien jadurah.

**It-tentazzjoni**

Is-serp rabat u beda t-tentazzjoni tiegħu ma' dak li kkmanda Alla. "Minnu li Alla qalilkom biex ma tieklu minn ebda siġra tal-ġnien?" U qabbeż fin-nofstliet raġunijiet għaliex. Semma (a) il-mewt, (b) il-ftuħ tal-għajnejn, u (ċ) isiru bħal Alla. Id-demonju wiegħed awtonomija assoluta tal-bniedem minn Alla li ħalqu. Ried li Alla ma jindaħallu qatt lilu. U din il-ħaġa niżlet ħafna fil-qalb tal-bniedem. Barra dan l-istess tentazzjoni fiha tliet aspetti u taqsimiet. L-ewwel l-aspett dak fiżiku: "Tajba għal ikel". It-tieni l-aspett tal-konkupixxenza, ġibdiet tal-ġisem; "tiġbdek tħares lejha". U it-tielet l-aspett ta' xewqa kbira u qawwija, "siġra għad-dehen ta' min jixtieqha". Għaliex anke bix-xewqa biss, imma vera wieħed jasal biex jikser il-liġi ta' Alla. Quddiem din it-tentazzjoni vera u reali li tfisser li l-bniedem ried u xtaq milja ta' ħajja, kif ukoll is-setgħa bħal dik ta' Alla, li l-bniedem ċeda u ma obdiex l-ordni li kien tah qabel Alla.

U d-dnub daħħal ukoll l-effetti marbutin sfiq miegħu. Wieħed kien li Adam u Eva tilfu dik il-konċentrazzjoni kbira li kellhom qabel. Fejn qabel qatt ma stħaw minn xulxin, issa induna li ma jixraqx li joqgħodu hekk. Din tfisser l-espressjoni infetħulhom għajnejhom; u mhux biss imma intebħu. Mela indunaw, għarfu u ikkonkludew il-ħażin. Fejn qabel ma kien jeżisti ebda sinjal ta' mistħija minn xulxin, issa kellhom jinsatru u jinħbew anke minn xulxin. Kelma oħra li titlob tifsira hija l-kelma għarwenin. Bil-Lhudi taqra għerûmin. Issa din il-kelma kemm fil-konsonanti kif ukoll fil-ħoss iddoqq ħafna mal-aġġettiv li l-awtur sagru ta lis-serp, *għarum*, li jfisser ħajjen, makak, ħażin, malizzjuż. Mela meta obdew lis-serp, Adam u Evan induna li issa għandhom xi ħaġa bħal tiegħu. Hawn l-awtur jilgħab bl-aġġettiv użat mas-serp *għarum*, u x'ġara minn Adam u Eva indunaw li huma *għerumin*. U x'kienet din il-ħaġa? Li huwa saru ħżiena, saru malizzliżi, saru makakki, issa aktar qegħdin tas-serp-xitan milli ta' dak Alla li ħalaqhom u qegħdhom fil-ġnien, mela fl-istat tal-grazzja. Dak li ġara wara li sar id-dnub. U bir-raġun li huma stħaw u staħbew.

**Dnub-grazzja**

Il-Knisja issa tieħu silta fejn Pawlu juri d-differenza bejn il-mewt li daħlet ħtija ta' wieħed, fil-kas tagħna huwa Adam, u l-ġustifikazzjoni, li din ukoll daħlet permezz ta' bniedem ieħor: dan huwa il-Feddej, Ġesù. Anzi San Pawl f'din is-silta lir-Rumani isaħħaħ li d-dnub tal-ewlenin ġenituri kien dak tad-diżubbidjenza. Naturalment miegħu mbagħad hemm marbut dak tas-suppervja. Li jridu jsiru daqs Alla.

Pawlu issa jgħallem u joħroġ il-kuntrast u jgħid li wara kellha tkun l-ubbidjenza ta' Ġesù li għamel ir-rieda ta' Missieru, ġie fid-dinja u b'demmu ħelisna minn dik l-ewwel saħta li bdiet fil-ġnien tal-Għeden. Għalhekk l-aħħar kelma li qal fuq is-salib kienet "Kollox mitmum". Ifisser jiena għamilt u komplejt sal-aħħar il-missjoni li bagħatni (Missier) biex inkompli.

Issa tajjeb li wieħed iniżżilha sewwa u jipperswadi lilu nnifsu li f'ruħ il-bniedem id-dnub u l-grazzja ta' Alla dawn it-tnejn ma joqogħdux flimkien. Jew dlam, jew dawl, jew mewt jew ħajja, jew għadu inkella ħabib, jew Adam il-qadim inkella Ġesù. U żmien ir-Randan jgħinna biex nimxu u nagħmlu pass fil-kwalità u l-imġieba ta' ħajjitna.

Mit-tnax-il kapitlu 'il quddiem tal-ktieb tal-Ġenesi, l-istorja tibda tkun waħda vera u fundata. Ġrajjiet li saru tassew u li bejn wieħed u l-ieħor nafu fejn saru kif ukoll meta saru. Hekk mela l-istorja tal-ewwel patrijarka Abraham bejn wieħed u l-ieħor teħodna madwar 4000 sena ilu. Din saret fl-Ur tal-Kaldej, l-Iraq ta' illum. Il-kelma Abraham tfisser "missier ta' ġemgħa kbira ta' nies" (Ġen 17,5). Huwa l-ewwel patrijarka kbir li jissemma' fl-istorja tas-salvazzjoni.

**Id-dinja ta' żmien Abraham**

Nibdew biex ngħidu li isem dan il-personaġġ huwa wieħed mill-aktar li jinsab maħżuż fiż-żewġ taqsimiet tal-Bibbja. Tant hu veru dan li Abram huwa mitkub għal 58 darba filwaqt wara li Alla bidillu ismu u beda jissejjaħ Abraham insibuh miktub għal 235 darba. Missieru jismu Teraħ,u twieled fil-belt ta' Babilonja, Ur tal-Kaldej. Ilum huwa l-Iraq, il-pajjiż imbierek minħabba ż-żewġ xmajjar Tigris u Ewfrat. Fi żmien il-qedem hawn kien hemm il-famużi "hanging gardens". Abraham kien għani u mexxej ta' klan seminomadiku. Il-għana relattiva tiegħu kienet fil-merħliet kbar li kellu. Minħabba dawn il-merħliet, Abraham kull tant żmien, kien ikollu jitlaq minn post u jgħix għal żmien f'pajjiż ieħor, biex hekk il-merħla jkollha il-mergħa. Għalhekk id-djar ta' dan il-patrijarka kien l-għarix biex meta jara l-bżonn jiġbor kollox u jitlaq hu flimkien mal-familja u l-merħla tiegħu f'postijiet 'il bogħod.

**Xempju ħaj tal-fidi**

Matul ħajtu dan il-bniedem għal aktar minn darba ġie ppruvat u mġarrab minn Alla għal fidi tiegħu. L-ewwel prova kien meta Alla ordnalu biex iqum u jitlaq minn art twelidu, u jmur fejn qatt qabel ma kien mar. Imur f'art barranija. Xejn ma kien faċli għalih. U r-rigal għal fidi tiegħu Alla kompla jgħidulu bi kliem preċiż imma mimli ħafna: "U jien nagħmlek ġens kbir, u nbierkek u nkabbarlek ismek, u inti tkun barka" (Ġen 12,2). Il-fidi ta' Abraham tkompli tikber meta wieħed jiftakar li dan il-bniedem meta ħareġ minn Ħaran diġa kellu ħamsa u sebgħin sena. L-art barranija li kellmu Alla dwarha kienet l-art ta' Kangħan. Hawn Abraham ma qagħadx itella' u jniżżel, imma dritt telaq b'kullma kellu. Miegħu marret martu Saraj u bin ħuh Lot. Iżda għax intelaq għal kliem il-Mulej, Abraham irċieva għajnuniet kbar.

Bħala rahan tal-ubbidjenza u l-fidi ta' Abraham Alla qallu li 'hu jkun barka". Fil-mentalità Bibblika, meta Alla jbierek lil xi persuna, dan ifisser li Alla se jieħu ħsiebha, se jkun ta' tarka għalih. Ukoll Alla se jipprovdi dak kollu meħtieġ biex din il-persuna imbierka minn Alla tkun tista' tkompli u jtemm dak li Alla ordnalha biex tagħmel. Alla se jeħlisha anke mill-istess għedewwa tagħha, u jgħaniha dejjem jekk ikun hemm bżonn anke b'ġid materjali. Dan il-ħsieb fundamentalment Bibbliku qiegħed ħafna ċar fis-Salmi. Din il-barka aktar 'il quddiem Alla komplieha sal-aħħar ma Abraham: "Il-Mulej bierek bis-sħiħ lil sidi u kabbru. Tah imrieħel u baqar, fidda u deheb, irġiel u nisa lsiera, u iġmla u ħmir" (Ġen 24,25). Dak li jaf jagħmel Alla mal-qaddejja fidili tiegħu.

It-tieni turija bil-miftuħ tal-fidi tal-patrijarka Abraham tidher fil-kwistjoni tal-ulied. Iżda l-wegħda t'Alla saret. "Ara inti tkun missier ta' ħafna ġnus U ma tissejjaħx aktar Abram, imma Abraham ikun ismek, għax missier ħafna ġnus nagħmel minnek" (Ġen 17,5). U l-ewwel reazzjoni tal-patrijarka kienet: "Huwa wieħed ta' mitt sena jitweldulu t-tfal? U Sara mara ta' disgħin tista' tiled? (Ġen 17,17). Min jirraġuna skont in-natura jasal dritt għal din il-konklużjoni. Iżda għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir, tant li sena wara martu Saraj kellha tifel u semmietu Iżħak, jiġifieri "huwa jidħak". U tassew, għaliex l-aħħar daħka kellha fil-fatt tkun ta' Alla. It-tifel twieled tassew u miegħu Alla rabat u kompla jsaħħaħ il-wegħda u l-barka li għamel ma missieru Abraham.

**Prova fl-aqwa tagħha**

It-tielet u forsi l-aqwa prova tal-fidi ta' Abraham kienet meta Alla amar lil patrijarka biex joffrilu lil ibnu l-waħdieni dak tal-wegħda. "Aqbad lil ibnek il-waħdieni, li inti tħobb, lil Iżakk; u mur

lejn l-art ta' Morija, u hemm offrih b'sagrifiċċju tal-ħruq, olokawst, fuq waħda mill-għoljiet li jien se ngħidlek" (Ġen 22,2). Hija prova li għaddiet minn għarbiel fin il-fidi ta' Abraham. Kien wasal sa fuq il-midbaħ tas-sagrifiċċju. Tant li l-awtur tal-ittra lil Lhud iħoss li għandu jfaħħar lil dan il-patrijarka għal fidi soda li kellu. (Ld 11,17). Kien kien l-aħħar test u eżami li għadda minnu Abraham. Difatti dritt wara naqraw: "Naħlef fuq ruħi - oraklu tal-Mulej - la darba int għamilt ħaġa bħal din, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni, jien inbierkek żgur u nkattarlek sewwa lil nislek bħall-kwiekeb tas-sema u bħar-ramel f'xatt il-baħar; u nislek għad jiret bwieb l-għedewwa tiegħu" (Ġen 22,16-17). Il-prova Abraham għaddieha u Alla kompla mal-wegħda tiegħu.

L-appostlu San Pawl din il-prova hekk iebsa ta' Abraham tatu ġewwa sew, wasslitu biex jaħseb sew u fil-fond. Tant li fl-ittra lir-Rumani Pawlu jargumenta u ifaħħar dwar il-fidi soda tal-patrijarka, u jasal biex iqaddżu bħala xempju għalina lkoll. "Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen; u hekk sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus, skont ma kien intqal lilu; 'Hekk għad ikun in-nisel tiegħu. U ma naqasx fil-fidi tiegħu" (Rm 4,18-19). Il-Knisja matul dan it-tieni Ħadd tar-Randan tqabbżilna lil Abraham biex bħalu neżaminaw sew f'liema grad waslet il-fidi tagħna. Mhux dak li naqra jew li nisma' jgħodd u huwa sew għaliha. Jekk jinkwetak fil-kuxjenza aħarbu dritt u la tilgħabx miegħu. Trid tkun il-fidi sħiħa u soda tiegħek li tirregola sa fejn huwa possibbli li tagħmlu jew ma tagħmlux. Mal-fidi tilgħabx, għaliex bil-mod il-mod titlifha żgur.

**Il-Kelma t'Alla**

Issa din il-fidi li Alla żeragħha f'qalb Abraham, kibret għaliex il-patrijarka għamel dak li ordnalu Alla. Pero biex dan ir-rigal tal-fidi jikber u ma jmutx, anzi jagħmel il-frott hemm bżonn li wieħed jibqa' jisma' b'qalb miftuħa l-Kelma t'Alla. Hekk l-appostlu Pawlu; Il-fidi mis-smigħ tal-Kelma t'Alla. Inutli li wieħed joqgħod idur u jargumenta mod ieħor. Min ma jismax il-kelma t'Alla, u jaċċettaha bir-ferħ ta' qalbu, allura jkun qed f'periklu l-aktar serju li jitlef il-fidi. Anzi jasal biex jibda jidħak b'min iħaddem u jipprattika dan il-virtu teologali. Għalhekk l-Evanġelju tal-lum it-Trasfigurazzjoni, qiegħed tant f'postu. Fejn il-leħen ta' Alla l-Missier jgħid għal Ibnu l-għażiż "Isimgħu lilu". (Mt 17,5). Kien hemm żmien u dan huwa it-Testment il-Qadim, meta kollox kien iċ-ċentrat madwar il-Liġi, ppreżentata f'Mosè u l-profeti ippreżentati f'Elija. Issa dawn ż-żewġ it-toroq għamlu x-xogħol tagħhom billi wasslu għand dak li hemm liebes l-abjad fin-nofs tagħhom, Ġesù. U t-tagħlim ta' Ġesù qiegħed fl-Evanġelju. U ma jistax wieħed b'mod arbitrarju jaqbad u jinterpreta kif irid u kif jaqbillu dan it-tagħlim. Ikun qed jiżbalja bil-goff min jagħmel dan.

Il-verb "tisma" li l-Missier Alla qal dwar Ibnu Ġesù, kif inhu fl-oriġinal il-Grieg u warajh jiġi l-ġenettiv, ifisser li tisma' dejjem, tisma' biex imbagħad wara tagħmel dak li tisma', tisma' biex tifhem sew. Mhux sempliċement tisma' xi ħaġa mingħajr ma tagħti kas tagħha; tisma' u tibqa' għaddejja mar-riħ. Imma tismagħha biex tagħmilha u tħaddimha matul ħajtek. Tħammem fil-fond dwar dak li tkun smajt. Dan huwa is-sens sħiħ u mimli tal-Missier rigward ibnu Ġesù. Hekk biss u b'dan il-mod u minn din il-għajn safja u żgura wieħed iżomm anzi jikber fil-fidi tiegħu, billi jisma' l-kelma t'Alla. Dik il-fidi tant għażiża għall-patrijarka Abraham. Kemm kellu raġun Pawlu meta lil Isqof Timotju jiktiblu: "Xandar il-Kelma, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim. Għax għad jiġi żmien meta għat-tagħlim tajjeb ma jibqagħlhomx sabar, iżda widnejhom jikluhom u jiġbru madwarhom qabda mgħallmin skont ma jixtiequ, u jwarrbu widnejhom mis-sewwa bie jiġġerrew wara l-ħrejjef. Imma int agħmel ix-xogħol ta' evanġelista (2 Tim 4,2-4).

Il-fidi li nżergħet f'qalb ta' min huwa mgħammed, tikber u tagħmel il-frott sakemm jisma' kelmet Ġesù. Dan Ġesù li huwa ċ-ċentru tal-ġrajja tad-dinja u tal-ħolqien kollu: dak li jafna u jħobbna, hu s-sieħeb u l-ħabib ta' ħajjitna, il-bniedem tan-niket u tat-tama, hu dak li għandu jerġa' jiġi bħala l-imħallef tagħna.

Il-qari Bibliku ta' dan it-tielet Ħadd tar-Randan idur mal-ilma. Aħna l-Maltin, li l-klima tagħna kważi hija l-istess bħal dik tal-Palestina, u fuq kollox li s-sjuf huma twal, dejjem sħan ħafna u xotti minn kull qatra ilma, allura aktar nifmhu u napprezzaw dan il-qari. Ta' min jinnota li għalkemm bejn l-ewwel ġrajja, dik tal-poplu Lhudi fid-deżert jgħajjat iddisprat biex jixrob, u l-Evanġelju, dak tal-mara Samaritana li marret timla l-ilma mill-bir, bejniethom hemm mijjiet ta' snin, imma il-karba hija waħda - nuqqas ta' ilma. Jew nixorbu inkella mmutu bil-għatx. Dan huwa s-sens materjali. Hemm bżonn ukoll li joħroġ dak spiritwali.

**Fid-deżert**

Il-kuntest ta' din is-silta Biblika (Eż 17,3-7) huwa d-deżert niexef u ħar tas-Sinaj. Imkien li kull fejn tħares madwarek ma tarax ħlief ramel isfar daqs id-deheb u forsi kull tant xi siġra niexfa mitluqa għar-riħha tistenna l-ilma. Jista' jkun ukoll li qalb din il-medda u firxa bla tmiem ta' ramel tista' tiltaqa' ma xi oasi, jiġifieri roqgħa ta' art fejn hemm is-siġar tal-palm iħaddru imtaqqlin bil-frott. Dan ifisser li hemmhekk hemm l-ilma.

Il-Lhud kien ħarġu ferħanin minn art il-jasar tal-Eġittu. Kienu ċċelebraw l-Għid-Mogħdija tal-Mulej, fejn raw il-mewt ta' kull tifel il-kbir tal-Eġizzjani, filwaqt li huma grazzi għad-demm tal-ħaruf imċappas mal-pilastri tal-bibien tagħhom il-mewt ma daħlitx. Raw ukoll, anzi għaddew mill-esperjenza tal-qsim tal-Baħar tal-Qasab, fejn hawn ukoll raw l-id t'Alla magħhom. "B'id qawwija u bi driegħ mifrux" (Dt 4,34). Issa kien imiss li Alla jgħaddihom mill-prova, biex jara sa fejn tasal l-imġieba u l-fedeltà tagħhom. It-test kien dak tal-għatx. U hawn ukoll, il-poplu b'mod kollettiv qata' qalbu u ċieda. Jidher li t-tgergir naturalment kontra Mosè, u dan ukoll kontra Alla ma kienx wieħed żgħir. Tant qam storbju, tgemgim u tixwix fost il-poplu, li aktar 'il quddiem l-istess imkien ħa l-isem ta' Massah, u Meribah, li ifisser daru bis-sħiħ kontra Alla.

Il-poplu dar bis-sħiħ kontra Alla. Iddubita mill-eżiżtenza tiegħu. Webbes qalbu tant li tħasseb sew mill-providenza ta' Alla lejh. Hekk li wasal u għajjat dik l-għajta iebsa u tqila: "Il-Mulej fostna jew le?" Issa dan kien l-istess poplu li kien għadu kemm ra u ġarrab tant għajnuniet favur tiegħu minn Alla. Kien mess b'idejh x'kien lest li jagħmel Alla miegħu u għalih biex idaħħlu fl-Art Imwiegħda lilu. Madankollu tilef sabru, qata' qalbu, wasal biex iddubita mill-istess eżiżtenza ta' Alla. Fl-aħħar tas-silta hemm żewġ verbi li juru kemm tassew il-poplu ħadha kontra Alla. Dawn huma "tlewmu u ġarrbu". It-tnejn ir-riferenza qiegħda direttament indirizzata lil u lejn Alla. Kien mument meta dan il-poplu hemm fid-deżert b'Mosè miegħu, niżel l-isfel ħafna.
U la darba il-poplu kisirha ma Alla mela hemm skala vertikali, il-poplu jasal ukoll biex jiksirha ma ħutu l-bnedmin, skala orizzontali. Daru għal Mosè. Ma ridux jaħfrulu u anqas aktar jistennew. Insew għal kollox kemm—il darba Mosè qabeż għalihom. Kollox tar mar-rih. Tant li Mosè idur lejn Alla u jistaqsih. "X'se nagħmel lil dan il-poplu? Ftit ieħor u jħaġġruni". Mela jfisser se joqtluni, għaliex it-tħaġġir kienet il-forka tal-Lhud ta' dak iż-żmien. Daqshekk u sa hawn jasal il-bniedem meta iwarrab lil Alla mill-ħajja tiegħu. Idur ukoll daqs iljun irrabjat għal ħutu, u addio maħfra.

**Ilma bix-xaba'**

Il-Mulej talab lil Mosè biex jagħmel tliet ħwejjeġ qabel ma jseħħ il-miraklu tal-ilma. L-ewwel, Mosè jgħaddi minn quddiem il-poplu. Din l-espressjoni tfisser li Alla qiegħed ma' Mosè u se jwieżnu f'dik il-biċċa xogħol. It-tieni, Mosè jieħu miegħu xi wħud mix-xjuħ tal-poplu, mela nies responsabbli u ta' min joqgħod fuqhom. Hekk dak li se jagħmel Mosè jkollu s-siġill ta' dawn in-nies xjuħ. It-tielet, Mosè jieħu l-ħatar, dak l-istess ħatar li permezz tiegħu Mosè għamel tant għeġubijiet f'art l-Eġizzjani. U sabiex juri u jagħmel il-qalb lil Mosè Alla kompla jgħidlu: "Jien noqgħod hemm quddiemek, fuq il-blat".

Il-prova saret, Mosè ħabbat fuq il-blata, u l-effett ħareġ dritt ukoll, ħareġ l-ilma safi u pur. U din il-prova tal-ilma tant impressjonat lil Lhud li baqgħet timxi minn fomm għal fomm, minn qalb għal qalb, tant li insibuha miktuba wkoll fil-ktieb tad-Dewteronomju: Ftakar li Alla

"ħariġlek l-ilma mill-blata taż-żnied" (Dt 8,15). Li jfisser Alla għamel miegħek miraklu ieħor mal-poplu tiegħu: ma' dak tal-manna, mal-qsim tal-baħar tal-qasab, mas-sħaba li kienet tmexxihom binhar u kolonna tan-nar billejl, mal-ħelsien mill-gdim tas-sriep velenużi, issa hemm ukoll dak tal-ilma jgelgel minn blata żonqrija.

## Żewġ kwalitajiet ta' ilma

Jaqbel b'mod l-aktar dejjaq mal-ġrajja tal-ilma hemm l-Evanġelju tal-mara Samaritana. Matul id-djalogu li sar bejn Ġesù u l-mara Samaritana s-suġġett waqa' fuq l-ilma. U dan għaliex it-tnejn li huma Ġesù u l-mara Samaritana ltaqgħu flimkien ħdejn il-bir ta' Ġakobb. Biss għalkemm is-suġġett beda fuq l-ilma, imma Ġesù fehem ilma mod, u l-mara fehmet ilma mod ieħor. Tant hu veru dan li s-Samaritana, ta' mara ħsiebha biss fil-pjaċiri tal-ġisem u ta' din id-dinja, mara li għalqet qalbha għal kollox għal dak li kienet tgħid il-Torà, dejjem mingħaliha sabiex tifranka il-mixja mid-dar tagħha sa ħdejn dak il-bir, il-mara fil-pront qaltlu: "Agħtini dan l-ilma, Sidi, biex ma jeħodnix il-għatx, anqas ma noqgħod ġejja u sejra nimla l-ilma" (Ġw 4,15). Bir-raġun kollu li din il-mara lil Ġesù ma setgħetx tifmhu. Għaliex hija kienet qed tipprova taqta' l-għatx klubi tagħha billi tixrob mill-aktar għadajjar maħmuġin u mniġġsin li tiltaqa' magħhom. Tant hu veru dan li hekk kif hija talbet lil Ġesù mill-ilma tiegħu Ġesù fil-pront weġibha: "Mur sejjaħ 'il żewġek u erġa' ejja hawn:".

L-ilma li Ġesù kellu kemm għas-Samaritana kif ukoll għal kull min irid jersaq lejh niedem, huwa differenti minn dak li qatt jaħseb dwaru l-bniedem. Biss peró hawn mhix kwistjoni ta' diskussjoni dwar xi kwalità ta' ilma għandu Ġesù, daqs kemm DEĊIŻJONI li wieħed tassew jibdel ħajtu. Jiddependi kollu kemm hu minnek jekk trid jew ma tridx tersaq lejn Ġesù biex tixrob mill-ilma safi tiegħu. Ilma li jaqtagħlek tassew l-għatx.

Nhar il-festa solenni tal-Għarejjex, il-Poplu Lhudi jagħmel il-purċissjoni hekk imsejħa tal-ilma. Ġesù kien hemm fil-bitħa tat-tempju jara lil Lhud bil-bwieqi f'idejhom mimlijin ilma safi mill-għajn ta' Siloah u iwaddbuh f'riġlejn l-artal tat-tempju. Billi din il-festa tal-Għarejjex taħbat fl-ewwel gimgħat ta' Ottubru, allura l-poplu Lhudi jitlob ħerqan lil Alla biex dan jibgħatlu x-xita fejjieda f'waqtha. F'dak il-ħin solenni Ġesù li kien qed jara kollox, ried issa juri li huwa biss għandu l-veru ilma li jaqta' tassew l-għatx. L-istess kif qal lil mara Samaritana. Tant li "Ġesù qam jgħid b'leħen għoli: Min jieħdu l-għatx, jiġi għandi u jixrob. Kif tgħid l-Iskrittura, min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj" (Ġw 7,38).

## Il-ġarra tal-mara

Il-mara marret timla bil-ġarra tal-fuħħar f'idejha. Dan kien oġġett l-aktar meħtieġ għas-Samaritana, biex ġo fih riedet tieħu u twassal l-ilma frisk id-dar. Meta peró ltaqgħet tassew ma Ġesù, u dan urieha fl-intimu tagħha li ma kenitx tgħix ħajja sew, pjuttost ħajja imgerfxa, din il-mara ma riedet taf b'xejn aktar għajr b'Ġesù. Tant li telqet minn ħdejn il-bir, "ħalliet il-ġarra tagħha hemmhekk" u marret tiġri biex ixxandar lil Ġesù. Innota il-bidla li saret fil-mara. Insiet għal kollox l-ilma bil-ġarra b'kollox, dik il-ġarra li sa ftit qabel kienet tant meħtieġa għaliha. Issa f'qalbha kellha biss lil Ġesù u l-ilma veru tiegħu.

Żmien ir-Randan irid iwassalna sa hawn. Li fl-intimu tagħna ssir vera u tassew bidla, konverżjoni. Dan huwa possibbli kemm-il darba niltaqgħu bis-sinċerità ma Ġesù. Għalhekk dan huwa żmien mhux le ta diskussjoni imma u tassew ta' deċiżjoni li tibiddel ħajtek tassew.

Id-duwaliżmu, jiġifieri l-kuntrast bejn tnejn jista' jwassal biex wieħed jgħożż u japprezza ħaġa aktar minn oħra. Hekk biex wieħed japprezza kemm huwa sabiħ l-ordni, biżżejjed jgħix għal xi jiem fil-kaos u t-taħwid. Biex wieħed jgħożż kemm huwa sabiħ id-dawl, biżżejjed li wieħed joqgħod għal xi ħin fid-dlam ċappa. Anke fil-bniedem nisgħu ngħidu li hemm id-duwaliżmu, għaliex dan għandu l-moħħ u għandu l-qalb. Bil-moħħ jifhem u jirraġuna; bil-qalb iħobb u jixtieq. Anke qabel il-ħolqien l-awtur tal-Ġenesi jgħidilna li "l-art kienet taħwid u baħħ: (Ġen 1,2). Alla mbagħad mhux biss ħalaq imma għamel ukoll l-ordni.

**Sawl u David**

Fl-ewwel qari ta' dan ir-raba Ħadd hemm ukoll id-duwaliżmu fl-aqwa tiegħu. Dan għaliex il-bniedem ħaseb u rraġuna skont ix-xiber tiegħu, filwaqt li Alla kkonkluda anzi ried kif jaf hu. Samwel ried jidlek wieħed minn ulied Ġesse sultan, u dan ġablu kif soltu lit-tifel il-kbir Eljab, imma għal Alla dan ma kellux ikun hu. Kellu jkun iż-żgħir, li skont id-drawwa tal-Lhud ma kien soltu tiegħu hekk. Imma hawn jaħdem Alla bid-duwaliżmu tiegħu. David, it-tifel iż-żgħir ta' Ġesse "żagħżugħ ħamrani, għajnejh ħelwin, u sabiħ fis-sura tiegħu", laħaq sultan ta' Iżrael minflok Sawl.

**Pawlu lil Efesin**

L-istess ħsieb tad-duwaliżmu qiegħed fil-qari tal-ittra lill-Efesin. Anzi Pawlu jqabbeż b'qawwa kollha l-aktar żewġ elementi li minnhom infushom juru d-duwaliżmu fl-aqwa tiegħu; id-dlam u d-dawl. Hekk kull min jaqra din is-silta dritt jaqbad ħsieb l-appostlu fejn irid jasal. "Darba kontu dlam" jikteb Pawlu, dlam fir-ruħ, dlam fil-grazzja, dlam għaliex skjavi u lsiera tax-xitan, dlam għaliex tgħixu billi tpattu lil xulxin. Din hija verità. Issa ikompli Pawlu "intom dawl fil-Mulej". Dawl fil-grazzja, dawl fl-imħabba veru u diżinteressata, dawl għaliex nafu li wara din il-ħajja hemm ħajja oħra tistenniena. U liema huwa s-sinjal li jagħmilha ta' fruntiera u ta' qabża bejn id-dlam li konna u issa d-dawl li sirna. Dan is-sinjal huwa il-mewt ta' Ġesù fuq is-salib. U l-prezz ta' din il-fidwa huwa demmu stess. Għalhekk id-dlam u d-dawl ta' Pawlu jfissru l-istat ta' qabel ma saret il-fidwa u l-istat ta' wara l-fidwa. Minn dlam sirna dawl, minn skjavi sirna ħielsa, minn qaddejja sirna wlied. Anzi San Ġwann ikompli jżid "hekk aħna tassew" (1 Ġw 3,1).

**L-Evanġelju**

Id-duwaliżmu jidher fl-aqwa tiegħu fil-mirakli li għamel Ġesù, u li Ġwanni iddeskrivih b'tant dettalji ta' siwi l-aktar kbir. Hawn għandna raġel għama u wara jiġi jara; il-mezz huwa l-ewwel it-tajn imbagħad l-ilma. Ġesù fuq naħa u l-Fariżej fuq in-naha l-oħra; il-post fejn mar jinħasel, għadira ta' Siloah, Ġesù akkużat li kiser jum is-Sibt, biża' ta' tkeċċija mis-sinagoga, u li dan ifisser l-ġenituri maqtugħin għal kollox minn ħdan il-komunità Ġudajka, u fl-aħħar il-fidi tal-għama f'Ġesù, u li Ġesù jgħid li huwa l-ewwel id-dawl tad-dinja, imbagħad li huwa Bin il-Bniedem.

Qabel ma dak ir-raġel ħa d-dawl, Ġesù beżaq fl-art, għamel it-tajn u dilek għajnejn l-għama bih. San Ġwann Kriżostmu jikkonkludi li dak li għamel Ġesù imur kollu kemm hu kontra il-kura u l-indafa tal-għajnejn. U wieħed jifhimha sew din. Imma dan ta' Ġesù kien kollu simboliżmu. San Ċirillu ta' Ġerusalemm jgħallem li b'dan il-ġest Ġesù ried ifakkar li l-bniedem magħmul mit-tajn, (Ġen 2,7) minn dak li jispiċċa wara ftit taż-żmien. Jintesa, qisu qatt ma kien. Dan il-ħsieb qiegħed ukoll f'Ġobb 4,19; u 10,9).

Wara li Ġesù għamillu t-tajn, bagħtu jinħasel fl-għadira ta' Siloaħ. Dan mar. Jidher li dritt iddeċieda li jinżel jinħasel. Kontra ta' dak li għamel l-għama tal-Evanġelju hemm il-ġrajja ta' Nagħman tas-Sirja (2 Slat 5,10-13). Dan ma riedx imur jinħasel fix-xmara Ġordan kif amarlu l-profeta Eliżew, għaliex ikkonkluda li x-xmajjar Abana u Farfar tas-Sirja aħjar mill-ilma tal-Ġordan. Issa biex lil dak l-għama seta' jasal sa ħdejn l-għadira, swielu xi diffikultajiet mhux żgħar. Min jaf it-topografija tal-belt imqaddsa, jasal biex jikkonkludi li dan ir-raġel kellu bosta

tfixkil biex jasal sa ħdejn l-għadira li qiegħda ‘l isfel ħafna n-naħa ta’ Nofsinhar ta’ Gerusalemm. Imma kien deċiż li jisma’ minn kliem Ġesù. Mar inħasel u akkwista d-dawl.

**Ksur is-Sibt**

Il-Fariżew dejjem biex jgħarrxu u jkesksu li Ġesù ma kellux setgħat divini, argumentaw li kiser b’mod l-aktar sfaċċat jum is-Sibt. L-ewwel, dejjem skont huma, għaliex il-ħajja ta’ dak l-għama ma kenitx fil-periklu, mela Ġesù seta’ jistenna sal-għada; it-tieni, fost id-disgħa u tletin kwalità ta’ xogħol u attività li wieħed ma setax jagħmel f’jum is-Sibt kien hemm din li wieħed jagħġen it-tajn, kif fil-fatt għamel Ġesù. It-tielet skont tradizzjoni Lhudija ma kien hemm l-ebda permess biex wieħed jidlek l-għajnejn f’jum is-Sibt. Din il-biċċa ta’ Ġesù li skont huma kiser jum is-Sibt, mela midneb pubbliku, u fl-istess ħin ta d-dawl lil wieħed għama magħruf, qanqlet diskussjonijiet u nuqqas ta’ ftehim serju fost l-istess Fariżej. Tlewmu bis-sħiħ bejniethom, ma setgħux jikkonkludu kif u x’fatta dan il-għama sa minn twelidu reġa’ ħa d-dawl.

Sabiex iwaqqfu anke lil istess ġenituri tal-għama milli jitkellmu u jxandru l-għaġeb li ġara ma’ binhom, issa li beda jara, il-Lhud flimkien mal-Fariżej heddewhom li jkeċċuhom ‘l barra mis-sinagoga. Issa Ġesù drabi oħra diġà ħabbar dan kollu (Lq 6,22). Din kienet piena, anzi skomunika l-aktar wiegħra, tqila u li tħammarlek wiċċek ma sħabek il-Lhud. Tiġi meqjus daqsli kieku inti pagan. U bir-raġun. Skont l-istoriku Schurer kien hemm tliet kwalitajiet ta’ tkeċċija mis-sinagoga. L-ewwel imsejħa *sezufah*, it-tkeċċija ddum ġimgħa; it-tieni, *shammata*, din it-tkeċċija ddum aktar, hemm żmien ta’ xahar, it-tielet il-*ħerem*, skomunika formali u uffiċjali mill-kapijiet tal-Lhud. Din l-iskomunika ddum għall-bqija ta’ ħajtek. Kellhom raġun il-ġenituri tal-għama jibżgħu u jwiegbuhom “Żmien għandu, staqsu lilu”.

L-aħħar tar-rakkont hemm dettall ta’ min jieqaf u jirrifletti dwaru. “Ġesù sema’ li qaċċtuh ‘il barra; sabu u qallu” (Ġw 9,35). L-ewwel ta’ min jinnota li l-inizjattiva ħadha kollha kemm hija Ġesù. Ġesù ma ħallihiex għaddejja lixxa din it-taqbida hekk ħarxa ma’ wieħed li għax sar miraklu miegħu ġie ikkastigat b‘din il-manjiera goffa u krudili. It-tieni osservazzjoni, hija l-verb “qaċċtuh”. Jien naqbel mija fil-mija ma dan il-verb. Għax juri fil-veru sens tal-kelma il-mod goff u krudil li ġabu miegħu ruħhom il-kapijiet Lhud. Qed nikkwota mill-messalin tas-sena A. Ma nafx għaliex fil-verżjonijiet l-oħra tal-bibbja biddlu dan il-veb daqshekk f’postu u għamluh “keċċewh”. Il-Grieg jaqra eksebalon u biex jagħmel l-enfazi ikompli ekso. Għandek verb u nom fl-istess ħin. F’dan il-kas, l-għama stqarr li Ġesù kien il-Messija u dritt laqqat l-iskomunika l-aktar iebsa, skomunika għall-bqija ta’ ħajtu. Il-ħerem. Għalhekk qaċċtuh huwa l-aħjar verb. Mela sar pagan, inċirkonċiż, imniġġes.

**Il-magħmudija**

Dan il-miraklu ta’ Ġesù għandu rabta mal-magħmudija, mill-ilma u mill-Ispirtu s-Santu. Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, dan il-kapitlu kien iservi ta’ preparazzjoni serja għal-dawk li jkunu se jitgħammdu. Kienu jsiru tliet skrutinji jew forma ta’ eżami qabel il-magħmudija, u l-kapitli 9 ta’ Ġwanni kien l-aħħar prova.Dan ukoll għaliex fl-aħħar tal-evanġelju hemm kliem l-għama; “Nemmen Mulej”. Stqarrija tal-fidi. Ta’ min josserva wkoll li ż-żewġ ġesti li għamel Ġesù jiġifieri mess il-bżieq, u dilek għajnejn l-għama, dawn it-tnejn daħlu fis-sagrament tal-magħmudija. (Ara wkoll Mk 7,34).

Ħsieb ieħor huwa il-waqt ta’ xħin l-għama ġie jara. Mhux le xħin Ġesù messlu għajnejh, imma preċiżament meta dan inħasel fil-għadira ta’ Siloah. Issa l-evanġelista jorbot it-tifsira tal-kelma Siloaħ ma “il-mibgħut”. Fil-kas tagħna il-mibgħut huwa Ġesù (Ġw 3,17.34; 5,36.38). Mela tidher li hemm rabta sħiħa bejn l-ilma ta’ Siloah u Ġesù il-mibgħut mill-Missier. Bir-raġun għalhekk li l-għama ġie jara meta niżel fl-ilma. Ġie jara meta kellu kuntatt dirett ma Ġesù l-mibgħut ta’ Alla. (Ara wkoll Ġw 7,37-38).

Osservazzjoni oħra huwa l-fatt li dan kien “agħma minn twelidu”(Ġw 9.1.2.13.18.20). Issa missirijiet il-Knisja iqiegħdu l-għama fiżika mal-għama tar-ruħ. Hekk Tertuljanu jiftaħ it-trattat dwar il-Magħmudija: Huwa jgħid li dan is-sagrament jaħsel id-dnub tal-għama oriġinali tagħna u jagħmilna liberi għal ħajja eterna. U Sant.Wistin ikompli; L-għama nħasel fil-għadira li tfisser “dak li ġie mibgħut” jiġifieri Ġesù Kristu.

Qegħdin ħafna fil-qrib tal-akbar ġrajjiet fil-ħajja ta' Ġesù hawn fuq l-art: Dawn huma t-twaqqif tal-Ewkaristija u s-Saċerdozju, l-passjoni ħarxa li bdiet sa mill-ġnien tal-Ġetsemani, il-mewt fuq il-Kalvarju, u l-qawmien glorjuż. Saret tassew il-mogħdija (pesaħ) mill-mewt għalħajja. Issa l-Knisja fil-liturġija għanja tagħha f'dan il-Ħadd tfakkarna u turina fil-qawmien ta' Lazzru wara li kien ilu erbat ijiem mejjet. Dawn il-ġrajjiet saru kollha għalina li nemmnu, biex hekk insaħħu aktar fina l-fidi f'Ġesù.

**Fl-eżilju ta' Babel**

L-ewwel qari kitbu l-profeta Eżekjel, bniedem li għex fl-eżilju ta' Babel. Ninsabu bejn is-snin 586 u 536, mela medda ta' ħamsin sena. Daqshekk damu l-Lhud f'dan l-imkien ta' niket, dwejjaq u hemm. Dan kien kollu kastig, talli serħu żżejjed fuq il-formaliżmu, dak li kien biss estern. U qalb il-poplu kienet ħafna 'il bogħod minn Alla. Il-poplu Lhudi fl-eżilju kien waqa' fi kriżi kbira ta' kuxjenza. 'Il bogħod minn l-art imqaddsa, it-tempju miknus għal kollox, is-sagrifiċċi ta' kuljum waqfu u tħemdu darba għal dejjem, u l-qassisin kważi ġew maqtulin. Il-jum għażiż tas-Sibt ma għad fadallu ebda tifsira għalihom. Mela fejn hu Alla tagħna? Mela fejn spiċċaw il-wegħdi li Alla għamel lilna permezz tal-patrijarki u tal-profeti!?

Iżda kif naqraw fil-ktieb ta' Ġobb: Alla jagħmillek ġerħa, biex imbagħad jorbothielek. L-eżilju kien iva kastig, u wieħed tassew iebes u ta' mrar. Imma kien wieħed medeċinali. Qatt u qatt ma naqraw fl-Istorja tas-Salvazzjoni li Alla jħalli lil xi ħadd waħdu, imma pjuttost ikompli jiġri warajh, u jgħinu. U hekk ukoll ġara mill-imtarrfin ta' Sijon. Anke f'dak l-imkien ta' tisfija Alla bagħtilhom il-profeti. Fosthom it-tieni Isaija u lill-profeta Eżekjel. Dan tal-aħħar beda jiġbor uħud mill-eżiljati d-dar tiegħu stess u hemm beda jurihom li Alla qiegħed f'fosthom permezz tal-Kelma tiegħu, mela l-ktieb spirat. Hekk bdiet is-sistema sinagogali għal-Lhud. Eżekjel għallimhom ukoll lil Lhud li Alla huwa omnipreżenti, mela jinsab kullimkien, anke magħhom u fosthom hemm fl-eżilju, għallilhom ukoll ir-responsabiltà personali.

**Niftaħ l-oqbra**

Meta Alla ra li l-poplu nidem u nidem sew, u ssaffa minn ħtijietu, nebbaħ lil profeta Eżekjel biex imur ikellimhom, iqawwilhom qalbhom, u jħabbrilhom il-ħruġ tagħhom minn art il-jasar.Fil-kapitlu 37 Eżejkel ra wied miżgħud bl-għadam niexef. Sakemm Eżekjel ra l-Ispirtu, daħlet ir-ruħ f'dawk l-għadam u ħadu l-ħajja. Hekk allura Eżekjel mimli kuraġġ mar jħabbar lil ħutu l-eżiljati fejn qalilhom li Alla se jiftaħ l-oqbra tagħhom biex joħroġhom u iwassalhom mill-ġdid f'art twelidhom. Naturalment hawn Alla ried ikompli iwassal it-tagħlim tiegħu li kien hu li jista kollox li se jagħmel dan kollu favur tagħhom. Fil-fatt hekk ġara, għaliex Ċiru ħareġ editt biex kull min irid jew jixtieq jista jirritorna lejn daru. U numru mdaqqas ta' nies irritornaw jgħixu f'arthom, art il-profeti, art li tnixxi ħalib u għasel.

**Qabar Lażżru**

Nduru issa għal miraklu ieħor tassew kbir u li qanqal tant rabja u nuqqas ta' qbil fost il-Lhud. Dan huwa il-qawmien ta' Lażżru, meta diġa kien ilu erbat ijiem mejjet. Dan il-miraklu jgħajjat b'leħen għoli l-miraklu l-ieħor, dak tal-qawmien ta' Ġesù. Ma dan il-miraklu wkoll, it-teologu Ġwanni jorbot katekeżi qawwija dwar il-ħajja futura, ħajja li irid jgħaddi minnha kull bniedem. Dan tal-qawmien ta' Lażżru huwa l-aħħar wieħed mis-sebgħa SINJALI li jikteb dwarhom Ġwanni fl-Evanġelju tiegħu. L-ewwel sinjal-mirakli sar f'Kana tal-Galilija. Hawn ukoll l-evanġelista wara li ħaseb u irrifletta sew fil-fond, żied ħafna u ħafn dettalji tassew oriġinali u li ma issibhom imkien aktar.

Ġwanni dritt jambjenta l-post u l-familja li magħha sar il-miraklu. Il-familja hija ta' Lażżru, Marta u Marija. Dawn kienu joqgħodu f'Betanja, madwar tlitt kilometri bogħod minn Ġerusalemm. Jidher ċar li Ġesù kellu ġibda u mħabba speċjali lejn din il-familja. Ibda biex Ġwanni jgħidu dan: "Ġesù kien iħobbhom lil Marta u lil oħtha u lil Lażżru". U darb oħra l-

evanġelista jerġa: "Ġesù beka", tant li n-nies ikkonkludew: "Ara kemm kien iħobbu!" (Ġw 11,36). Dan jista jkun għaliex Ġesù meta mill-Galilija kien jitla Ġerusalemm, u kien jgħaddi minn Ġeriko, l-aħħar raħal li jiltaqa miegħu qabel ma jidħol Ġerusalemm kien dak ta' Betanja. Għalhekk xejn ma kien ta' barra minn hawn li Ġesù kien jagħti titwila sew għand din il-familja partikolari għalih. U kif nafu minn episodji oħra fl-Evanġelju, l-ospotalaità ta' din il-familja lejn Ġesù kienet tassew fl-għola grad.

Dettal ieħor marbut mal-miraklu huwa ż-żmien ta' kemm kien diġa ilu mejjet Lażżru. "Erbat ijiem". Din il-partikularita qiegħda hemm sabiex turi li tassew Lażżru kien miet. Kien hemm għajdut fost ir-Rabbin li r-ruħ tista tibqa hemm qrib il-katavru għall madwar tlitt ijiem oħra. Meta imbagħad jgħaddu dawn, ma kien jifdal ebda tama li l-mejjet se jerġa b'xi mod iqum. Mela għal għajnejn tal-Lhud li qatt ma riedu jemmnu u iniżżlu ebda miraklu ta' Ġesù, din ta' Lażżru ma setgħux joħorġu minnha. Tant hu veru dan li l-Fariżej u s-Sinedriju qalu: "X'sejrin nagħmlu" (Ġw 11,47).

L-evanġelista ikompli juri li "ħafna Lhud" marru għand Marta u Marija biex ifarrġuhom", u jikkonslawhom. F'pajjiż sħun bħal ma hija l-Palestina, aktarx li d-dfin isir dejjem fl-istess ġurnata tal-mewt. L-ewwel jaħslu l-katavru, jidilkuħ biż-żjut u l-fwejjaħ, igeżżwruh fil-liżar, jorbtulu wiċċu b'maktur, u wara issir id-difna. Il-qabar ġeneralment ikun wieqaf u mhux mindud. Wara mbagħad jinġabru l-ħbieb, u l-qraba flimkien man-newwieħa biex ifarrġu lill-familjari tal-mejjet. Dejjem skond l-użanzi, anke fi żmien Ġesù, fil-proċessjoni tal-funeral, l-irġiel jimxu għalihom u n-nisa lebsin ilbies iswed u twil, jagħmlu hekk ukoll. Wara d-difna, mbagħad, huma n-nisa biss li jirritornaw lejn il-qabar biex jibku u inewħu hemm. U dan idum għal tletin jum.

**Joħroġ infaxxat**

Iżda il-miraklu kellu isir, u dan sabiex Ġesù juri li tassew huwa għandu qawwa divina. Tant li fil-vers 41, Ġesù rafa' għajnejh 'il fuq u għamel talba lil Alla Missieru. Dan il-ġest huwa wieħed komuni, għaliex Ġesù jibda xi miraklu dejjem b'talba (Lq 18,13). Anke qabel ma beda t-talba saċerdotali, Ġesù għamel l-istess sinjal (Ġw 17,1). Għal Ġwanni, l-ħajja ta' Ġesù hija waħda ta' "tkun magħmula dejjem ir-rieda tiegħek", għaliex Ġesù ma jagħmel xejn mingħajr ir-rieda tal-Missier (Ġw 5,19).

Wara li talab lil Alla Missieru, u quddiem dawk in-nies preżenti, Ġesù "għajjat b'leħen għoli". Il-Grieg jaqra kraugazo, verb li fit-Testment il-Ġdid kollha jinsab miktub tminn darbiet biss. U toħroġ il-għaġeb erba' min tminja dan il-verb "tgħajjat għal-għoli" qiegħed f'San Ġwann fil-kapitli 18-19. Dawn huma in-nies, irrabjati għaliex iridu jaraw lil Ġesù imsallab: "X'ħin rawh, il-qassisin il-kbar u l -għases bdew jgħajjtu u jgħidu" (Ġw 19,6). Minn dan għalhekk wieħed jikkonkludi kemm kien mument solenni u fl-istess ħin ta' riskju għal Ġesù dan il-miraklu ta' Lażżru.

U Lażżru għal għajta kbira ta' Ġesù ħareġ "b'idejh u riġlejh infaxxati u b'maktur ma' wiċċu" (11,44). Hawn deskrizzjoni ċara ta' kif kienu ikeffnu f'dawk iż-żminijiet. Interessanti ħafna mbagħad li fil-kapitlu 20 6-7 il-kapitlu tal-qawmien ta' Ġesù, hawn ukoll jissemmew il-faxex u l-maktur tal-kefen. Mela fiż-żewġ każi għandna l-istess materjal għal kefen. Biss hawn differenza kbira u li minnha wieħed joħroġ tagħlima tassew għolja. Lażżru ħareġ mill-qabar imleflef u marbut kif kien bil-faxex u bil-maktur. Mhux hekk però Ġesù. Iben Alla irxoxta,li għadda mill-mewt għal-ħajja. Imma x'differenza. Il-faxex u l-maktur Ġesù ma ħariġx bihom mill-qabar, imma mingħajrhom. Tant hu veru li kienu hemm mitluqin fil-qabar,. Dan għalhekk ifisser, li fil-waqt li Lażżru kellu jerġa imut, Ġesù kellu jibqa jgħix rebbieħ, sabiħ u glorjuż għal dejjem. Gesu ma kienx fadallu bżonn aktar u la ta' faxex u anqas ta' maktur biex jitkeffen bihom.

Kemm jinstemgħu f'lokhom u x'tifsira tassew mimlija issa għandhom kliem Ġesù: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt". Dan il-kliem misterjuż l-ewwel li ħaddimhom, u ipprattikahom kien Ġesù fil-qawmien tiegħu. Dawn il-kelmiet teoloġikament profondi qiegħdin miktubin fis-santwarju ta' Betanja. F'post li jilqtuk. Nispera li s-sena wkoll nerġa narawhom Jien flimkien mas-seminaristi tagħna ta' Għawdex.

Qegħdin fil-Ġimgħa Mqaddsa. Waħda mit-tifkiriet zikkaron l-aktar suġġestivi, u ta' għaqda hija it-tifkira dejjem ħajja u solenni tat-twaqqif tas-Saċerdozju u tal-Ewkaristija. U billi s-sena hija ddedikata lil dan is-sagrament, ħsibt li naqsam magħkom xi ħsibijiet li ġraw propju fil-"għorfa ta' fuq". Il-papa fl-enċiklika dwar l-ewkaristija apprezza immensament il-fatt li "ġie mogħti lili l-permess li niċċelebra l-Ewkaristija fiċ-Ċenaklu ta' Ġerusalemm, fejn skond t-tradizzjoni hija kienet ġiet imwettqa għall-ewwel darba minn Kristu nnifsu".

Il-Papa kiteb dan, għaliex għal min ma jafx, iċ-ċenaklu mhux f'idejn l-insara, imma ldin għorfa li fiha saret għal ewwel darba l-Ewkaristija, illum qiegħda għand il-Musulmani. U permessi għal quddiesa hemm ma jingħatawx, qatt u lil ħadd. Altru mela li feraħ il-Papa meta qaddes propju fiċ-Ċenaklu.

**L-Ikla tal-Għid**

Ġesù bħall-appostli kollha kien ġej mir-razza tal-Lhud. U għalhekk ta' kull sena għal ħabta ta' nofs April dan il-poplu jagħmel ikla speċjali, ikla ta' tifkira, ikla ta' ordni jiġifieri ħaġa wara l-oħra. Seder. Din l-ikla li issir darba biss matul is-sena, il-Lhud jafuha sew kif titmexxa, u dan għaliex sa minn ċkunithom, it-tfal bil-fors jieħdu sehem fiha. Hija ukoll ikla li titlob qabel ċerta tħejjija serja. Anzi hemm bżonn ta' tħejjija li tmur ftit fil-bogħod, u tħejjija li issir preċiż ftit sigħat qabel l-istess ikla. Eżempju tal-ewwel, dqiq biżżejjed biex bih isir il-ħobż ażżmu u li iservi għal ġimgħa sħiħa. Ħtieġa ta' imbid iswed, għaliex kull membru waqt l-ikla irid jixrob erba tazzi imbid. Ħtieġa ta' ċertu kwalità ta' ħaxix morr. It-tħejjijiet qrib imgħad hemm il-ħaruf ta' matul dik is-sena. Dan irid jieħu ħsiebu l-missier. Ħtieġa assoluta li ma ikissirlu ebda għadma.

Ġesù flimkien ma l-appostli sħabu kienu mill-Ġalilija. Issa sabiex kemm jista jkun jħarsu fl-irqaqat kollha dak li jitlob it-trattat dwar din l-ikla speċjali, Ġesù tela Ġerusalemm. Ta' Alla li kien Ġesù kien jaf sew li kienet waslet sew is-siegħa tiegħu (Ġw 13,1). Għalhekk qabel ma mar biex ibati u imut, Ġesù xtaq u ried li jħallilna l-ogħla, l-isbaħ u l-aqwa rigal: Il-preżenza tiegħu stess taħt ix-xbihat tal-ħobż ażżmu ul-imbid iswed. Il-papa fl-enċiklika dwar l-Ewkaristija jgħid hekk: "Ħallilna d-don per eċċellenza, għaliex huwa rigal tiegħu nnifsu, tal-persuna tiegħu fl-umanità qaddisa tiegħu, kif ukoll tal-opra tas-salvazzjoni". Nru 11.

Għalhekk l-evanġelista Luqa jgħidilna, li Ġesù qal: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati" (Lq 22,15). Il-kelmiet "kelli xewqa kbira" fl-oriġinal huwa aktar qawwijin u ifissru aktar fil-fond il-ħsieb ta' min qalhom, fil-kas tagħna Ġesù. Il-Vulgata taqra hekk: "Desiderium desideravi", li ifisser li l-uniku xewqa li kellu Ġesù hawn fuq l-art kienet dik ta l-Ewkaristija. Ġesù ma kien jara ebda xewqa oħra f'ħajtu għajr dik li jibqa magħna u fostna preżenti fil-ħobż u imbid ikkonsagrat. Ma seta qatt Ġesù iħalli lill-appostli u warajjhom lil kull min jemmen fih, orfni, nieqes mill-preżenza vera, reali u sustanzjali tiegħu stess.

**Ħasil is-saqajn**

L-evanġelista Ġwanni li aktarx waqt l-ikla kien l-aktar wieħed li seta jara', iħoss u josserva dak kollu li qal u għamel Ġesù, jiddeskriva sew ħasil saqajn l-appostlu. Din l-istorja qiegħda biss fir-raba Evanġelju. Meta taqra u terġa taqra bil-kwiet din il-ġrajja tosserva li hemm ċerta tensjoni taħraq f'qalb Ġesù. Ġwanni jiddeskrivi dan kollu billi jagħmel użu minn seba' verbi wieħed wara l-ieħor, qosra fil-kliem, imma mimlijin fit-tifsir tagħhom. Kollox kien lest u imħejji, ilkoll madwar il-mejda tal-ikla speċjali. Għalhekk Ġesù (1) qam, (2) neħħa, (3) ħa, (4) rabtu, (5) ferra', (6) jaħsel, (7) jixxuttahomlhom. Kollox juri ċerta tensjoni u fiha hemm crescendo qawwi ħafna.

Bosta huwa dawk l-ezeġeti li ippruvaw jagħtu interpretazzjoni għal dak li għamel Ġesù, f'mument daqshekk mixtieq, qawwi u għażiż. Ġesù ried jgħallem li bejn l-appostli ma għandux ikun hemm differenzi fil-karigi li għad ikollhom. Gesu ried jagħallimhom li fil-ħajja apostolika tagħhom kellhom jaqdu u iservu lil tant ħuthom fil-bżonn. Ġesù ried jurihom ukoll li biex wieħed

jersaq lejn l-Ewkaristija hemm bżonn li jkun imnaddaf sew minn ġewwa, li fi kliem teoloġiku ifisser fl-istat tal-grazzja.

**Kien bil-lejl**

U biex inkompli nissiġilla l-ħsieb wara din il-biċċa tal-grazzja, insemmu issa dak li ġara fil-kas ta' Ġuda. Ġesù mument minnhom kixef dak li kien qed jittormentah: jiġifieri it-tradiment. L-appostli dak il-ħin tbellħu tassew. Kif soltu tiegħu, Pietru ħa l-inizjattiva f'idejh, għammeż li Ġwanni, fejn qanqlu biex jistaqsi lil Ġesù, min kien dak it-traditur. Ġwanni dan seta jagħmlu liberament, għaliex dak il-ħin kien "mindud hekk fuq sider Ġesù" (Ġw 13,25). Ġesù qabad loqma ħobż ażżmu, billa fil-platt u taha lil Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota. L-evanġelista quddiem din ir-realta iżid jikteb: "Ġuda ħa l-biċċa ħobż u daħal fih ix-Xitan"(Ġw 13,27). Interessanti wkoll, li fir-raba Evanġelju l-unika darba li jissemma x-xitan huwa hawnhekk.

Jaqbel ħafna ma dan il-ħsieb tal-grazzja u d-dnub huwa l-kumment li sar mill evanġelista innifsu hekk kif issa Ġuda ħareġ 'il barra mill-għorfa tal-ikla. L-evanġelista jikteb: "Kien billejl". Huwa kollu veru li skond il-ħin tal-ġurnata kien tassew bil-lejl, u dan għaliex waħda mill-kundizzjonijiet tal-ikla tal-Għid hija li trid tibda issir ma nżul ix-xenx sew u tibqa sejra matul il-lejl. Dan għaliex l-ewwel iklali għamel Mose fl-Eġittu saret matul il-lejl. Iżda hawn ukoll, il-kelma "lejl" il fatt li Ġwanni jiktibha u jorbotha ma Ġuda hawn sgur li għandha tifsira oħra, tifsira aktar fonda. F'ruħ Ġuda kien hemm il-lejl, kien daħal ix-xitan, kien hemm id-dlam sfiq, mela kien hemm id-dnub. Altru mela li hemm bżonn li wieħed jgħarbel sew lilu innifsu qabel ma jersaq biex jitqarben u jinħasel.

**Il-Patt il-ġdid b'Demmi**

L-appostli mdawrin ma Ġesù, meta semgħuh jitkellem mill-patt huma dritt fehmu x'ried ifisser b'dan Ġesù. Dak li kien ġdid għalihom kif ukoll tqil biex inìżżluh kienu l-kelmiet "ġdid" u "b'demmi". L-appostli kemm il-darba qraw dwar il-patt li għamel Mose bejn Alla u l-poplu hemm f'riġlejn il-muntanja Sinaj. (Eż 24). Dan il-patt sar bid-demm tal-annimali. Mose raxx dan id-demm fuq l-artal u fuq in-nies. Bir-raġun għalhekk lil-appostlu stgħaġbu mhux ftit meta issa semgħu lil Ġesù jgħid li l-patt il-ġdid se ikun issiġillat b'demmu!! U hawn qiegħed il-valur infinit ta' dak li dritt ġara wara l-aħħar ċena.

Id-demm tal-patt il-ġdid li xerred Ġesù għalkemm kien fl-istess regolamenti u għan tat-T.Q. però kien jisboqhom bil-bosta, u dan għal diversi raġunijiet:

L-ewwel, għaliex dan id-demm iħalli effetti tal-għaġeb minħabba l-qawwa tal-valur infinit tiegħu. Veru li huwa demm ta' bniedem, "imwieled minn mara" (Gal 4,4) Imma huwa wkoll demm DIVIN. "Id-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub: (1 Ġw 1,7). Għalhekk dan is-sagrifiċċju għandu valur infinit u issa li ġie offrut darba biss, ma jistax jiġi ripetut. "Għax hu b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes" (Ld 10,14).

It-tieni raġuni għaliex is-sagrifiċċju ta' Kristu huwa superjuri minn dawk kollha tat-T.Q. huwa l-fatt tad-disponibiltà totali tal-vittma. "Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti; mbagħad jien għedt; Hawn jien ġej" (Sl 40,7). Din hija xi ħaġa kollha kemm hi ġdida anzi unika. Ibda biex hawn għandna sagrificcju mhux aktar ta annimal, imma ta' vittma umana u l-aktar qaddisa anzi DIVINA. Hawn qiegħed il-patt il-ġdid li tkellem minnu Kristu waqt l-aħħar ikla.

It-tielet raġuni għaliex huwa patt ġdid u jisboq l-oħrajn kollha huwa għaliex il-vittma u min joffriha huma l-istess wieħed, il-persuna adorabbli tal-Bniedem-Alla. Gesu. Dan Ġesù huwa l-qassis u l-vittma fl-istess ħin. Fil-waqt li fit-T.Q. l-qassisin kienu joqtlu u jaħarqu 'l bhejjem lil Alla, u iroxxu demmhom bħala maħfra, issa fil-kas tal-Kalvarju huwa l-qassis il-kbir stess, Ġesù li jbati, imut u iroxx demmu kollu għal fidwa sħiħa tagħna . "Kristu wkoll ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina offerta u sagrifiċċju jfuħu quddiem Alla" (Ef 5,2).

Hawn qiegħed il-kobor u n-nobiltà tal-quddiesa li niċċelebraw ta' kuljum fuq l-artali tagħna.

# 11. KATEKEŻI GĦALL-ĦDUD TAR-RANDAN



**Mons. Giovanni B. Gauci**

*Din is-serje ta' katekeżi dehret fuq il-Bullettin tal-Ħadd tal-Knisja ta' Savina tas-sena 2002 (b'eċċezzjoni tal-katekeżi tat-tieni Ħadd, li dehret fis-sena 2011.)*

## 1. L-Ewwel Ħadd tar-Randan A

"Fil-bidu tar-Randan huwa importanti li nħejju ruħna sabiex nilqgħu b'abbundanza r-rigal tal-ħniena divina. Il-kelma ta' Alla twissina biex nikkonvertu u nemmnu fil-Vanġelu..." (Mid-diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu ll, 17/2/1999) Dawn il-kelmiet tal-Papa għandhom bħal speċi tal-ewwel prietka ta' dan ir-Randan... L-ewwel prietka minn dawk li ser nisimgħu f' dan iż-żmien qaddis tar-Randan.

Il-Papa bil-kliem li semmejna stedinna bie inħejju ruħna ħalli nilqgħu b'abbundanza r-rigal tal-ħniena ta' Alla. Kemm hija sentenza ta' konsolazzjoni għalina din tal-Papa. Kemm jiswielna li naħsbu fuq il-Ħniena Divina li hija rigal hekk kbir ta' Alla Missierna. U hemm bżonn li mhux biss NAĦSBU, imma wkoll INĦEJJU ruħna biex ir-rigal tal-ħniena divina jasal għandna bl-abbundanza kollha li Alla huwa lest li jagħti lilna dan ir-rigal.

Fid-diskors tal-Papa li bdejna bih hawn fuq, insibu wkoll kif għandna nitħejjew biex nilqgħu bil-kotra l-ħniena ta' Alla. Il-Papa jsemmi s-SAWM, il-PENITENZA, l-GĦAJNUNA ĠENERUŻA LIL ĦUTNA L-BNEDMIN. Żgur li dawn it-tliet ħwejjeġ jidħlu fil-programm ta' kull Nisrani li bis-serjetà jixtieq idur lejn Alla jitolbu u jistenna mingħandu l-ĦNIENA.

Nistgħu nitkellmu fuqhom it-tlieta, jiġifieri fuq IS-SAWM, il-KARITÀ mal-proxxmu u l-PENITENZA. U nistgħu niġbruhom it-tlieta f'kelma waħda: nagħmlu PENITENZA... nagħmlu għemil ta' penitenza bis-sawm, bil-karità mal-proxxmu u b'tant modi oħra.

Biex wieħed jasal li jagħmel il-penitenza kif irid Alla, penitenza li togħġob 'l Alla, jeħtieġ ukoll il-grazzja tal-Mulej. Għax il-penitenza tfisser atteġġjament, iġġib magħha ċerta mġieba li ma tantx togħġob lin-natura umana feruta bid-dnub. Il-penitenza ma hiex ħaġa faċli... imma mingħajrha kif nistgħu nsalvaw?

Biex wieħed jasal li jwettaq għemil ta' penitenza jeħtieġlu li jagħmel reżistenza għal ċerti inklinazzjonijiet u ġibdiet oħra li jmorru kontra l-għemejjel tal-penitenza. Hekk pereżempju, il-penitenza tas-sawm... tfisser iċ-ċaħda minn ikel u xorb; imma l-ġibdiet tas-sensi tagħna ma jeħdux gost biċ-ċaħda tal-ikel u tax-xorb. Il-penitenza ġġib magħha mogħdija ta' ċerta tbatija. Hekk pereżempju xħin naċċetta li nagħti flus bħala att ta' karità, jista' wkoll ifisser li din l-għotja ħa ġġib magħha fuqi ċerta tbatija, ikolli niċċaħħad minn xi ħaġa... minħabba l-karità li noffri; ikolli nwarrab kapriċċ li forsi kont xtaqt nagħmel, imma li mhux ħa nkun nista' nagħmlu minħabba l-karità li nkun ser noffri.

Kemm għemil ta' penitenza nistgħu nagħmlu, anke fil-ħajja tagħna ta' kuljum, fil-ħajja ordinarja tagħna, jiġifieri ġo darna, fuq il-post tax-xogħol, ma' ħbiebna, eċċ. Għax il-ħajja tagħna ma' persuni oħra, kienu fejn kienu, kienu min kienu, żgur li ġġib magħha il-BŻONN ta' ħafna kontrolli: kontroll fuq ilsienna, kontroll fuq ir-risposti tagħna bil-kliem jew bil-għemil. Meta persuna tkun tgħix ma oħrajn ... u fil-prattika lkoll kemm aħna niltaqgħu ma' bnedmin oħra, żgur li jkun hemm bżonn ngħassu fuq nfusna biex ma nitilfux is-sabat, ma nispiċċawx bla kontroll fuqna stess: għax jekk nitilfu dan, nistennew splużżjonjiet kontinwi! Imma li tikkontrolla lilek innifsek, li trażżan kontinwament lilek innifsek... dan ifisser tbatija u għan-Nisrani tista' tkun tassew il-penitenza li tqarrbu lejn Alla u ssawwab fuqu l-ħniena divina.

Li naraw 'l Alla, issa dment li għadna fid-dinja, b'dan il-ġisem u kif aħna... dan possibbli; fil-fatt l-Evanġelista Ġwanni kiteb hekk: " Lil Alla qatt ma rah ħadd" (Ġw 1/18). Min-naħa l-oħra l-Bibbja tgħidilna kemm il-Mulej Alla ndaħal fl-istorja tal-bnedmin, anke semma' l-leħen tiegħu: dan seħħ fl-istorja tal-bnedmin; dan seħħ fl-istorja ta' Israel skont il-Kotba tal-Patt il-Qadim u seħħ ukoll wara fl-istorja tal-Patt il-Ġdid. Il-Vanġeli jitkellmu wkoll minn dawk id-drabi fejn Alla l-Missier semma' l-leħen tiegħu: hekk, fil-Ġordan, waqt il-magħmudija ta' Kristu minn Ġwanni ssemma leħen il-Missier; waqt it-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù fuq it-Tabor "minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: DAN HU IBNI L-GĦAŻIŻ, LI FIH SIBT L-GĦAXQA TIEGĦI: ISIMGĦU LILU".

Ma deherx il-Missier Alla iżda semma' leħnu. U kull darba li l-Missier Alla semma' leħnu... dan il-leħen ma kienx indirizzat lejn IBNU... iżda lill-bnedmin. U hekk leħen il-Missier kien ta' xhieda favur Ibnu Ġesù. Il-Missier Alla ried li bi kliemu jixhed favur l-Iben naturali tiegħu Kristu Ġesù; ried juri li Ibnu kellu kull setgħa fl-art u fis-sema. Il-Missier Alla ried juri lill-bnedmin li kliem Ġesù kellu l-approvazzjoni sħiġa tal-Missier innifsu u għahekk qal: Isimgħu Lilu.

Meta Alla l-Missier tkellem b'dan il-mod fuq Ġesù ħeġġiġna biex nisimgħuH, il-Missier kien qed jagħti garanzija divina favur il-missjoni ta' Ibnu Ġesù. Il-LEĦEN li nstema' jgħid ISIMGĦU LILU ma kienx leħen ta' xi anġlu ... ta' xi appostlu ... ta' xi bniedem qaddis: kien leħen il-Missier Alla stess.

Meta noqgħodu naħsbu ftit fuq dan, ħafna ħsibijiet jiġuna f'moħħna. Jiġina f'moħħna l-ħsieb taċ-ċertezza jiġifieri inħossuna żguri, ċerti mill-verità li toħroġ minn fomm l-Iben ta' Alla għaliex għalih xehed il-Missier Etern; jiġina f'moħħna ħsieb li meta nisimgħu l-kelma ta' Kristu, moħħna għandu jiddawwal u f'qalbna għandna titnissel ċerta paċi għax kliem Ġesù jserraħ il-qalb u jdawwal moħħ il-bniedem anke fil-mumenti l-aktar mdallma fil-ħajja ta' kull bniedem.

Tisma' lill-Kristu jfisser li tkun tisma' 'l Alla innifsu.

Imma, mill-banda l-oħra, f'moħħna jiġu ħsibijiet oħra li xejn ma jġibu magħhom il-paċi f'qalbna. Għaliex... għalkemm il-Missier Etern qalilna ISIMGĦU LILU (lil Ġesù Ibnu)... imma kemm huma dawk li fil-verità jisimgħu kliem KRISTU... jisimgħu kliem Kristu u jimxu tassew fuq kliemu?

In-nies tad-dinja mhumiex kollha NSARA. Anzi ... anqas in-nies ta' Malta u Għawdex mhuma kollha Nsara. Imma l-akbar gwaj qiegħed hawn: minn dawk li bil-kliem jgħidu li huma dixxipli ta' Kristu (Nsara), fil-fatt, kemm tassew huma hekk? Li tistqarr bil-kliem biss, dan quddiem Alla ma għandu ebda siwi. Wara kollox, kien Ġesù nnifsu li qal li mhux kull min jgħid (bil-fomm biss) Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet, imma kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla l-Missier... dan hu li jidħol fis-saltna. U f'imkien ieħor tal-Vanġelu naqraw li Ġesù jgħid li min iħares kliemu hu dak li tassew iħobbu, mentri min kliemnu ma jħarsux, dak ma jħobbux.

Kultant tistagħġeb kif aħna l-bnedmin nippruvaw naqdu ''l Alla u lix-xitan fl-istess waqt... u ninsew li dan ma jistax ikun. Ma' Kristu u max-Xitan... skont kif jaqblilna.

Ma hemmx dubju li l-vanġelu bl-istorja tas-Sammaritana kien wisq addattat bħala katekeżi għal dawk li kienu qegħdi jitħejjew biex jirċievu l-Magħmudija fil-Vġili tal-Għid... jiġifieri meta fl-ewwel sekli, kienu bosta dawk ta' età kbira li kienu jiġu aċċettati fir-Reliġjon Nisranija.

Is-silta tal-Vanġelu turina waħda mara mis-Samarija li kienet marret timla l-ilma minn bir u hemmhekk, bilqiegħda għax għajjien bil-mixi u bis-sħana wkoll, kien hemm Ġesù... li talab lil din il-mara biex tagħtih jixrob. Il-mara nħasdet għal dik it-talba. Mhux għax kienet tibża' mill-irġiel: anzi, minn dawn kellha diġà ħamsa, imma għax dak ir-raġel mill-bixra ta' wiċċu deher li huwa raġel Lhudi u bejn is-Sammaritani u l-Lhud kienet teżisti l-mibgħeda għal xulxin.

Imma dak ir-raġel ma kienx bħal Lhud l-oħra. Dik il-mara stess waslet biex tammetti dan għal għall-ewwel sejħitlu Lhudi, imbagħad Sidi, imbagħad Profeta! U aktar tard, meta ħarġu ħdejh għadd ta' Samaritani biex jivverifikaw dak li kienu semgħu minn fomm dik il-mara, huma stqarrew: "... sirna nafu li dan tassew hu s-salvatur tad-dinja." U tabilħaqq bħala salvatur tal-erwieħ aħna naraw lil Ġesù jistenna lil din il-mara: din marret hemm biex, bħas-soltu, timla l-ilma għall-bżonnijiet ordinarji tal-ħajja tagħna. Imma Ġesùkien hemm jistennieha biex isalvaha... bħalma stenna, pereżempju, lil Pawlu l-Appostlu Missierna fit-triq ta' Damasku.

Hemm ħafna punti ta' riflessjoni fl-episodju li qegħdin insemmu u fid-diskursata li għaddiet bejn Ġesù u din is-Samaritana. Punt partikolari huwa dan: Ġesù jagħmel differenza bejn l-ilma ta' dak il-bir... u l-ilma li kellu Hu. L-ilma tal-bir... kien jinxtorob u wara terġa tħoss l-għatx; l-ilma ta' Ġesù, min jixrob minnu ma jkun qatt bil-għatx u ġewwa fih isir għajn li tnixxi l-ilma għall-ħajja ta' dejjem. Dik il-mara, żgur li għall-ewwel ma fehmitx is-sens ta' kliem Ġesù. Aħna... nistgħu nifhmu aħjar mill-mara Sammaritana.

Lil din il-mara... u lilna wkoll, Ġesù qalilna li nistgħu nfittxu l-ILMA tad-dinja... imma Hu biss għandu l-ILMA li jaqta' tassew l-għatx. Fil-figura tal-ilma tad-dinja, aħna nistgħu naraw l-pjaċiri, il-gosti u elf attrazzjoni oħra li nsibuhom madwarna. Nixxenqu għal tant ħwejjeġ u nistinkaw biex nakkwistawhom... inbatu u nissagrifikaw lilna nfusna u meta jkollna f'idejna dak li xtaqna, bosta u bosta drabi, malajr nintebħu m'aħniex sodisfatti, m'aħniex bi kwietna; insomma qalbna tkun għad fiha l-vojt!

Imma mhux hekk f'dak li jagħtina Ġesù. Il-figura tal-ilma li Hu lest jagħtina hija marbuta mal-paċi tiegħu, mas-serħan tal-qalb li Hu biss kapaċi jitfa' f'qalb il-bniedem.

Fil-kuntest ta' dan li qegħdin ngħidu hawnkek, insemmu x'jgħid l-Isqof Fulton J. Sheen. Hemm żewġ kategoriji ta' bnedmin: dawk li diġà sabu 'l Alla u dawk li għadhom ifittxuh, u jħossuhom tant għatxana għaliH. Hemm bosta li jħossu l-preżenza ta' Alla ġo fihom li timlihom b'tant u tant paċi; mhux li ma jkunux imħabbtin, mhux li jbatux u ma jibkux, imma jħossu 'l Alla kontinwament ħdejhom... magħhom... u jgħixu fihom: dan jagħtihom qawwa li ma tintrebaħx.

Imma hemm ukoll dawk lil qegħdin ifittxu 'l Alla u jixtiequ jsibuh. Ma nistgħux ngħidu li huma jħossu l-preżenza ta' Alla bħal dawk li semmejna, imma jħossu u jbatu għaliH għaliex għalihom NIEQES. Jeħtieġ li jintebħu bil-bżonn tagħhom; jeħtieġ li bħas-Samaritana jisimgħuH ikellimhom. Il-qawwa tal-grazzja tiegħU u mħabbtu għalihom, fl-aħħar tirbaħ lilhom ukoll: imbagħad isiru jafu li Hu biss il-paċi ta' qalbhom!

Dak li stqarr li hu d-dawl tad-dinja, li hu għandu d-dawl tal-ħajjau min jimxi warajh, iżaomm ruħu 'l bogħod mid-dlamijiet – dak hu Ġesù li llum narawh jagħti d-dawl lil wieħed agħma minn twelidu.

Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna ħaġa li diġà semmejna fil-Ħdud li għaddew jiġifieri li ħafna mill-qari li aħna naqraw waqt il-quddies tar-Randan kien jinqara wkoll, l-istess siltiet, mijiet ta' snin ilu, fl-ewwel sekli, bi tħejjija għall-magħmudija tal-insara l-ġodda. U s-silta tal-Vanġelu tal-lum żgur li kienet wisq addatata għal dak li qegħdin ngħidu: l-agħma min twelidu jieħu d-dawl bis-saħħa ta' Kristu! Dan l-għaġeb, jiġifieri mirakoluż tal-agħma jseħħ... iseħħ tassew b'għaġeb aktar kbir fil-bniedem li bil-fidi l-ġdida jiġi ammess fil-Knisja bis-Sagrament tal-Magħmudija.

Aħna nistgħu noqgħodu nirriflettu ftit liema bidla seħħet f'dak ir-raġel agħma... agħma minn twelidu, wara li ngħata d-dawl minn Ġesù Kristu. Bis-saħħa tad-dawl li rċieva huwa beda jara l-wiċċ tal-ġenituri tiegħu, ta' ħutu, ta' qrabatu; beda jara fejn kien twieled, fejn kien joqgħod jittallab il-karità fi żmien il-miżerja tiegħu. Beda jara... kif ikunu l-ilwien, kif ikunu l-annimali, kif ikun il-ġmiel tal-ħolqien opra tal-Ħallieq . Beda jgħix ħajja oħra... ħajja tassew differenti minn ta' qabel!

Mil-ġrajja tal-agħma minn twelidu li tfejjaq minn Kristu ngħaddu għal ġrajja tagħna nfusna... li darba wkoll irċivejna d-dawl bis-saħħa tal-fidi tagħna fi Kristu u ġejna ssiġillati bħala membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu (il-Knisja) bis-Sagrament tal-Magħmudija. Għax tassew ma nistgħu qatt nifhmu biżżejjed liema bidla sseħħ fina meta nirċievu l-magħmudija; jgħidilna l-Appostlu Missierna f'dan ir-rigward li bil-magħmudija tagħna aħna sirna "dawl fil-Mulej" (Ef 5,8).

Waħda mill-ħwejjeġ li tfixkel ħafna r-riflessjoni tagħna f'dan li qegħdin ngħidu, jiġifieri fil-bidla tal-għaġeb li sseħħ bil-magħmudija, hija li aħna naċċettaw b'ċerta trankwillità jew forsi aħjar ngħidu b'ċerta apatija l-fatt tal-magħmudija tagħna. Għandna naħsbu li biex il-magħmudija tagħtina dik l-abbundanza ta' ġid... kien meħtieġ l-azzjoni ta' Kristu bħala Salvatur jiġifieri wkoll l-offerta tiegħu nnifsu fuq il-Kalvarju. Il-magħmudija twaslilna l-ġid tal-fidwa li għaliha ĦALLAS u ħallas b'demmu l-Iben ta' Alla.

Il-bidlu minn stat għal stat ta' ħajja li seħħet fl-agħma tal-Vanġelu, sseħħ ukoll fina bil-magħmudija: ninħelsu mill-jasar tad-dnub, noħorġu mid-dlamijiet u nidħlu fil-mixja tad-dawl... dixxipli ta' DAK li waħdu u hu biss huwa DAWL MINN DAWL.

Il-grazzja tal-magħmudija tagħna trid tkun xi ħaġa li titpoġġa fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Kif nistgħu nagħmlu dan? Il-magħmudija taqlana minn post u tħawwilna f'post differenti. Toħroġna minn triq u tpoġġina fuq triq oħra... mexjin fid-dinja, mexjin fl-istess dinja bħal tant bnedmin oħra, imma... mexjin bħala dixxipli ta' Kristu u fuq il-passi tiegħu. Il-magħmudija ma tagħtinix il-ġwienaħ biex intir barra mid-dinja... imma tagħtini l-qawwa biex il-ħsibjiet tiegħi, ix-xewqat tiegħi, l-egħmil tiegħi... ma jkunx oppost għal dak li jistenna minni Kristu. Nibqgħu ngħixu fid-dinja, nitħalltu mal-bnedmin l-oħra, inħossu l-bżonnijiet jagħfsu fuqna... nibku u nbatu bħal tant bnedmin oħra... imma kollox naraw b'nuċċali ġdid: in-nuċċali tal-fidi. Xejn ma jwassalna biex naqtgħu qalbna għax nemmnu li magħna għandna 'l Kristu; xejn ma jasal li jsaħħarna u jitilfilna rasna, għax l-aqwa ġid, l-aqwa ġmiel huwa Kristu; Hu waħdu jkun l-paċi sħiħa ta' qalbna.

Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tispikka għar-rifernza tagħha għall-Qawmien mill-mewt. Fl-ewwel lezzjoni naqraw: "U jien nqiegħed ruħi fikom, u terġgħu tieħdu l-ħajja." Huwa l-Profeta Eżekjel li biex iserraħ ras il-poplu u jħejjih għall-ħajja ġdida wara l-eżilju, jitkellem mill-ftuħ tal-oqbra u mill-ispirtu ta' ħajja li l-Mulej isawwab f'dawk li kienu gozz għadam. Il-qawmien għall-ħajja jitfisser b'mod tal-għaġeb mill-miraklu ta' Lazzru li kien ilu erbat ijiem mejjet. Dak li kien qal Kristu "Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jkollu l-ħajja; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt" hu realizzat bil-qawmien tal-mejjet Lażżru. Kienet biżżejjed il-kelma ta' Kristu "Lazzru, oħroġ" biex il-mejjet ħareġ minn ġol-qabar!

Imma r-riflessjoni tagħna f' dan il-Ħadd meta r-Randan wasal qrib it-tarf tiegħu mhux ħa tkun fuq il-qawmien mill-mewt bħalma ġara lil Lazzru... mhux il-qawmien mill-mewt tal-ġisem, imma l-qawmien mill-mewt tar-ruħ, tar-ruħ li tkun maħkuma u mjassra mid-dnub. Dak Kristu li bis-saħħa ta' żewġ kelmiet ħareġ mejjet minn qabru, dak huwa l-istess Kristu li lill-midneb jerġa' jagħtih il-ħajja... il-ħajja fil-grazzja.

Dawk li kienu qegħdin jiġu meħħijija biex jirċievu l-magħmudija fil-Vġili tal-Għid, kien jeħtiġilhom jifhmu sewwa l-importanza tal-ħajja bogħod mid-dnub. Il-ħajja ta' qabel il-magħmudija kienet, kif qrajna fit-tieni lezzjoni skont l-Appostlu Missierna, ħajja "skont il-ġisem" u biha ma setgħux "jogħġbu lil alla". Issa kien meħtieġ ħajja oħra, ħajja ġdida "skont l-Ispirtu, la darba hemm l-Ispirtu ta' alla jgħammar fikom". U dan li qegħdin ngħidu hawnhekk jeħtieġ napplikawh għalina nfusna. Hemm bżonn ngħixu ħajja skont l-Ispirtu ta' Alla... aħna li rċivejna l-Magħmudija.

Ikun jiswa lilna stess jekk aħna nidraw neżaminaw ta' spiss ħajjitna biex naraw aħnies ngħixu skont l-Ispirtu ta' Alla jew skont l-Ispirtu tal-Ħażin. Fi kliem ieħor, noqgħodu attenti li ma nkunux bħal Lazzru... mejtin qalb l-intiena tal-qabar tad-dnubiet tagħna. Aħna rċivejna l-Ispirtu ta' Kristu fil-Magħmudija tagħna... tant u tant snin ilu. Dak l-Ispirtu jibqa' jgħammar fina... sakemm aħna ma mmutux bid-dnub, b'ħajja imwaħħla mal-vizzju... ħajja skont il-ġisem u mhux skont l-Ispirtu ta' Alla. Jekk aħna nintebħu li qegħdin fil-qabar tad-dnubietna... nisimgħu l-kelma li Kristu għadu jgħidilna, kif darba qal lil Lazzru: OĦROĠ MINN QABREK. Hija l-vuċi ta' Kristu li jsejħilna biex nibdlu ħajjitna... nikkonvertu bis-serjetà u nwarrbu l-imgħoddi.

Jekk aħna nistagħġbu – u bir-raġun – għall-ġrajja ta' Lazzru mqajjem mill-mewt, kemm nistgħu nistagħġbu aktar għall-ġrajja ta' tant u tant bnedmin li, wara snin f' ħajja tad-dnub, jiġu msejħa għall-grazzja u l-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla! Għax tabilħaqq fi ħwejjeġ bħal dawn hemm is-sustanza... waqt li ħwejjeġ oħra jistgħu ma jkunu jġibu xejn tassew ta' ġid magħhom. Ħalli nfissru ruħna. Li mmorru għall-purċissjonijiet, li nieħdu sehem fihom, li nitħabtu għall-organizzazzjoni tagħhom... dan kollu jista' ma jkun ta' ebda ġid spiritwali JEKK ruħna tkun għadha midfuna fid-dnubiet tagħna. Dawn nistgħu nitnaddfu minhom bis-saħħa tal-ħniena li l-Mulej żgur jurina meta nersqu nitolbuh maħfra fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Qrar... qrara tajba li tkun tfisser bidla vera mill-imgħoddi żbaljat tagħna.

# 12. EŻERĊIZZI TAR-RANDAN



**Mons. Carmelo Mercieca**

***Proposta għall-Eżerċizzi tar-Randan***
***f'rabta mal-Pjan Pastorali Djoċesan 2014-2016***

**Tema:**
Il-Kmandamenti:
"Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?"

- L-enfasi ssir fuq il-valuri, l-atteġġjamenti u l-virtujiet li l-Kmandamenti jippromovu

**Kotba ta' Riferiment:**
1. Benedittu XVI, Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja, Numri 434-533. (http://laikos.org/librerija_laikos_menu_2011_ver2.htm)
2. Nikol Cauchi, Il-Morali tal-Kmandamenti u l-Beatitudnijiet

**L-ewwel jum:** L-ewwel tliet Kmandamenti
- Kompendju, n.434-454
- Cauchi, paġni 18-35

**It-tieni jum:** Ir-raba' Kmandament
- Kompendju, n.455-465
- Cauchi, paġni 36-42

**It-tielet jum:** Il-ħames Kmandament
- Kompendju, n.466.470-479
- Cauchi, paġni 43-47

**Ir-raba' jum:** Is-sitta u d-disa' Kmandament
- Kompendju, n.487-502.527-530
- Cauchi, paġni 48-51

**Il-ħames jum:** Is-seba', it-tmienja u l-għaxar Kmandament
- Kompendju, n.503-526.531-533
- Cauchi, paġni 52-58

# 13. KATEKEŻI DWAR IL-KMANDAMENTI



Archdiocese of Kansas City
http://archkckblog.wordpress.com/?s=catechesis&submit=Search

## 1. Catechesis on the First Commandment

Jesus said to the rich young man, "If you would enter life, keep the commandments" (Mt. 19:17). Even though Jesus came to give us a new law and a new covenant, He makes it clear that His followers must keep the commandments. He did not come to abolish the Ten Commandments but to fulfill them (cf. Mt. 5:17-20).

Our Lord invites us to discover the Ten Commandments anew. He lived them perfectly and revealed their full meaning. Even more, He now gives us His Holy Spirit so that we can keep the commandments, despite our fallen nature. He also has left us the Sacrament of Reconciliation, so that He can pour out His abundant mercy upon us whenever we fail to live according to the commandments.

He interpreted the Ten Commandments in light of the twofold commandment of love: Love God with all your heart, soul, and mind, and love your neighbor as yourself (Mt. 22:36-40). Traditional catechesis divides the commandments accordingly, first covering those that pertain to the love of God (nos. 1-3), and then addressing the commandments that pertain to the love of neighbor (nos. 4-10).

Another word for the Ten Commandments is the Decalogue, which means "ten words" (Ex. 34:28). These "words" summarize the law given by God to Moses as the blueprint for living a good life free from slavery to sin.

These "words" are perennial valid. For that reason, Christians must keep the commandments. They express our fundamental duties owed in justice toward God and neighbor. Upon this foundation, the virtues of faith, hope, and especially charity are able to flourish in us.
Over the course of this recurring series of blog posts, I will try to provide a contemporary catechesis on the commandments, based on the *Catechism of the Catholic Church*.

Let's begin at the beginning, with the First Commandment:
**I am the LORD your God: you shall not have strange Gods before me.** (see Catechism, nos. 2084-2141)

The first part of this commandment exhorts us to praise and adore God, acknowledging Him as the Lord of everything that exists. Practically speaking, this commandment calls us to cultivate the theological virtues of faith, hope, and charity:

Through ***faith*** we believe all that God has revealed through Christ as proclaimed by His Church, as we reject sins such as deliberate doubt, heresy, schism, and apostasy.

Through ***hope*** we place all our trust in God's goodness and promises, and we reject the sins of despair and presumption.

Through ***charity*** we love God above all things, and we reject sins such as indifference, lukewarmness (cf. Rev. 3:14-16), and ingratitude.

The second part of this commandment instructs us not to worship other gods. What does that mean for us today? The Catechism identifies some sins that are violations of this commandment:
**Superstition and Divination:** Any deviation from the authentic worship of God. Some extreme forms would include calling upon Satan himself or conjuring up the dead. This also includes consulting horoscopes, astrology, tarot cards, and various "New Age" practices.
**Idolatry:** This involves more than mere pagan worship. Anytime we put money, power, or any creature in the place of "God," we have committed idolatry.

**Irreligion:** The failure to give what is due to God. This includes the sins of putting God to the test, sacrilege, and simony.
**Atheism and Agnosticism:** The former is the outright rejection of God's existence, the latter is a persistent uncertainty that can easily give rise to indifferentism and practical atheism.
The full biblical text of the First Commandment includes the command: "You shall not make for yourself a graven image . . ." (Exodus 20:4).

The Catholic Church is known for its promotion of sacred art, and many Catholic homes have crucifixes as well as statues, icons, and paintings of the Blessed Mother and other saints. Is that a violation of the First Commandment?

There's a big difference between an image that reminds us of the one, true God and our brothers and sisters in the Lord, and an image that actually takes the place of God. Catholics understand, for example, that the crucifix is a reminder of God's saving act on Calvary. We don't worship the crucifix as though it were God.

It's a good question, though. In fact, it's such an important question that the Church formally addressed this very issue at the Second Council of Nicaea in 787, over 200 years before the Eastern Schism and over 700 years before the rise of Protestantism. The Council affirmed that the veneration of sacred images is rooted in the mystery of the Incarnation and is not contrary to the First Commandment.

## 2. Catechesis on the Second Commandment

Last week we began at No Place Like Home a catechetical series on the Ten Commandments by focusing on the First Commandment ("I am the Lord your God; you shall not have strange gods before me").

Today we turn to the Second Commandment:
**You shall not take the name of the LORD your God in vain.**

The name of the Lord is holy. In the Old Testament, the Lord's name was considered so holy that it wasn't even spoken aloud (see Catechism, nos. 206-09).

As Christians, we have been baptized "in the *name* of the Father, and of the Son, and of the Holy Spirit." We recall our Baptism when we begin our daily prayers or activities with the Sign of the Cross ("In the *name* of the Father . . .").

The Second Commandment calls us to show reverence and respect to God's name. When we do this, we are simply showing Him the respect He deserves (see Catechism, no. 2144).

Here are some of the ways we keep the Lord's name holy:
**Fostering a sense of the sacred, of God's presence and action in our midst.**
**Proclaiming without fear our belief in the Holy Trinity.**
**Listening attentively to the Word of God.**
**Offering prayers of praise and thanksgiving, and by invoking His name in times of need.**
**Taking oaths very seriously, in honesty and integrity, as taking an oath ("swearing to God") is to call upon God as a witness to the truth of what we are saying.**

The two principal sins against the Second Commandment are blasphemy and perjury.
*Blasphemy* is any speech, thought, or action involving contempt for God. It forbids the use of the names of the persons of the Trinity–as well as the Blessed Virgin Mary and the saints–in an offensive way. Blasphemy is a sinful failure to respect God.
*Perjury* is the deliberate lying or withholding of truth when under oath. This also shows a serious lack of respect for God, whom we ask to be a "witness" to our dishonesty.

Not only do we invoke the name of the Lord, but He likewise calls each one of us by *name* (see Isaiah 43:1). Every Christian man, woman, and child has his or her own personal vocation to follow Jesus, as each individual follower is unique and precious to Him. This truth also reminds us of the significance of the Christian name given to us at Baptism.

The saints through the ages have borne witness to the Holy Name of Jesus. Here are a few noteworthy examples:

"At the name of Jesus every knee should bow, in heaven and on earth and under the earth, and every tongue confess that Jesus Christ is Lord, to the glory of God the Father." –St. Paul (Philippians 2:10-11)

"St. Paul bore the Name of Jesus on his forehead because he gloried in proclaiming it to all men; he bore it on his lips because he loved to invoke it; on his hands, for he loved to write it in his epistles; in his heart, for his heart burned with love of it." –St. Thomas Aquinas

"Jesus, Name full of glory, grace, love and strength! You are the refuge of those who repent, our banner of warfare in this life, the medicine of souls, the comfort of those who mourn, the delight of those who believe, the light of those who preach the true faith, the wages of those who toil, the healing of the sick. To You our devotion aspires; by You our prayers are received; we delight in contemplating You. O Name of Jesus, You are the glory of all the saints for eternity. Amen." –St. Bernardine of Siena

We turn this week to the Third Commandment, the final commandment that relates to our responsibilities toward God. The remaining commandments will specify how we are to live out our vocation to love our neighbor as ourselves.

**Remember to keep holy the LORD's Day.**
The seventh day of the Jewish week is called the sabbath day. The Third Commandment, originally given to Moses for the chosen people, is all about observing "rest" on the sabbath, thereby making it holy, or set apart for God. As Scripture says: "Six days shall work be done, but the seventh day is a sabbath of solemn rest, holy to the LORD" (Ex. 31:15).

